KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 6.4.2005
KUMM(2005) 122 finali

2005/0037 (COD)
2005/0038 (CNS)
2005/0039 (CNS)
2005/0040 (COD)

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 programm ta' qafas dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

Li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 il-programm speċifiku "Il-ġlieda kontra l-vjolenza (Daphne) u l-prevenzjoni tad-droga u l-informazzjoni dwarha" bħala parti mill-programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja"

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

Li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 il-programm speċifiku "Drittijiet Fundamentali u Ċittadinanza" bħala parti mill-programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja "

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

Li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 il-programm speċifiku "Ġustizzja Kriminali" bħala parti mill-programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja"

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

Li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 il-programm speċifiku "Ġustizzja Ċivili" bħala parti mill-programm ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja"

(preżentati mill-Kummissjoni)

{SEG(2005) 434}

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 programm ta' qafas dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja

Il-Komunikazzjoni li tistabbilixxi programm ta' qafas dwar "Id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja" hija parti minn grupp koerenti ta' proposti li għandhom l-għan li jipprovdu appoġġ xieraq għal żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja taħt il-perspettivi finanzjarji ta' l-2007. Tabilħaqq, it-tliet għanijiet ewlenin tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja għandhom jiġu żviluppati fl-istess ħin u bl-istess grad ta' intensità, u b'hekk jagħtu lok għal metodu bbilanċjat, ibbażat fuq il-prinċipji tad-demokrazija, tar-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u tas-supremazija tad-dritt. Kull wieħed minn dawn l-għanijiet huwa soġġett għal programm ta' Qafas, li jipprovdi għall-koerenza meħtieġa bejn l-interventi f'kull qasam ta' politika, u li jorbot b'mod ċar l-għanijiet politiċi u r-riżorsi disponibbli biex jappoġġjawhom. Barra minn hekk, din l-istruttura tirrappreżenta simplifikazzjoni ewlenija u razzjonalizzazzjoni ta' l-appoġġ finanzjarju eżistenti fil-qasam tal-libertà, tal-ġustizzja u tas-sigurtà, u b'hekk tkun possibbli flessibilità akbar fl-allokazzjoni tal-prijoritajiet u żieda fit-trasparenza ġenerali.

1. DAĦLA

L-integrazzjoni Ewropea mxiet 'il quddiem primarjament fl-isfera ekonomika, bit-twaqqif ta' Suq Wieħed u munita waħda. It-twaqqif ta' żona ekonomika integrata, mingħajr fruntieri, kienet, kif previst mit-Trattat ta' Amsterdam, ikkomplementata bil-ħolqien ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Issa din iż-żona trid tiġi żviluppata u tissaħħaħ aktar.

Fil-Komunikazzjoni "Nibnu l-Ġejjieni Komuni Tagħna: L-isfidi tal-politika u tal-mezzi baġitarji ta' Unjoni Ewropea Mkabbra għall-2007-2013"[1] il-Kummissjoni iddikjarat li *"Il-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja huma valuri ewlenija li jikkostitwixxu komponenti essenzjali tal-mudell Ewropew tas-soċjetà. (...) F'dan il-kuntest, l-iżvilupp ta' din id-dimensjoni ta' l-Unjoni Ewropea hija fruntiera ġdida għall-integrazzjoni: żona tabilħaqq ta Libertà, Sigurtà u Ġustizzja hija sies indispensabbli fil-bini ta' l-Unjoni Ewropea, fiċ-ċentru tal-proġett politiku għal Unjoni Mkabbra"*[2].

L-aspetti differenti taż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jiffurmaw bilanċ bejn il-garanzija tad-drittijiet ewlenin ta' l-individwu u li jitwasslu r-responsabbilitajiet ewlenin mistennija mill-Unjoni[3].

---

1 KUMM(2004) 101.

2 "Nibnu l-Ġejjieni Komuni Tagħna: L-isfidi tal-politika u l-mezzi tal-baġit ta' l-Unjoni Mkabbra għall-2007-2013" KUMM(2004) 101, 10.2.2004.

3 "*Il-libertà hija l-prinċipju li jgħaqqad, il-pern tal-proġett Ewropew. Iżda mingħajr is-sigurtà, mingħajr sistema ta' liġi u ta' ġustizzja rikonoxxuta mill-poplu, l-eżerċizzju tal-libertà u tar-rispett għall-valuri demokratiċi ma jistax ikun iggarantit. Iż-żona Ewropea tal-Libertà, tas-Sigurtà u tal-Ġustizzja għalhekk tipprovdi garanzija għall-prinċipji tad-demokrazija u għar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Bħala element essenzjali taċ-ċittadinanza Ewropea, l-għarfien komuni ta' dawn il-prinċipji, li issa huma inkorporati fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, hija l-pedament ta' l-integrazzjoni għal kull min jgħix fl-Unjoni",* "Proġett għall-Unjoni Ewropea" - KUMM(2002) 247.

L-iżvilupp ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja hija reazzjoni għal interess fundamentali tal-popli ta' l-Istati miġbura flimkien ġewwa l-Unjoni. Għal dik ir-raġuni, il-Kunsill Ewropew adotta l-Programm ta' The Hague f'Novembru 2004, biex ikompli fuq il-programm adottat mill-Kunsill Ewropew ta' Tampere fl-1999. Filwaqt li bena fuq ir-riżultati tal-programm ta' Tampere, il-Programm ta' The Hague jippreżenta aġenda ġdida biex l-Unjoni tkun tista' tiżviluppa aktar dak li diġà nkiseb u tiffaċċja sfidi ġodda. Jenfasiżża wkoll li l-ħolqien ta' Ewropa għaċ-ċittadini jeħtieġ mhux biss ir-rispett sħiħ tad-Drittijiet Fundamentali, iżda wkoll li dawk id-drittijiet jiġu promossi b'mod attiv.

Bl-integrazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, it-Trattat Kostituzzjonali jagħraf il-valuri u l-għanijiet ta' l-Unjoni. Barra minn hekk, l-adeżjoni għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (ECHR) se ssaħħaħ l-impenn Ewropew għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem bl-introduzzjoni ta' reviżjoni ġudizzjarja esterna ta' kemm l-Unjoni Ewropea tosserva d-drittijiet fundamentali[4]. Protezzjoni u inkoraġġiment akbar tad-drittijiet fundamentali jimplikaw ukoll li għandha tittieħed azzjoni aktar miftiehma kontra l-fenomeni tar-razziżmu, tal-ksenofobija u ta' l-anti-semitiżmu billi jingħata appoġġ akbar għad-djalogu bejn ir-reliġjonijiet u bejn il-kulturi differenti, sabiex jitrawmu l-ftehim u l-għarfien reċiproku.

Dawn l-iżviluppi jimplikaw rinforz sinifikanti tal-valuri fundamentali li huma fiċ-ċentru tal-proġett Ewropew. L-Unjoni se tkun legalment obbligata mhux biss li tirrispetta dawn id-drittijiet u valuri, iżda wkoll li tassigura li jingħataw inkoraġġiment b'mod effettiv fl-oqsma kollha tal-politika (kemm interni kif ukoll esterni) li fihom għandha l-kompetenza l-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk l-attivitajiet ta' sorveljanza se jkollhom jiżdiedu b'mod mgħaġġel biex jiġi assigurat li l-Istati Membri jadottaw l-istess metodu fl-oqsma tal-kompetenza tagħhom, b'mod partikolari fil-kuntest ta' Unjoni dejjem akbar u b'diversità dejjem akbar u l-isfidi li dan ser iġib miegħu. Il-promozzjoni taċ-ċittadinanza Ewropea għandu jiżviluppa sens ta' appartenenza f'unjoni li għandha l-istess drittijiet u valuri fundamentali, filwaqt li żżomm u tirrispetta d-diversità tal-kulturi u tat-tradizzjonijiet tal-popli ta' l-Ewropa.

Il-ġlieda kontra l-vjolenza tifforma b'mod ċar parti mill-ħarsien tad-drittijiet kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, b'mod partikolari d-dritt għall-integrità fiżika. Ir-rabtiet bejn il-vjolenza u bosta drittijiet oħrajn fundamentali (il-libertà, is-sigurtà, is-saħħa, ix-xogħol, eċċ.) huma tant b'saħħithom li l-implimentazzjoni ġenerali ta' dawn id-drittijiet, kif jirrelataw ma' l-integrità fiżika tal-persuna, għandha tiġi appoġġjata. L-istess japplika għall-ġlieda kontra l-użu u t-traffikar tad-droga, qasam fejn hemm, fuq livell Ewropew strateġija komprensiva, multidixxiplinarja u integrata sa mill-1990, iżda mingħajr ebda appoġġ finanzjarju li jista' jiġi identifikat b'mod ċar. Din l-istrateġija hija bbażata fuq ħames elementi ewlenin: li titnaqqas id-domanda, titnaqqas il-provvista u ssir ġlieda kontra t-traffikar illeċitu, ikun hemm kooperazzjoni internazzjonali u koordinazzjoni fuq livell nazzjonali u fuq livell Ewropew, flimkien ma' informazzjoni, riċerka u evalwazzjoni.

Il-ħolqien ta' Ewropa għaċ-ċittadini jimplika wkoll it-twaqqif ta' Żona Ewropea tal-Ġustizzja, ibbażata fuq il-prinċipju ta' l-għarfien reċiproku u l-bini tal-kunfidenza reċiproka: il-fruntieri bejn il-pajjiżi m'għandhomx jibqgħu ikunu ta' ostaklu biex tinstab soluzzjoni għal

[4] L-Artikolu I-9 (2) tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa jistipula li l-Unjoni għandha tiffirma b'mod formali l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali. Din l-adeżjoni m'għandhiex taffettwa l-kompetenzi ta' l-Unjoni kif iddefiniti fil-Kostituzzjoni.

kwistjonijiet tal-liġi ċivili u kummerċjali jew għall-bidu tal-proċeduri fil-qorti u l-infurzar tad-deċiżjonijiet. Filwaqt li l-prinċipju tal-moviment ħieles jħalli lill-individwi u lin-negozji jsegwu l-interessi ċivili u kummerċjali tagħhom fi Stati Membri oħrajn, huma meħtieġa wkoll miżuri fil-qasam tal-liġi kriminali biex jiġi assigurat li l-kriminalità u l-kriminali ma jsibu l-ebda kenn. Tabilħaqq, l-individwi u n-negozji m'għandhomx jitwaqqfu jew jiġu skoraġġiti milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom minħabba n-nuqqas ta' kompatibilità jew il-komplessità tas-sistemi legali u amministrattivi fl-Istati Membri.

Il-kisba ta' dawn l-għanijiet komuni ser teħtieġ qafas finanzjarju stabbli. Il-preparazzjoni tal-perspettivi finanzjarji li jmiss għall-2007-2013 toffri opportunità importanti biex jitqiesu l-iżviluppi deskritti hawn fuq u għalhekk li jiġi fformat il-proġett għall-Unjoni Mkabbra.

2. L-INTERVENT PROPOST – IL-PROGRAMM TA' QAFAS DWAR ID-DRITTIJIET FUNDAMENTALI U L-ĠUSTIZZJA

2.1. L-għanijiet u l-istruttura tal-programm

Bħala reazzjoni għall-isfidi deskritti fil-qosor aktar 'il fuq, huwa propost li jitwaqqaf programm ta' qafas dwar "Id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja", b'erba' għanijiet speċifiċi:

(1) Li jippromwovi l-iżvilupp ta' soċjetà Ewropea bbażata fuq iċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni Ewropa u li tirrispetta d-drittijiet fundamentali stipulati fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali; biex tiġġieled kontra l-anti-semitiżmu, ir-razziżmu u l-ksenofobija u ssaħħaħ is-soċjetà ċivili fil-qasam tad-drittijiet fundamentali.

(2) Li jikkontribwixxi għat-twaqqif ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja billi tkun miġġielda l-vjolenza u tingħata informazzjoni u jkun hemm prevenzjoni ta' l-użu tad-droga.

(3) Li tiġi promossa l-kooperazzjoni ġudizzjarja bl-għan li jkun hemm kontribut biex tinħoloq żona Ewropea vera ta' ġustizzja fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali.

(4) Li tiġi promossa l-kooperazzjoni ġudizzjarja bl-għan li jkun hemm kontribut biex tinħoloq żona Ewropea vera ta' ġustizzja fi kwistjonijiet kriminali.

Dawn l-għanijiet għandhom bażi legali differenti fit-Trattati. Il-programm ta' qafas għalhekk ser ikun magħmul minn erba' strumenti leġislattivi separati. Madankollu, ser tiġi assigurata l-koerenza politika, minħabba li kull programm ser jirrifletti l-għanijiet ta' politika li, flimkien mat-tlieta l-oħrajn, jagħmlu possibbli l-iżvilupp ta' ċittadinanza Ewropea u ta' żona vera ta' Ġustizzja. Barra minn hekk, il-ġbir flimkien ta' dawn l-oqsma ta' politika komplementari taħt l-istess programm ta' qafas mhux biss itejjeb il-koerenza ġenerali tagħhom iżda jassigura wkoll reazzjoni aħjar għall-ħtiġiet taċ-ċittadini. Huwa jagħti wkoll il-possibbiltà li problemi ġodda mhux previsti jkunu jistgħu jiġu ttrattati b'aktar flessibilità.

Fil-qasam tad-drittijiet fundamentali u taċ-ċittadinanza, l-għan aħħari huwa li tinħoloq kultura vera tad-drittijiet fundamentali fost il-popli kollha ta' l-Ewropa. Għalhekk, huwa ferm importanti li jkun hemm sforz sinifikanti biex tixxerred l-informazzjoni dwar id-drittijiet fundamentali, kemm permezz ta' kampanji ta' informazzjoni ġenerali u kemm b'reazzjoni għal talbiet individwali. Dan ma jistax jinfired mill-ħtieġa li jiżdiedu l-attivitajiet, inkluża l-azzjoni leġislattiva, sabiex tiġi promossa l-applikazzjoni ta' xi drittijiet, eż., id-dritt għall-integrità fiżika personali u d-drittijiet marbuta maċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni, u biex jingħataw

appoġġ u miżuri ta' inċentiva biex l-Istati Membri jiġu mgħejuna jħarsu l-obbligazzjonijiet tagħhom fl-oqsma tal-kompetenza tagħhom.

Il-ġlieda kontra l-vjolenza fil-forom kollha tagħha (sesswali, psikoloġika u fiżika), li sseħħ fil-pubbliku jew fil-privat ser tinkludi: appoġġ għall-vittmi u għall-gruppi li jinsabu f'riskju (tfal, żgħażagħ u nisa); għajnuna u inkoraġġiment lill-NGOs u lil organizzazzjonijiet oħrajn attivi f'dan il-qasam; tixrid tar-riżultati miksuba taħt iż-żewġ programmi Daphne, inkluži l-adattament, it-trasferiment u l-użu tagħhom minn benefiċjarji oħrajn jew f'żoni ġeografiċi oħrajn; u l-identifikazzjoni ta' azzjonijiet li jikkontribwixxu għat-trattament pożittiv ta' nies f'riskju minn vjolenza.

Dwar il-ġlieda kontra l-użu tad-droga, l-isfidi ewlenin ikunu t-tixrid ta' l-informazzjoni kif ukoll aktar riċerka li twassal għal programmi edukattivi, ta' prevenzjoni u biex titnaqqas il-ħsara. Se jitqies importanti mhux biss it-tnaqqis tad-domanda għad-droga, iżda wkoll it-tnaqqis fil-provvista tagħha. Dan huwa qasam fejn għandhom bżonn jittieħdu miżuri biex jitwaqqfu t-traffikar tad-droga u l-kriminalità relatata magħha, b'mod partikolari meta huma involuti drogi ġodda sintentiċi jew il-prekursuri kimiċi tagħhom, u biex ikun miġġieled il-ħasil tal-flus.

Il-kooperazzjoni ġudizzjarja tikkonċerna l-isforzi akbar li qed isiru biex tiġi ssorveljata l-applikazzjoni mill-Istati Membri ta' l-*acquis* eżistenti fl-oqsma ċivili u kriminali u biex jitqarrbu flimkien il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali. Il-programm se jappoġġja azzjonijiet differenti, jiġifieri biex itejjeb l-aċċess għal u l-effiċjenza tal-ġustizzja, jindirizza l-għarfien reċiproku f'sens usa', inkluż l-għarfien ta' deċiżjonijiet u dokumenti mhux maħruġa minn awtoritajiet ġudizzjarji, isaħħaħ il-mekkaniżmi li jipprovdu informazzjoni lill-pubbliku u jippromwovi t-taħriġ ta', u lill-iskambji bejn, dawk li jeżerċitaw il-professjoni dwar l-implikazzjonijiet ta' l-istrumenti għall-kooperazzjoni f'dan il-qasam. Ser jinkoraġġixxi l-implimentazzjoni ta' miżuri leġislattivi biex jiġu introdotti u żviluppati għodod komuni għall-kooperazzjoni u l-istandards ekwivalenti għal ċerti proċeduri bħal regoli dwar il-ġbir tal-provi. Barra minn dan, se jiġu promossi wkoll ir-regoli dwar il-protezzjoni ta' l-individwi involuti fil-proċeduri kriminali, sew l-akkużati u kif ukoll ix-xhieda u l-vittimi.

Il-koerenza ġenerali hija assigurata fl-erba' għanijiet kollha, permezz ta' implimentazzjoni komuni u regoli ta' l-amministrazzjoni, skond l-istess kalendarju strateġiku, u proċessi ta' valutazzjoni u reviżjoni koordinati (ara l-punt 3.2). Il-programm għalhekk ser jassigura razzjonalizzazzjoni u simplifikazzjoni, flimkien ma' żieda fit-trasparenza u fl-effikaċja tal-fondi Komunitarji. Li jiġu assigurati l-parteċipazzjoni attiva minn persuni interessati rilevanti u sensibilità akbar għat-talbiet li ġejjin mis-soċjetà ċivili ser ikunu wkoll prijoritajiet orizzontali komuni għall-erba' oqsma tal-politika.

2.2. Il-valur miżjud Ewropew

Dan il-programm ser iżid il-valur għall-interventi nazzjonali eżistenti f'dan il-qasam billi jaġixxi bħala katalista: il-kooperazzjoni ffinanzjata mill-UE tqajjem għarfien ta' kwistjonijiet u valuri li huma komuni bejn l-Istati Membri, u b'hekk tiffaċilita l-iżvilupp ta' metodi komuni, inkluża l-leġiżlazzjoni f'dawn l-oqsma. Dan jinkiseb permezz ta' l-implimentazzjoni ta' l-għanijiet ta' politika maqbula ta' l-UE u l-inkoraġġiment biex dawn jiġu applikati fil-politika nazzjonali, l-appoġġ għat-traspożizzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea u l-applikazzjoni uniformi tagħha fl-Ewropa kollha, il-promozzjoni tal-mekkaniżmi tal-kooperazzjoni u tal-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri, u l-kooperazzjoni ma' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fuq livell Ewropew.

Ser jintużaw sett ta' kriterji komuni fil-programmi speċifiċi kollha biex ikun ivvalutat il-valur miżjud Ewropew f'relazzjoni mat-tip ta' effett deskritt aktar 'il fuq. Eżempji ta' dawn il-kriterji huma:

– Li jingħata appoġġ biss lil dawk l-attivitajiet meħtieġa fuq livell Ewropew biex jiġu sostnuti l-għanijiet ta' l-Unjoni Ewropea, il-liġijiet ta' l-Unjoni Ewropea u l-mekkaniżmi ta' implimentazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea;

– Li jingħata appoġġ għal attivitajiet li jkunu komplementari ma' dawk iffinanzjati fuq livell nazzjonali;

– Li jissaħħu skambji nazzjonali fuq il-livell ta' l-Unjoni Ewropea, li jiġġeneraw effetti ta' sinerġija u ta' gwadanji li jiġu minn skala akbar;

– Li r-rappreżentanti ta' l-Istati Membri u partijiet interessati oħrajn rilevanti jiġu involuti b'mod attiv fl-implimentazzjoni tal-programm sabiex dan ikun kemm jista' jkun aktar komplementari ma' l-attivitajiet eżistenti.

2.3. Il-komplementarjetà ma' l-istrumenti u l-miżuri ta' politika oħrajn

Il-programm ser ifittex sinerġiji max-xogħol ta' l-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali mibnija fuq iċ-Ċentru Ewropew ta' Sorveljanza fuq Razziżmu u Ksenofobija eżistenti, aġenzija bbażata fi Vjenna, stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1035/97 tat-2 ta' Ġunju 1997[5]. Permezz ta' Komunikazzjoni[6], il-Kummissjoni bdiet konsultazzjoni pubblika fuq skala wiesgħa dwar il-qasam ta' azzjoni u l-funzjonijiet ta' l-aġenzija futura. Il-konsultazzjoni kellha l-għan li tinvolvi lis-soċjetà ċivili bħal NGOs involuti fil-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, istituzzjonijiet nazzjonali li jippromwovu u jħarsu d-drittijiet tal-bniedem, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet ta' l-UE, l-EUMC u l-Kunsill ta' l-Ewropa. Ir-riżultati ta' din il-konsultazzjoni ser jittieħdu f'kunsiderazzjoni meta jiġu definiti l-funzjonijiet eżatti ta' l-Aġenzija. Madankollu l-għan ewlieni tagħha se jkun il-ġbir u l-analiżi tad-*data* sabiex tiġi ddefinita l-politika ta' l-Unjoni fil-qasam tad-Drittijiet Fundamentali.

Dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili, l-azzjonijiet skond il-programm ser jiġu koordinati ma' dawk tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, stabbilit bid-Deċiżjoni 2001/470/KE tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2001[7], biex tittejjeb, tiġi ssimplifikata u mħaffa l-kooperazzjoni ġudizzjarja effettiva bejn l-Istati Membri fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali. Fi ħdan il-Programm speċifiku ta' Ġustizzja Kriminali, se tingħata attenzjoni partikolari lill-Eurojust, li twaqqfet bid-Deċiżjoni 2002/187/JHA tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2002[8]. L-Eurojust hija organizzazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea mwaqqfa biex ittejjeb l-effikaċja ta' l-awtoritajiet kompetenti ġewwa l-Istati Membri meta jkunu qed jittrattaw l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti serji li jinvolvu aktar minn pajjiż wieħed u l-kriminalità organizzata, inkluż it-terroriżmu, bit-tqanqil u t-titjib tal-kooperazzjoni bejn dawk l-awtoritajiet. Il-Eurojust tagħmel enfasi fuq l-ilħuq ta' kooperazzjoni sħiħa bejn l-

---

5 ĠU L 151, 10.6.1997, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1652/2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p.33).

6 KUMM(2004) 693, 25.10.2004

7 ĠU L 174, 27.6.2001, p. 25

8 ĠU L 63, 6.3.2002, p. 1. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2003/659/JHA (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 44).

awtoritajiet kompetenti nazzjonali u għalhekk hija żieda essenzjali mal-programm ta' qafas tad-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja.

Dwar l-għan inkluż fil-programm preżenti biex tkun provduta informazzjoni u jkun hemm prevenzjoni ta' l-użu tad-drogi, kooperazzjoni mtejba mal-pajjiżi terzi hija meħtieġa, kif ukoll koordinazzjoni mill-qrib maċ-Ċentru Ewropew ta' Sorveljanza dwar id-Drogi u d-Dipendenza mid-Drogi (EMCDDA). Din l-aġenzija, ibbażata f'Lisbona, ġiet stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru No 302/93 tat-8 ta' Frar 1993[9] emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3294/94 tat-22 ta' Diċembru 1994[10]. Il-missjoni tagħha hija li tiġbor u xxerred informazzjoni oġġettiva, li wieħed jista' joqgħod fuqha u li hija komparabbli, dwar id-droga u d-dipendenza mid-droga fl-Ewropa. Sabiex tagħmel dan, hija taħdem fi sħubija ma' pajjiżi li mhumiex fl-UE kif ukoll ma' organizzazzjonijiet internazzjonali li jaħdmu fuq din il-kwistjoni, l-aktar: il-Programm Internazzjonali għall-Kontroll tad-Droga tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDCP), l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), il-Grupp ta' Pompidou tal-Kunsill ta' l-Ewropa, l-Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana (WCO – ODD), l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Pulizija Kriminali (l-Interpol) u l-Uffiċju Ewropew tal-Pulizija (l-Europol).

3. IR-RAZZJONALIZZAZZJONI U S-SIMPLIFIKAZZJONI

3.1. It-tranżizzjoni mill-istrumenti eżistenti

L-evalwazzjoni ta' l-azzjonijiet li l-Unjoni Ewropea appoġġjat matul is-snin f'dawn l-oqsma tagħraf b'mod sħiħ il-ħtieġa li dawn jitkomplew għax huma jittrattaw problemi speċifiċi u reali, u jikkontribwixxu b'mod pożittiv biex dawn jiġu solvuti, b'mod komplementari ma' l-azzjonijiet nazzjonali li qed jiġu żviluppati fl-istess oqsma. Madankollu, hija identifikat bosta punti ta' dgħufija li għandhom bżonn jiġu ffaċċjati sabiex l-azzjonijiet Ewropej jistgħu jiksbu riżultati aħjar. Tabilħaqq, is-sitwazzjoni preżenti, b'ħafna linji ta' baġit żgħar jew b'fondi li jiġu provduti *ad hoc*, għal perjodu limitat u mingħajr koerenza ġenerali, ittellef l-attivitajiet ta' l-Unjoni milli jsiru effiċjenti biżżejjed sabiex jilħqu l-għanijiet u biex jiġu sfruttati bl-aħjar mod ir-riżorsi umani u finanzjarji eżistenti. L-implimentazzjoni separata ta' dawn il-programmi tfisser li ma dawn ma jisfruttawx kemm jistgħu s-sinerġiji reali u jistgħu wkoll joħolqu duplikazzjonijiet bla bżonn. Fl-aħħarnett, biex jinkisbu l-aħjar riżultati possibbli hemm ħtieġa vera li l-għanijiet, it-tip ta' interventi u d-daqs ta' kull programm jiġu vvalutati mill-ġdid.

Il-programm propost jibni fuq il-lezzjonijiet meħuda minn azzjonijiet eżistenti f'dawn l-oqsma. Fil-fatt, fil-parti l-kbira tiegħu huwa ser ikompli jiżviluppa ż-żewġ azzjonijiet preparatorji eżistenti dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali u dwar l-appoġġ għas-soċjetà ċivili fl-għaxar Stati Membri l-ġodda li mbagħad jiġu estiżi għall-Istati Membri kollha. Fl-aħħar, tingħata attenzjoni speċjali lid-drittijiet fundamentali li ġejjin miċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni sabiex tissaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika.

Biex tkompli tiġi promossa l-kooperazzjoni ġudizzjarja, il-programm ser jiġbor flimkien miżuri li jappoġġjaw il-kooperazzjoni fil-liġi ċivili u kriminali biex tiġi assigurata koordinazzjoni aħjar bejn dawn iż-żewġ oqsma tal-liġi minħabba fid-dħul fis-seħħ tat-Trattat Kostituzzjonali li ser ineħħi l-istruttura tal-kolonni. Qabel, il-kooperazzjoni ġudizzjarja ċivili

---

[9] ĠU L 36, 12.2.1993, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1651/2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 30).

[10] ĠU L 341, 30.12.1994, p. 7.

kienet appoġġjata permezz ta' programm separat, u l-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali kienet parti mill-programm AGIS. Il-proposta preżenti għandha l-għan li ttejjeb ir-reazzjoni għall-aspettattivi politiċi li tissaħħaħ il-ġustizzja, kif mitlub mill-Programm ta' The Hague, u għat-talbiet mill-awtoritajiet ġudizzjarji, dawk li jeżerċitaw il-professjoni legali u s-soċjetà ċivili b'mod ġenerali. It-taħriġ tal-ġudikatura ser jiġi msaħħaħ, u l-programm ikollu wkoll il-flessibilità meħtieġa biex tkun possibbli l-implimentazzjoni ta' miżuri ġodda, bħas-sistema komputerizzata għall-iskambju ta' informazzjoni dwar rekords kriminali.

Dwar il-ġlieda biex tingħeleb il-vjolenza, il-programm ser jibni fuq il-programm eżistenti Daphne II, b'aġġustamenti biex titjieb ir-reazzjoni għat-talbiet mis-soċjetà ċivili, inkluża l-possibbiltà li jiġu implimentati forom ġodda ta' azzjoni. L-azzjoni fuq il-prevenzjoni tad-droga u l-informazzjoni għandha l-għan li ssaħħaħ l-azzjonijiet li jkunu qed isiru taħt programmi differenti, biex b'hekk tiżdied it-trasparenza fost iċ-ċittadini u l-atturi kollha involuti. Ser tappoġġja s-sorveljanza u l-valutazzjoni ta' l-azzjonijiet dwar l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet speċifiċi taħt il-Pjanijiet ta' Azzjoni ta' l-UE, u tfittex involviment akbar tas-soċjetà ċivili.

3.2. L-arranġamenti komuni għall-amministrazzjoni

Għan essenzjali tal-programm ta' qafas tad-Drittijiet Fundamentali u tal-Ġustizzja huwa li jissimplifika u jirrazzjonalizza l-istrumenti f'termini kemm legali kif ukoll amministrattivi, li jintegra b'mod aktar sempliċi l-istruttura tal-baġit, iżid il-koerenza u l-konsistenza bejn il-programmi u li jevita d-duplikazzjoni ta' l-istrumenti. Il-programm preżenti jirrappreżenta pass importanti kemm fis-simplifikazzjoni kif ukoll fil-flessibilità. Fil-fatt, tnaqqsu n-numru ta' linji ta' baġit u ta' strumenti legali. Din il-konċentrazzjoni ta' riżorsi ta' l-Unjoni toffri trasparenza finanzjarja għolja u l-possibbiltà li l-valur miżjud ta' l-azzjonijiet ta' l-Unjoni jiġi vvalutat b'mod aħjar. Hija ttejjeb kemm tista' r-riżultati li jistgħu jinkisbu billi ddaħħal konsistenza akbar bejn l-għanijiet tal-programmi speċifiċi differenti u b'kooperazzjoni u sħubija msaħħa ma' l-atturi kollha involuti.

Is-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni proposti ser ikunu ta' benefiċċju għall-utenti aħħarin għax jiżdiedu l-viżibilità, iċ-ċarezza u l-koerenza ta' l-istrumenti. Il-benefiċjarji potenzjali ser isibuha iktar faċli biex japplikaw għall-fondi taħt l-oqsma differenti minħabba metodu u dispożizzjonijiet ta' l-implimentazzjoni aktar standardizzati.

Il-programm ser jiġi amministrat direttament mill-Kummissjoni. Il-mekkaniżmi ta' twassil alternattivi (permezz ta' esternalizzazzjoni jew amministrazzjoni konġunta) ġew eżaminati b'mod dettaljat iżda ma ġewx meqjusa li jiġġustifikaw prezzhom f'dan l-istadju minħabba l-ammonti relattivament żgħar involuti. Jekk dan ikun meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet ippreżentati fil-programm ta' qafas, jista' jkun ikkunsidrat it-twaqqif ta' metodi differenti ta' amministrazzjoni jew/u,strutturi differenti.

Il-livell ta' riżorsi umani meħtieġa għall-amministrazzjoni tal-programm huwa neċessarjament relattivament għoli. Madankollu, l-armonizzazzjoni tal-proċeduri miksuba bl-integrazzjoni tal-programmi speċifiċi fi struttura unika tagħti lok għal razzjonalizzazzjoni f'dan il-qasam, minħabba fil-gwadanji li jiġu minn skala akbar. Per eżempju, ir-razzjonalizzazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni u ta' sorveljanza tagħti l-possibbiltà li jkun hemm riżultati aħjar u tiffaċilita t-trasferiment ta' prattika tajba. Li jkun hemm Kumitat wieħed fl-erba' programmi speċifiċi jiffaċilita ħafna wkoll l-amministrazzjoni ta' kuljum tal-programm ta' qafas.

Aktar razzjonalizzazzjoni hija possibbli wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat Kostituzzjonali. Il-programm ta' qafas ġie abbozzat skond id-dispożizzjonijiet tat-Trattati preżenti iżda t-tranżizzjoni mingħajr problemi li kienet prevista mill-Kostituzzjoni nbniet fl-istruttura tal-programm, bil-possibbiltà ta' aktar armonizzazzjoni bejn il-Programmi Speċifiċi tal-Ġustizzja Ċivili u Kriminali.

4. IR-RIŻORSI FINANZJARJI

L-ammont totali previst għall-programm ta' qafas tad-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja huwa ta' EUR 543 miljun għall-perjodu 2007-2013 (prezzijiet ta' llum). F'dan il-baġit, EUR 93.8 miljun huma previsti għall-Programm tad-Drittijiet Fundamentali u ċ-Ċittadinanza, EUR 106.5 miljun għall-Programm tal-Ġustizzja Ċivili, EUR 196.2 miljun għall-Programm tal-Ġustizzja Kriminali u EUR 135.4 miljun għall-Programm Il-Ġlieda kontra l-Vjolenza (Daphne) u l-Prevenzjoni tad-Droga u Informazzjoni dwarha. Fi ħdan l-ammont ta' riferenza, EUR 11.1 miljun huma miżjuda għall-infiq ta' amministrazzjoni.

Barra minn hekk, għall-istess perjodu, huwa previst ammont ta' EUR 164.9 miljun għall-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali, ammont ta' EUR 110.6 miljun għaċ-Ċentru Ewropew ta' Sorveljanza dwar id-Droga u d-Dipendenza mid-Droga, filwaqt li l-ammont previst għall-Eurojust huwa ta' EUR 133.4 miljun.

Dawn l-ammonti ġew stmati fuq il-bażi tal-ħtiġijiet identifikati u deskritti aktar 'il fuq. Tqieset l-esperjenza rilevanti li ttieħdet minn azzjonijiet eżistenti u l-programmi relatati mal-kwistjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali u l-ġustizzja.

5. KONKLUŻJONIJIET

Il-perspettivi finanzjarji l-ġodda jipprovdu mhux biss l-opportunità li jitqabblu aħjar l-għanijiet u r-riżorsi, iżda wkoll biex ikunu ssimplifikati u razzjonalizzati l-istrumenti biex jiġi assigurat l-aħjar użu tal-fondi ta' l-Unjoni Ewropea.

Il-programm ta' qafas dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja jiġbor programmi speċifiċi marbutin mill-qrib ma' xulxin. L-azzjonijiet miftiehma f'dawn il-programmi speċifiċi jagħtu l-possibbiltà li jkun hemm reazzjoni aktar effiċjenti għall-għan aħħari, li huwa t-twaqqif ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

ANNESS

It-twaqqif ta' programm ta' qafas dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja għall-perjodu 2007-2013

Il-komplementarjetà ma' l-aġenziji u l-istrumenti l-oħra fiż-żona tal-Libertà, tas-Sigurtà u tal-Ġustizzja

Bosta strumenti komplementari huma mbassra taħt il-Perspettivi Finanzjarji, biex jikkontribwixxu għall-kisba ta' l-għanijiet ta' politika stabbiliti fiż-żona ta' Ġustizzja, Libertà u Sigurtà:

– Il-programmi ta' qafas li ser jissostitwixxu l-għadd kbir ta' linji ta' bażit li l-Kummissjoni bħalissa qed tamministra f'dan il-qasam ;

– Il-finanzjament mill-Komunità ta' aġenziji u korpi tal-Komunità jew ta' l-Unjoni;

– L-iżvilupp u l-amministrazzjoni ta' sistemi kbar ta' informazzjoni li huma relatati.

Dawn l-aġenziji jew korpi relatati mal-qasam ta' dan il-programm ta' qafas imsemmi aktar 'il fuq għandhom jaqgħu taħt il-perspettivi finanzjarji l-ġodda:

- **Iċ-Ċentru Ewropew ta' Sorveljanza dwar id-Droga u d-Dipendenza mid-Droga** (EMCDDA), stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 302/93 tat-8 ta' Frar 1993 dwar it-twaqqif ta' Ċentru Ewropew ta' Sorveljanza dwar id-Droga u d-Dipendenza mid-Droga (ĠU L 36, 12.2.1993, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1651/2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 30) u li għalih tressaq abbozz ta' proposta ta' emenda (il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fid-19 ta' Diċembru 2003, dwar iċ-Ċentru Ewropew ta' Sorveljanza dwar id-Droga u d-Dipendenza mid-Droga - KUMM(2003) 808).

- **L-Osservatorju dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija,** li għandu jsir **Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali** vera u proprja, biex ikun jista' jaħdem b'mod indipendenti (il-Proposta tal-Kummissjoni ippjanata għal Mejju 2005), u li bħalissa huwa stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1035/97 tat-2 ta' Ġunju 1997 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew ta' Sorveljanza dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija (ĠU L 151, 10.6.1997, p. 1).

- **L-Eurojust,** stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/JHA tat-28 ta' Frar 2002 li tistabbilixxi l-Eurojust bl-għan li ssaħħaħ il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata serja (ĠU L 63, 6.3.2002, p. 1), kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2003/659/JHA (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 44).

Fuq il-bażi ta' l-elementi t'hawn fuq, ir-riżorsi tal-bażit għall-aġenziji komunitarji msemmija hawn fuq mhumiex inklużi fil-programmi ta' qafas.

Għandhom, madankollu, jiġu inklużi bħala parti mill-ispiża maħsuba apposta għall-politika tal-JLS fl-Intestatura 3 tal-qafas finanzjarju Komunitarju futur.

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST

Il-preparazzjoni tal-perspettivi finanzjarji għall-2007-2013 kienet iggwidata mill-bidu skond metodu mmexxi mill-politika, sabiex tkun assigurata l-konsistenza bejn l-għanijiet politiċi u l-ammonti allokati biex dawn jintlaħqu. F'dan il-kuntest, it-twaqqif ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja titqies bħala waħda mill-prijoritajiet ewlenin ta' l-Unjoni Ewropea għas-snin li ġejjin, li għandha tingħata appoġġ b'mezzi finanzjarji miżjuda sew. Fil-Komunikazzjonijiet tagħha « *Nibnu l-ġejjieni komuni tagħna – Sfidi ta' politika u mezzi Baġitarji ta' l-Unjoni Mkabbra 2007-2013*»[11] u « *Perspettivi Finanzjarji għall-2007 – 2013* »[12], il-Kummissjoni enfasizzat ukoll l-importanza li tintuża r-reviżjoni ta' l-istrumenti legali għall-perspettivi finanzjarji li jmiss sabiex ikun hemm moviment sinifikanti lejn aktar sempliċità. Filwaqt li strutturat il-proposti tagħha madwar tliet programmi ġenerali u mmexxija mill-politika ("Is-Solidarjetà u l-amministrazzjoni tal-fluss tal-migrazzjoni", "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja", "Is-Sigurtà u l-ħarsien tal-libertajiet"), il-Kummissjoni twaqqaf qafas ċar għall-iżvilupp ta' l-interventi finanzjarji tal-Komuntià b'appoġġ għat-tliet għanijiet ta' Ġustizzja, Libertà u Sigurtà.

2. IL-ĠUSTIFIKAZZJONI TA' L-AZZJONI

2.1. L-Analiżi tal-problema

Il-ġlieda kontra l-vjolenza hija, b'mod ċar, parti mill-ħarsien tad-drittijiet fundamentali kif stabbiliti fil-Karta, b'mod partikolari d-dritt għall-integrità fiżika. Ir-rabtiet bejn il-vjolenza u bosta drittijiet fundamentali oħrajn (il-libertà, is-sigurtà, is-saħħa, ix-xogħol, eċċ.) huma tant b'saħħithom li l-implimentazzjoni ta' dawn id-drittijiet b'mod ġenerali, għaliex jikkonċernaw l-integrità fiżika ta' l-individwi, għandha tiġi appoġġjata. Il-forom speċifiċi tal-vjolenza – bħall-vjolenza minħabba razziżmu u vjolenza relatata mas-sess jew il-preferenza sesswali – jeħtieġu reazzjonijiet speċifiċi li jibbenefikaw mill-iskambju ta' informazzjoni fuq livell Ewropew u l-iżvilupp ta' l-aħjar prattika. Il-ħtieġa għal soluzzjoni aktar globali u rilevanti għall-problemi tal-vjolenza għandha titqies meta titfassal reazzjoni taħt il-perspettivi finanzjarji l-ġodda, u dan jibda mill-azzjoni eżistenti.

It-twaqqif ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għandha tittratta wkoll l-użu u t-traffikar tad-droga, waħda mill-kwistjonijiet ewlenin li jiffaċċjaw is-soċjetajiet Ewropej. Mill-1990, tressqet strateġija komprensiva, multidixxiplinarja u integrata fuq livell Ewropew, iżda mingħajr mezz identifikat b'mod ċar li jipprovdi appoġġ finanzjarju. Din l-istrateġija hija bbażata fuq ħames elementi ewlenin: (i) it-tnaqqis fid-domanda, (ii) it-tnaqqis fil-provvista u l-ġlieda biex jingħeleb it-traffikar illeċitu, (iii) il-kooperazzjoni internazzjonali, (iv) il-koordinazzjoni fuq livell nazzjonali u ta' l-UE u (v) ir-riċerka u l-valutazzjoni ta' l-informazzjoni.

---

[11] KUMM(2004) 101, 10.2.2004.

[12] KUMM(2004) 487, 14.7.2004.

2.2. It-triq ’il quddiem

L-isfidi ewlenin li tiffaċċja l-Unjoni dwar il-ħidma kontra d-droga, tul il-perjodu tal-perspettivi finanzjarji li jmiss, jistgħu jiġu definiti kif ġej:

– l-informazzjoni u r-riċerka, inkluża t-tkomplija tax-xogħol taċ-Ċentru Ewropew ta’ Sorveljanza dwar id-Droga u d-Dipendenza mid-Droga (EMCDDA);

– it-tnaqqis fid-domanda għad-droga, ladarba d-domanda trawwem it-tkabbir tal-fenomenu tad-droga: programmi edukattivi, ta’ prevenzjoni u li jnaqqsu l-ħsara;

– it-tnaqqis fil-provvista tad-droga, biex jieqaf it-traffikar u l-kriminalità relatata mad-droga, b’mod partikolari rigward drogi ġodda sintetiċi u l-prekursuri kimiċi tagħhom, kif ukoll il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus;

– kooperazzjoni mtejba ma’ pajjiżi terzi dwar it-tnaqqis fil-provvista tad-droga u fid-domanda għaliha;

– se tkun meħtieġa aktar attività leġislattiva skond il-forom ġodda u li qed jiżviluppaw ta’ drogi, per eżempju biex il-forom ġodda tad-drogi jinġiebu taħt mekkaniżmi tal-kontroll stabbiliti.

2.3. L-għanijiet tal-programm u l-indikaturi relatati magħhom

- Id-definizzjoni ta’ l-għanijiet ġenerali, speċifiċi u ta’ l-operazzjonijiet

Li jikkontribwixxi għat-twaqqif ta’ żona ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja billi tkun miġġielda l-vjolenza, tingħata informazzjoni dwar id-droga u ma jitħalliex li jsir użu minnha.	Li jħares liċ-ċittadini kontra l-vjolenza u jikseb livell għoli ta’ ħarsien tas-saħħa, benesseri u koeżjoni soċjali.	Li jipprevjeni u jegħleb il-forom kollha tal-vjolenza li jseħħu fil-pubbliku jew fil-privat, kontra t-tfal, iż-żgħażagħ u n-nisa. Li jagħti appoġġ lill-vittmi u lill-gruppi li jinsabu f‘riskju. Li jgħin u jħeġġeġ lil NGOs u lil organizzazzjonijiet oħrajn li huma attivi f’dan il-qasam. Li jxerred ir-riżultati miksuba taħt iż-żewġ programmi Daphne inklużi l-adattament, it-trasferiment u l-użu tagħhom minn benefiċjarji oħrajn jew f’żoni ġeografiċi oħrajn. Li jidentifika u jtejjeb azzjonijiet li jikkontribwixxu għat-trattament pożittiv ta’ dawk li jinsabu f’riskju minn vjolenza.

	Li jipprevjeni u jnaqqas l-użu tad-droga, id-dipendenza u ħsarat relatati magħha.	Li jinvolvi lis-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni u fl-iżvilupp ta' l-Istrateġija u l-Pjanijiet ta' Azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea dwar id-Droga. Li jimmonitorja, jimplimenta u jivvaluta l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi taħt il-Pjanijiet ta' Azzjoni dwar id-Droga għall-2005 – 2008 u għall-2009 – 2012.
	Li jippromwovi l-azzjonijiet li jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u li jsawru għarfien fl-oqsma identifikati iktar 'il fuq.	Li jistabbilixxi netwerks multidixxiplinari, li jassigura t-tkabbir tal-bażi ta' għarfien, l-iskambju ta' l-informazzjoni u l-identifikazzjoni u t-tixrid ta' prattika tajba, inkluż permezz ta' taħriġ, żjarat ta' studju u skambju ta' l-impjegati. Li jiżviluppa u jimplimenta azzjonijiet li jqajmu l-għarfien immirati għal udjenzi speċifiċi biex tiġi promossa l-adozzjoni tan-nuqqas ta' tolleranza lejn il-vjolenza u biex ikun hemm inkoraġġiment għal appoġġ għall-vittmi u rapporti ta' vjolenza. Li jqajjem l-għarfien dwar problemi ta' saħħa u soċjali kkawżati mill-użu tad-droga u jħeġġeġ djalogu miftuħ sabiex ikun promoss għarfien aħjar tal-fenomenu tad-droga.

L-għanijiet kollha huma konsisteni ma' l-għan ġenerali tal-programm ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" biex jingħata appoġġ lill-iżvilupp ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

- Il-komplementarjetà/koerenza ma' l-istrumenti l-oħrajn

Meta kien qed jiġi ppreparat il-programm, ingħatat attenzjoni partikolari biex tiġi assigurata l-koerenza mal-programmi l-oħrajn li jiffinanzjaw l-attivitajiet fl-istess oqsma tal-politika u li jkun hemm tiftix għal komplementarjetà u sinerġija ma' dawn il-programmi l-oħrajn.

Dan il-programm huwa komplementat minn programmi oħrajn speċifiċi taħt il-programm ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" b'mod partikolari l-programm speċifiku "Id-

Drittijiet Fundamentali u ċ-Ċittadinanza" li għandu l-għan li jippromwovi d-drittijiet fundamentali u l-valuri ta' l-Unjoni Ewropea filwaqt li jżomm u jirrispetta d-diversità tal-kultura u t-tradizzjonijiet tal-popli ta' l-Ewropa.

Se jkun hemm tfittxija wkoll għal komplementarjetà maċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Droga u ta' l-Abbuż mid-Droga li għandu bħala missjoni ewlenija li jiġbor u jxerred informazzjoni oġġettiva, li wieħed jista' joqgħod fuqha u li tkun komparabbli dwar il-fenomenu tad-droga u d-dipendenza mid-droga fl-Ewropa. Sabiex jagħmel dan, iċ-Ċentru jaħdem fi sħubija ma' pajjiżi li mhumiex fl-UE kif ukoll ma' organizzazzjonijiet internazzjonali kkonċernati b'din il-kwistjoni.

Il-programmi ġenerali "Is-Sigurtà u l-Ħarsien tal-Libertajiet" u "Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi tal-Migrazzjoni" jingħataw attenzjoni speċjali għaliex jikkomplementaw dan il-programm, u żgur se tinkiseb sinerġija magħhom it-tnejn b'mod partikolari fil-qasam tal-ġlieda kontra l-kriminalità kemm jekk din tkun vjolenza bħal vjolenza minħabba razziżmu u vjolenza relatata mas-sess jew preferenza sesswali u kemm jekk tkun kriminalità relatata mad-drogi.

Programmi oħrajn jistgħu wkoll jikkomplementaw il-programm preżenti bħal "Safer Internet Plus", "Il-Programm tas-Saħħa", "Il-Programm tal-Ħarsien kontra l-Feriment", is-seba' Programm ta' qafas ta' Riċerka u Żvilupp u l-programm "Youth".

3. L-EVALWAZZJONI

3.1. Il-lezzjonijiet li ttieħdu minn evalwazzjonijiet intermedji / finali

Il- Kummissjoni evalwat il-programm Daphne darbtejn. Ġie ppreżentat rapport intermedju fl-2002[13] u rapport finali fl-2004[14].

Kemm ir-rapport intermedju kif ukoll dak finali dwar il-programm Daphne (2000 – 2003) juru li l-organizzazzjonijiet ibbenefikaw mill-parteċipazzjoni tagħhom fis-sħubija Ewropea, li offriet okkażjoni biex l-għaqdiet jaħdmu flimkien u li rriżultat fi programmi aktar effettivi u użu aħjar tar-riżorsi. Ir-rapport finali indika li seta' kien hemm xi ftit titjib bħall-ħolqien ta' *helpdesk* u li jiġi enfassizat aktar it-tixrid ta' l-informazzjoni, u l-programm Daphne II ġie adattat skond dak li nstab f'dan ir-rapport. Minħabba li dan it-tibdil fl-istruttura tal-programm huwa x'aktarx reċenti, m'hemm bżonn li jiġi introdott l-ebda tibdil sinifikanti.

Il-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Droga (2000 – 2004) ġie vvalutat mill-Kummissjoni f'żewġ okkażjonijiet: meta kien f'nofs it-terminu tiegħu[15] u fi tmiemu[16]. Il-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid (2005-2008) huwa maħsub b'mod partikolari għal dawk l-oqsma li l-valutazzjoni enfasizzat bħala li għandhom bżonn ta' promozzjoni akbar.

Skond dawn l-evalwazzjonjiet hemm bżonn li jsir xi titjib sabiex l-għanijiet jinkisbu b'mod aħjar. B'mod partikolari, ġie enfasizzat li s-soċjetà ċivili għandha tkun involuta aktar fil-preparazzjoni u fl-iżvilupp tal-politika ta' l-UE f'dan il-qasam. Hija meħtieġa wkoll

---

13 KUMM(2002) 169, 27.3.2002.
14 KUMM(2004) 824, 14.12.2004.
15 KUMM(2002) 599, 4.11.2002.
16 KUMM(2004) 707, 22.10.2004.

koordinazzjoni aħjar ta' azzjonijiet nazzjonali inklużi fl-arena internazzjonali. In-netwerking u l-iskambju ta' l-aħjar prattika għandhom jiġu inkoraġġiti u żviluppati aktar.

3.2. L-evalwazzjoni *ex ante*

Id-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni li jippreżenta l-valutazzjoni *ex ante* tal-programm ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" juri kemm hi xierqa l-għażla politika magħżula biex jinkisbu l-għanijiet stabbiliti.

4. IL-BAŻI LEGALI U R-RAĠUNI FUNDAMENTALI TA' L-ISTRUMENT TAL-POLITIKA

4.1. Il-Bażi Legali

Dan il-programm speċifiku tal-programm ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" huwa bbażat fuq l-Artikolu 152 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (TKE).

L-Artikolu 152 TKE, li għandu x'jaqsam mas-saħħa pubblika, jgħid b'mod ċar li d-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u l-attivitajiet kollha tal-Komunità għandhom jassiguraw livell għoli ta' saħħa tal-bniedem. Iżid jgħid li l-Komunità għandha tikkomplementa l-azzjoni ta' l-Istati Membri fit-tnaqqis tal-ħsara għas-saħħa relatata mad-droga, inkluż permezz ta' l-informazzjoni u l-prevenzjoni.

Li jiġu assigurati livell għoli ta' saħħa tal-bniedem permezz tal-protezzjoni tan-nies mill-vjolenza u ta' l-iżvilupp ta' azzjoni informattiva u preventiva fejn għandha x'taqsam id-droga huma l-għanijiet ewlenin ta' dan il-programm. Il-bażi legali proposta hija għalhekk xierqa.

4.2. L-Azzjonijiet definiti fil-programm

Jiġu kkunsidrati tipi differenti ta' azzjonijiet bħal:

- Azzjonijiet speċifiċi li jittieħdu mill-Kummissjoni, bħal studji u riċerka, stħarriġ ta' l-opinjoni pubblika u u servejs, tfassil ta' indikaturi u metodoloġiji komuni, ġbir, żvilupp u tixrid ta' data u statistika seminars, konferenzi u laqgħat ta' l-esperti, organizzazzjoni ta' kampanji u avvenimenti pubbliċi, żvilupp u manutenzjoni ta' siti fuq l-internet (websajts), preparazzjoni u tixrid ta' materjal ta' informazzjoni, appoġġ għal u amministrazzjoni ta' netwerks ta' esperti nazzjonali, attivitajiet ta' analiżi, sorveljanza u valutazzjoni;

- Azzjonijiet li jagħtu appoġġ finanzjarju lil proġetti speċifiċi ta' interess Komunitarju skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-programmi annwali ta' ħidma;

- Azzjonijiet li jagħtu appoġġ finanzjarju lill-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi jew entitajiet oħrajn skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-programmi annwali ta' ħidma;

- Għotja operattiva lill-Federazzjoni Ewropea għal Tfal Nieqsa u Dawk Sfruttati Sesswalment, li għandha għan ta' interess ġenerali Ewropew fil-qasam tad-drittijiet u l-protezzjoni tat-tfal.

4.3. Is-Sussidjarjetà u l-Proporzjonalità

Din il-proposta kienet maħsuba biex tirrispetta l-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità stabbiliti fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-KE u tal-Protokoll anness miegħu. Sa fejn għandha x'taqsam is-sussidjarjetà, dan il-programm ma jipprovax jintervjeni fl-oqsma li jaqgħu taħt il-programmi nazzjonali żviluppati minn awtoritajiet nazzjonali f'kull Stat Membru iżda jiffoka fuq oqsma fejn jista' jingħata valur miżjud Ewropew. Għalhekk, il-maġġoranza l-kbira ta' l-attivitajiet appoġġjati mill-programm jistgħu jitqiesu bħala komplementari għal azzjonijiet nazzjonali u li jipprovaw jsfruttaw, sa fejn hu possibbli, is-sinerġija minn azzjonijiet implimentati fuq livell internazzjonali u reġjonali.

Sa fejn għandha x'taqsam il-proporzjonalità, il-proposta għal programm ġdid kienet maħsuba biex tkun kemm jista' jkun sempliċi mhux biss fejn tidħol il-forma li se tieħu l-azzjoni – id-definizzjonijiet ta' l-azzjonijiet fit-test leġislattiv qed jinżammu kemm jista' jkun ġeneriċi – iżda wkoll rigward il-kundizzjonijiet amministrattivi u finanzjarji meħtieġa li ser japplikaw għall-implimentazzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni fittxet li ssib il-bilanċ xieraq bejn il-flessibilità u l-faċilità ta' l-użu fuq naħa waħda, u ċ-ċarezza ta' l-għan u s-salvagwardji xierqa finanzjarji u ta' proċedura fuq in-naħa l-oħra.

Wara l-linji ta' gwida indikati fil-protokoll dwar l-applikazzjoni taż-żewġ prinċipji, jidher ċar li l-problemi li dan il-programm fittex li jegħleb għandhom aspetti li jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u għalhekk dik l-azzjoni fuq il-livell tal-Komunità se tagħti benefiċċji li huma addizzjonali għal dawk ta' l-azzjoni li ssir fuq il-livell ta' l-Istati Membri.

4.4. Is-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni.

Il-metodu propost ser jikkontribwixxi għall-għan ewlieni li l-istrumenti jiġu ssimplifikati kemm f'termini legali kif ukoll f'termini amministrattivi u li l-istruttura tal-baġit titfassal b'mod aktar sempliċi. Ser iżid ukoll il-koerenza u l-konsistenza bejn l-istrumenti u jevita li dawn ikunu dduplikati. Filwaqt li se jkunu meħtieġa riżorsi umani addizzjonali biex wieħed ilaħħaq mat-tkabbir fil-futur, se tinkiseb allokazzjoni aħjar tar-riżorsi umani billi ma jitkomplewx il-linji żgħar tal-baġit (li jassorbu ammont mhux proporzjonat ta' riżorsi) u billi l-programmi eżistenti jingħabru mill-ġdid fi programm wieħed koerenti u msawwar b'mod aktar sempliċi. Dan jirriżulta fi proporzjonalità aktar bejn l-ammont tan-nefqa u l-ispiża amministrattiva biex din titmexxa.

Ir-razzjonalizzazzjoni proposta ser tkun ta' benefiċċju wkoll għall-utent aħħari għax iżżid il-viżibilità, iċ-ċarezza u l-koerenza ta' l-istrumenti. Il-benefiċjarji potenzjali jsibuha aktar faċli biex japplikaw għall-fondi minħabba l-istrateġija standardizzata u l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni.

Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tafda parti mill-implimentazzjoni tal-baġit f'idejn aġenziji rregolati mil-liġi Komunitarja, imsemmija fl-Artikolu 54, (2) (a) tar-Regolament Finanzarju. Dawn l-aġenziji se jiġu nnominati mill-Kummissjoni skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 55 u 56 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 u ta' l-Artikolu 37 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002. Il-Kummissjoni għandha tanalizza kemm huma konformi mal-prinċipji ta' l-ekonomija, ta' l-effikaċja u ta' l-effiċjenza. Qabel ma tipproċedi biex timplimenta d-delegazzjoni, il-Kummissjoni għandha taċċerta ruħha, permezz ta' valutazzjoni minn qabel, li l-ħolqien ta' l-aġenziji jkun konformi ma' amministrazzjoni finanzjarja tajba.

L-istrument il-ġdid propost isegwi t-triq li ġiet iddeterminata mill-Kummissjoni dwar l-isfidi politiċi u finanzjarji mill-2007 ’il quddiem. L-intenzjoni hija li l-istrumenti eżistenti jiġu kkomplementati, issimplifikati u razzjonalizzati u li tiġi assigurata l-flessibilità meħtieġa biex jiġu ffaċċjati għanijiet ġodda u jkun hemm adattament mingħajr problemi għall-qafas legali l-ġdid, li se jiġi stabbilit ladarba jidħol fis-seħħ it-Trattat Kostituzzjonali.

5. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-programm ġenerali “Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja” għall-perjodu 2007 – 2013 se jiġi jiswa EUR 543 miljun; il-programm speċifiku preżenti ser jingħata dawn l-ammonti li ġejjin: EUR 138.2 miljun.

2005/0037 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

Li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 il-programm speċifiku "Il-ġlieda kontra l-vjolenza (Daphne) u l-prevenzjoni tad-droga u l-informazzjoni dwarha" bħala parti mill-programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja"

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 152 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni[17],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[18],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[19],

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat[20],

Billi:

(1) It-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea jistabbilixxi li fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika u ta' l-attivitajiet kollha tal-Komunità għandu jiġi assigurat livell għoli ta' saħħa tal-bniedem; l-Artikolu 3(1)(p) tat-Trattat jitlob li tittieħed azzjoni Komunitarja biex tiġi inkluża kontribuzzjoni sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa.

(2) L-azzjoni Komunitarja għandha tikkomplementa l-politika nazzjonali li għandha l-għan li ttejjeb is-saħħa pubblika, li jitwarrbu l-għejun ta' periklu għal saħħet il-bniedem u li jitnaqqas id-dannu relatat mas-saħħa marbut mad-dipendenza mid-droga.

(3) Il-vjolenza fiżika, sesswali u psikoloġika fuq it-tfal, iż-żgħażagħ u n-nisa, inkluż theddid li jitwettqu dawn l-atti, sfurzar jew tneħħija arbitrarja tal-libertà, kemm jekk fil-ħajja pubblika u kemm jekk f'dik privata, jikkostitwixxu ksur tad-dritt tagħhom għall-ħajja, għas-sigurtà, għal-libertà u għall-integrità fiżika u emozzjonali tagħhom u theddid serju għas-saħħa fiżika u mentali tal-vittmi ta' din il-vjolenza. L-effetti ta' din il-vjolenza, li huma tant imxerrdin fil-Komunità kollha, huma problema ġenwina tas-saħħa u ostaklu għat-tgawdija ta' ċittadinanza mingħajr periklu, ħielsa u ġusta.

---

17 ĠU C , , p. .
18 ĠU C , , p. .
19 ĠU C , , p. .
20 ĠU C , , p. .

(4) L-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tiddefinixxi s-saħħa bħala stat ta' benesseri fiżiku, mentali u soċjali sħiħ u mhux biss in-nuqqas ta' mard jew nuqqas ta' saħħa. Skond riżoluzzjoni ta' l-Assemblea Dinjija tas-Saħħa ta' l-1996, il-vjolenza hija problema ewlenija tas-saħħa pubblika fid-dinja kollha. Fir-rapport tagħha dwar il-vjolenza u s-saħħa tat-3 ta' Ottubru 2002 l-organizzazzjoni tirrikkmanda li jiġu promossi r-reazzjonijiet ewlenin għall-prevenzjoni, li jissaħħu r-reazzjonijiet għall-vittmi tal-vjolenza u li jiżdiedu l-kollaborazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-prevenzjoni tal-vjolenza.

(5) Dawn il-prinċipji huma rikonoxxuti f'bosta konvenzjonijiet, dikjarazzjonijiet u protokolli ta' l-organizzazzjonijiet u ta' l-istituzzjonijiet internazzjonali ewlenin bħall-Nazzjonijiet Uniti, l-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol, il-Konferenza Dinjija dwar in-Nisa u l-Kungress Dinji kontra l-Isfruttament Sesswali Kummerċjali tat-Tfal.

(6) Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea[21] tafferma mill-ġdid, *inter alia*, id-drittijiet għad-dinjità, għall-ugwalanjza u għas-solidarjetà. Tinkludi numru ta' dispożizzjonijiet speċifiċi għall-protezzjoni u l-inkoraġġiment ta' l-integrità fiżika u mentali, it-trattament ugwali għall-irġiel u għan-nisa, id-drittijiet tat-tfal u n-non-diskriminazzjoni, kif ukoll il-projbizzjoni ta' trattament inuman jew degradanti, l-iskjavitù u l-ħidma forzata, u l-ħidma tat-tfal. Tafferma mill-ġdid li għandu jiġi assigurat livell għoli ta' protezzjoni għal saħħet il-bniedem fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika u ta' l-attivitajiet Komunitarji kollha.

(7) Il-Parlament Ewropew sejjaħ lill-Kummissjoni biex tfassal u timplimenta programmi ta' azzjoni biex jegħlbu din il-vjolenza, *inter alia*, fir-Riżoluzzjonijiet tiegħu tad-19 ta' Mejju 2000 fuq il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew. 'Għal aktar azzjonijiet fil-ġlieda kontra t-traffikar tan-nisa'[22], u ta' l-20 ta' Settembru 2001 dwar il-mutilazzjoni ta' l-organi ġenitali tan-nisa[23].

(8) Il-programm ta' azzjoni stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 293/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Jannar 2000 li tadotta programm ta' azzjoni Komunitarja (il-programm Daphne) (mill-2000 sa l-2003) dwar miżuri preventivi biex tingħeleb il-vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażagħ u n-nisa[24], għen biex jiżdied l-għarfien ġewwa l-Unjoni Ewropea u tiżdied u tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn organizzazzjonijiet fl-Istati Membri li huma attivi fil-ġlieda kontra l-vjolenza.

(9) Il-programm ta' azzjoni stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 803/2004/ KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li tadotta programm ta' azzjoni Komunitarja (mill-2004 sa l-2008) għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq it-tfal, iż-żgħażagħ u n-nisa u għall-protezzjoni tal-vittmi u l-gruppi li jinsabu f'riskju (il-programm Daphne II)[25], żviluppa aktar ir-riżultati miksuba diġà mill-programm Daphne; skond l-Artikolu 8 (2) tiegħu l-Kummissjoni għandha tieħu l-passi meħtieġa biex tara li jkun hemm konsistenza bejn l-approprjazzjonijiet annwali u l-perspettivi finanzjarji l-ġodda.

---

21 ĠU C 364,18.12.2000, p. 1.
22 ĠU C 59, 23.2.2001, p. 307.
23 ĠU C 77 E, 28.3.2002, p. 126.
24 ĠU L 34, 9.2.2000, p. 1.
25 ĠU L 143, 30.4.2004, p. 1

(10) Ta' min jassigura l-kontinwità għall-proġetti appoġġjati mill-programmi Daphne u Daphne II.

(11) Minħabba li, skond ir-riċerka, il-morbożità u l-mortalità marbuta mad-dipendenza mid-droga jaffettwaw numru mdaqqas ta' ċittadini Ewropej, id-dannu relatat mas-saħħa marbut mad-dipendenza mid-droga jikkostitwixxi problema ewlenija għas-saħħa pubblika.

(12) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni finali ta' l-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Droga ta' l-UE (2000-2004)[26] indikat il-ħtieġa li s-soċjetà ċivili tiġi involuta b'mod regolari fit-tfassil tal-politika ta' l-UE dwar id-droga.

(13) Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jiġi adottat programm ta' azzjoni fil-qasam tas-saħħa pubblika (2003 – 2008) tinkludi l-iżvilupp ta' strateġiji u miżuri dwar id-dipendenza mid-droga bħala waħda mill-fatturi determinanti importanti tas-saħħa relatati ma' l-istil ta' ħajja.

(14) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2003 dwar il-prevenzjoni u t-tnaqqis ta' ħsara relatata mas-saħħa marbuta mad-dipendenza mid-droga[27], il-Kunsill għamel rakkomandazzjoni li l-Istati Membri jistabbilixxu l-prevenzjoni tad-dipendenza mid-droga u t-tnaqqis ta' riskji relatati bħala għan tas-saħħa pubblika, u li jiżviluppaw u jimplimentaw strateġiji komprensivi għal dan.

(15) F'Diċembru 2004 il-Kunsill Ewropew approva uffiċjalment l-Istrateġija dwar id-Droga ta' l-Unjoni Ewropea għall-2005 – 2012 li tkopri l-attivitajiet kollha relatati mad-droga fl-Unjoni Ewropea u tistabbilixxi l-miri ewlenin. Dawn il-miri jinkludu l-kisba ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa, il-benesseri u l-koeżjoni soċjali bil-prevenzjoni u t-tnaqqis ta' l-użu tad-droga, id-danni li għandhom x'jaqsmu mad-dipendenza u mad-droga għas-saħħa u għas-soċjetà.

(16) Il-Kummissjoni adottat il-Pjan ta' Azzjoni tagħha dwar id-Droga għall-2005 – 2008[28] bħala strument essenzjali għat-traspożizzjoni ta' l-Istrateġija ta' l-Unjoni Ewropea dwar id-Droga għall-2005 – 2012 f'azzjonijiet konkreti. L-għan aħħari tal-Pjan ta' Azzjoni hu li jnaqqas b'mod sinifikanti l-użu tad-droga fost il-popolazzjoni u li jnaqqas il-ħsara soċjali u għas-saħħa kkawżata mill-użu tad-droga illeċita u min-negozju tagħha.

(17) Huwa importanti u neċessarju li jiġu rikonoxxuti l-implikazzjonijiet serji immedjati u dawk fit-tul tal-vjolenza u tad-droga għas-saħħa, għall-iżvilupp psikoloġiku u dak soċjali u għall-opportunitajiet indaqs għal dawn konċernati, għall-individwi, il-familji u l-komunitajiet u l-ispejjeż għolja soċjali u ekonomiċi għas-soċjetà b'mod ġenerali.

(18) L-Unjoni Ewropea tista' toħloq valur miżjud fl-azzjonijiet li għandhom jieħdu l-Istati Membri fil-qasam ta' l-informazzjoni dwar u l-prevenzjoni tad-droga billi tikkomplementa dawk l-azzjonijiet u tippromwovi s-sinerġiji.

---

26 KUMM(2004) 707.
27 ĠU L 165, 3.7.2003, p. 31.
28 KUMM(2005) 45, 14.2.2005.

(19) Dwar il-prevenzjoni tal-vjolenza, inkluż l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, taż-żgħażagħ u tan-nisa u l-protezzjoni tal-vittmi u tal-gruppi li jinsabu f'riskju, l-Unjoni Ewropea tista' tagħti valur miżjud lill-azzjonijiet li prinċipalment għandhom jieħdu l-Istati Membri b'dawn il-mezzi li ġejjin: it-tixrid u l-iskambju ta' l-informazzjoni, l-esperjenza u l-prattika tajba; il-promozzjoni ta' l-strateġija ta' tiġdid; it-twaqqif konġunt tal-prijoritajiet; l-iżvilupp ta' netwerking kif xieraq, l-għażla ta' proġetti mifruxa mal-Komunità kollha; u l-motivazzjoni u l-mobilizzazzjoni tal-partijiet kollha konċernati. Dawn l-azzjonijiet għandhom jinkludu wkoll lit-tfal u lin-nisa miġjuba fl-Istati Membri permezz tat-traffikar tal-bnedmin.

(20) Il-Federazzjoni Ewropea għal Tfal Nieqsa u Sfruttati Sesswalment tiġbor fuq livell Ewropew lill-NGOs differenti li jaħdmu dwar il-problema ta' l-għejbien u l-isfruttament sesswali tat-tfal. Il-Federazzjoni tqajjem l-għarfien u tiġġieled kontra l-fenomeni ta' tfal nieqsa jew sfruttati sesswalment billi tiffaċilita l-komunikazzjoni bejn organizzazzjonijiet Ewropej biex jinstab mod aktar effiċjenti kif tiġi trattata l-problema, tqanqal il-ħolqien ta' ċentru ta' studju Ewropew sabiex jiċċentralizza u janalizza data li għandhom x'jaqsmu ma' dawn il-fenomeni u tippromwovi u twettaq attivitajiet biex titjieb il-qagħda ta' minorenni, vittmi ta' għajbien u/jew abbuż sesswali, u biex tibdel in-normi legali, il-mentalità u l-imġiba fl-Ewropa.

(21) L-għanijiet ta' l-azzjoni proposta, jiġifieri li tipprevjeni u tikkumbatti l-forom kollha ta' vjolenza fuq it-tfal, iż-żgħażagħ u n-nisa u l-prevenzjoni tad-droga u l-informazzjoni dwarha ma jistgħux jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri minħabba l-ħtieġa għal skambju ta' informazzjoni fuq livell ta' UE u għat-tixrid ta' prattika tajba fil-Komunità kollha. Dan jista' jinkiseb aħjar fuq livell Komunitarju. Minħabba l-ħtieġa għal strateġija koordinata u multidixxiplinari u minħabba d-daqs jew l-impatt ta' l-inizjattiva, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet.

(22) Għandhom ukoll jittieħdu miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa sabiex jinġabru lura l-fondi mitlufin, imħallsa b'mod żbaljat u użati b'mod mhux korrett.

(23) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi qafas finanzjarju għal matul il-programm kollu li għandu jkun il-punt ewlieni ta' referenza għall-awtorità tal-baġit fis-sens tal-punt 33 tal-Ftehim Bejn l-Istituzzjonijiet tas-6 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina u titjib tal-proċedura għall-baġit[29].

(24) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li japplika għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej[30], minn issa 'l quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Finanzjarju", u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill 1605/2002[31], li jħarsu l-interessi finanzjarji tal-Komunità, għandhom jiġu applikati, filwaqt li jittieħdu

[29] ĠU C 172, 18.6.1999, p. 1.
[30] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
[31] ĠU L 357, 31.12.2002, p.1.

f'kunsiderazzjoni l-prinċipji tas-sempliċità u tal-konsistenza fl-għażla ta' l-istrumenti għall-baġit, limitazzjoni fuq in-numru tal-każijiet fejn il-Kummissjoni żżomm responsabbiltà diretta għall-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni tagħhom, u l-proporzjonalità meħtieġa bejn l-ammont ta' riżorsi u l-piż amministrattiv relatat ma' l-użu tagħhom.

(25) Ir-Regolament Finanzjarju jeħtieġ li jiġi provdut b'att bażiku biex ikopri l-għotjiet operattivi.

(26) Skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni[32], il-miżuri għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu adottati bl-użu tal-proċedura ta' konsultazzjoni stipulata fl-Artikolu 3 ta' dik id-Deċiżjoni. Dan huwa xieraq minħabba li l-programm m'għandux impatt sinifikanti fuq il-baġit Komunitarju.

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1
Il-ħolqien tal-programm

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-programm "Ġlieda kontra l-vjolenza (Daphne) u l-prevenzjoni tad-droga u l-informazzjoni dwarha", minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-programm", bħala parti mill-programm ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja", sabiex jikkontribwixxi biex tissaħħaħ iż-żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja.

2. Il-programm għandu jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013.

Artikolu 2
L-Għanijiet ġenerali

1. Dan il-programm għandu jkollu dawn l-għanijiet ġenerali li ġejjin:

   (a) Li jikkontribwixxi għat-twaqqif ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja billi jiġġieled kontra l-vjolenza u billi jinforma dwar u jipprevjeni l-użu tad-droga.

   (b) Li jipproteġi liċ-ċittadini mill-vjolenza u jikseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa, benesseri u koeżjoni soċjali.

   (c) Li jipprevjeni u jnaqqas l-użu tad-droga, id-dipendenza mid-droga u d-danni relatati mad-droga.

2. Bla ħsara għall-għanijiet u s-setgħat tal-Komunità Ewropea, l-għanijiet ġenerali tal-programm għandhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-politika komunitarja u b'mod aktar speċifiku, għal dawk relatati mal-protezzjoni tas-saħħa pubblika, l-

[32] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

ugwaljanza tas-sessi, il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-isfruttament sesswali.

Artikolu 3
L-għanijiet speċifiċi

Il-programm għandu jkollu dawn l-għanijet speċifiċi li ġejjin:

(a) Li jipprevjeni u jikkumbatti l-forom kollha ta' vjolenza li jseħħu fil-pubbliku jew fil-privat kontra t-tfal, iż-żgħażagħ u n-nisa billi jittieħdu miżuri preventivi u jingħata appoġġ lill-vittmi u lill-gruppi li jinsabu f'riskju b'dawn il-mezzi li ġejjin:

- Jgħin u jinkoraġġixxi lil NGOs u organizzazzjonijiet oħrajn attivi fil-protezzjoni mill-vjolenza u l-prevenzjoni tagħha, u jgħin lill-vittmi;
- Jiżviluppa u jimplimenta azzjonijiet li jqajmu għarfien u li huma mmirati lejn udjenzi speċifiċi, biex jitfasslu materjali li jiżdiedu ma' dawk diġà disponibbli, jew inkella jiġu adattati jew użati l-materjali eżistenti f'żoni ġeografiċi oħrajn jew għal gruppi oħrajn li għalihom huma maħsuba dawn l-azzjonijiet;
- Ixerred ir-riżultati miksuba miż-żewġ programmi Daphne, inkluż l-adattament, it-trasferiment u l-użu tagħhom minn benefiċjarji oħrajn jew f'żoni ġeografiċi oħrajn;
- Jidentifika u jtejjeb l-azzjonijiet li jikkontribwixxu għat-trattament pożittiv tal-persuni f'riskju minn vjolenza, jiġifieri li jinkoraġġixxi rispett għalihom u jippromwovi l-benesseri u l-iżvilupp tal-personalità tagħhom.

(b) Li jippromwovi azzjonijiet li jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali biex

- jiġu stabbiliti netwerks multidixxiplinari;
- jiġu assigurati t-tkabbir tal-bażi ta' għarfien, l-iskambju ta' informazzjoni u l-identifikazzjoni u t-tixrid tal-prattika tajba, inkluż permezz ta' taħriġ, żjarat ta' studju u skambju ta' impjegati;
- jitqajjem għarfien dwar il-vjolenza fost udjenzi partikolari, bħal professjonijiet speċifiċi, biex jitjieb il-fehim tagħhom, jiġi promoss in-nuqqas ta' tolleranza għall-vjolenza u jiġi inkoraġġit l-appoġġ lill-vittmi u r-rappurtar tal-vjolenza lill-awtoritajiet kompetenti;
- jiġu studjati l-fenomeni relatati mal-vjolenza, jiġu esplorati u indirizzati l-kawżi fl-għerq tal-vjolenza fuq il-livelli kollha tas-soċjetà;

- jitqajjem l-għarfien dwar il-problemi tas-saħħa u dawk soċjali kkawżati mill-użu tad-droga u jiġi inkoraġġit djalogu miftuħ biex jiġi promoss għarfien aħjar tal-fenomenu tad-droga.

(c) Jinvolvi lis-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni u fl-iżvilupp ta' l-Istrateġija u l-Pjanijiet ta' Azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea dwar id-Droga.

(d) Jissorvelja, jimplimenta u jivvaluta l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet speċifiċi taħt il-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Droga għall-2005 – 2008 u għall-2009 – 2012.

Artikolu 4
L-Azzjonijiet

Sabiex jimxi fuq l-għanijiet ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3, dan il-programm jagħti appoġġ għat-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin:

(a) L-azzjonijiet speċifiċi meħuda mill-Kummissjoni, bħal studji u riċerka, stħarrig ta' l-opinjoni pubblika u servejs, tfassil ta' indikaturi u metodoloġiji komuni, ġbir, lżvilupp u tixrid ta' data u statistiċi, seminars, konferenzi u laqgħat ta' l-esperti, organizzazzjoni ta' kampanji u avvenimenti pubbliċi, żvilupp u manutenzjoni ta' siti fuq l-internet, preparazzjoni u tixrid ta' materjali ta' informazzjoni, appoġġ lil u animazzjoni ta' netwerks ta' esperti nazzjonali, attivitajiet ta' analiżi, sorveljanza u valutazzjoni; jew

(b) Proġetti speċifiċi li jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u li huma ta' interess Komunitarju ppreżentati minn, għall-inqas, tliet Stati Membri taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-programmi ta' ħidma annwali; jew

(c) Appoġġ għall-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi jew entitajiet oħrajn li għandhom għan ta' interess ġenerali Ewropew dwar l-għanijiet ġenerali tal-programm taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-programmi ta' ħidma annwali.

(d) Għotja operattiva biex tiġi kofinanzjata n-nefqa marbuta mal-programm ta' ħidma permanenti tal-Federazzjoni tat-Tfal Nieqsa jew Sfruttati Sesswalment li għandha għan ta' interess ġenerali Ewropew fil-qasam tad-drittijiet u tal-protezzjoni tat-tfal.

Artikolu 5
Il-parteċipazzjoni

Dawn il-pajjiżi li ġejjin, minn issa 'l quddiem imsejħa "pajjiżi parteċipanti", jistgħu jieħdu sehem fl-azzjonijiet tal-programm:

(a) L-Istati ta' l-EFTA li huma parti mill-Ftehim taż-ŻEE, skond id-dispożizzjonijiet ta' dak il-Ftehim.

(e) Il-pajjiżi kandidati assoċjati ma' l-UE, kif ukoll il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent inklużi fil-proċess ta' stabbilizzazzjoni u assoċjazzjoni skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim ta' l-assoċjazzjoni jew fil-protokolli addizzjonali tagħhom

dwar il-parteċipazzjoni fil-programmi Komunitarji konklużi jew li ser jiġu konklużi ma' dawk il-pajjiżi.

(f) Il-proġetti jistgħu jassoċjaw magħhom lill-pajjiżi kandidati li mhux qed jieħdu sehem f'dan il-programm, fejn dan jikkontribwixxi għall-preparazzjoni tagħhom għall-adeżjoni, jew pajjiżi terzi oħrajn li mhux qed jieħdu sehem f'dan il-programm, fejn dan iservi għall-għanijiet tal-proġetti.

Artikolu 6
Il-gruppi li għalihom hu maħsub il-programm

1. Il-programm huwa maħsub għall-gruppi kollha li direttament jew indirettament għandhom x'jaqsmu mal-fenomeni tad-droga u tal-vjolenza.

2. Dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza, il-gruppi ewlenin li għalihom hu maħsub il-programm huma l-vittmi tal-vjolenza u l-gruppi f'riskju mill-vjolenza. Gruppi oħrajn li għalihom hu maħsub il-programm huma, *inter alia*, għalliema u impjegati fl-edukazzjoni, pulizija u ħaddiema soċjali, awtoritajiet lokali u nazzjonali, impjegati mediċi u paramediċi, impjegati ġudizzjarji, NGO, trejdjunjins u komunitajiet reliġjużi. Huwa wkoll rilevanti li jkun hemm ħsieb dwar programmi ta' trattament għall-vittmi fuq naħa waħda u min iwettaq l-atti kriminali fuq in-naħa l-oħra, bl-għan li l-vjolenza titwaqqaf milli sseħħ.

3. Dwar id-droga, iż-żgħażagħ, il-gruppi vulnerabbli u d-distretti residenzjali problematiċi huma gruppi f'riskju u għandhom jiġu identifikati bħala gruppi li għalihom huwa maħsub il-programm. Gruppi oħrajn li għalihom huwa maħsub il-programm huma, *inter alia*, għalliema u impjegati fl-edukazzjoni, ħaddiema soċjali, awtoritajiet lokali u nazzjonali, impjegati mediċi u paramediċi, impjegati ġudizzjarji, NGO, trejdjunjins u komunitajiet reliġjużi.

Artikolu 7
[L-aċċess għall-programm]

-aċċess għal dan il-programm għandu jkun miftuħ għal organizzazzjoijiet u istituzzjonijiet pubbliċi jew privati (awtoritajiet lokali fuq livell kompetenti, dipartimenti ta' l-università u ċentri ta' riċerka) li jaħdmu biex jipprevjenu u jegħlbu l-vjolenza fuq it-tfal, iż-żgħażagħ u n-nisa jew biex jipproteġu minn din il-vjolenza jew biex jagħtu appoġġ lill-vittmi jew jimplimentaw azzjonijiet maħsuba biex jippromwovu ċ-ċaħda ta' din il-vjolenza jew iħeġġu tibdil fl-attitudni jew fl-imġiba lejn il-gruppi vulnerabbli u l-vittmi tal-vjolenza. Il-programm għandu wkoll ikun miftuħ għal organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet pubbliċi jew privati (awtoritajiet lokali fuq livell kompetenti, dipartimenti ta' l-università u ċentri ta' riċerka) li jaħdmu biex jinformaw dwar u jipprevjenu l-użu tad-droga.

Artikolu 8
It-tipi ta' intervent

1. L-għoti ta' fondi mill-Komunità jista' jieħu dawn il-forom legali li ġejjin:

– Għotjiet,

– Kuntratti ta’ akkwist pubbliku.

2. L-għotjiet Komunitarji għandhom jingħataw wara sejħiet għal proposti, ħlief f’każijiet urġenti eċċezzjonali sostanzjati kif inhu xieraq jew fejn il-karatteristiċi tal-benefiċjarju ma jħallu l-ebda għażla oħra ħlief għal azzjoni partikolari, u għandhom jingħataw permezz ta’ għotjiet operattivi u għotjiet għall-azzjonijiet. Ir-rata massima tal-kofinanzjament għandha tiġi speċifikata fil-programmi ta’ ħidma annwali.

3. Barra minn hekk, hija prevista nefqa għall-miżuri li jakkumpanjaw dawn ta’ hawn fuq, permezz ta’ kuntratti ta’ l-akkwist pubbliku, f’liema każ il-fondi Komunitarji se jkopru x-xiri ta’ servizzi u prodotti. Dan ikopri, *inter alia*, infiq fuq informazzjoni u komunikazzjoni, preparazzjoni, implimentazzjoni, sorveljanza, verifika u valutazzjoni ta’ proġetti, politika, programmi u leġiżlazzjoni.

Artikolu 9
Il-miżuri ta’ implimentazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-Għajnuna Komunitarja skond ir-Regolament Finanzjarju tal-Kunsill (Ir-Regolament Finanzjarju (KE/Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002) li japplika għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.

2. Biex timplimenta l-programm, il-Kummissjoni għandha, fil-limiti ta’ l-għanijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2, tadotta programm ta’ ħidma annwali li jispeċifika l-għanijiet speċifiċi, il-prijoritajiet tematiċi, deskrizzjoni tal-miżuri li jakkumpanjaw iddikjarati fl-Artikolu 8 u, jekk meħtieġ, lista ta’ azzjonijiet oħrajn.

3. Il-programm ta’ ħidma annwali ser ikun adottat skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10 (2).

4. Il-proċeduri ta’ valutazzjoni u għotjiet relatati ma’ għotjiet lil azzjonijiet għandhom jieħdu f’kunsiderazzjoni, fost l-oħrajn, dawn il-kriterji li ġejjin:

   (a) il-konformità mal-programm ta’ ħidma annwali, l-għanijiet ġenerali kif speċifikati fl-Artikolu 2 u l-miżuri meħuda fl-oqsma differenti kif speċifikati fl-Artikoli 3 u 4;

   (b) il-kwalità ta’ l-azzjoni proposta f’dak li għandu x’jaqsam mal-bidu, l-organizzazzjoni, il-preżentazzjoni u r-riżultati mistennija tagħha;

   (c) l-ammont mitlub għall-finanzjament Komunitarju u kemm dan huwa xieraq meta jitqiesu r-riżultati mistennija;

   (d) l-impatt tar-riżultati mistennija fuq l-għanijiet ġenerali ddefiniti fl-Artikolu 2 u fuq il-miżuri meħuda fl-oqsma differenti kif speċifikat fl-Artikoli 3 u 4.

5. L-applikazzjonijiet għal għotjiet operattivi, imsemmija fl-Artikolu 4, (3) u (4), għandhom jiġu vvalutati fid-dawl ta’ dawn:

   – il-konsistenza ma’ l-għanijiet tal-programm;

   – il-kwalità ta’ l-attivitajiet ippjanati;

– l-effett multiplikatur possibbli ta' dawn l-attivitajiet fuq il-pubbliku;

– l-impatt ġeografiku ta' l-attivitajiet imwettqa;

– l-involviment taċ-ċittadini fl-organizzazzjoni tal-korpi konċernati;

– il-proporzjon tal-flus li jkunu nħarġu mqabbla mal-benefiċċji mistennija mill-attività proposta.

6. Skond l-Artikolu 113 (2) tar-Regolament Finanzjarju, il-prinċipju ta' tnaqqis gradwali m'għandux japplika għall-għotja ta' ħidma mogħtija lill-Federazzjoni Ewropea għal Tfal Nieqsa jew Sfruttati Sesswalment, li għandha għan ta' interess ġenerali Ewropew fil-qasam tad-drittijiet tat-tfal u l-protezzjoni tagħhom.

Artikolu 10
Il-kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi mgħejuna minn kumitat, magħmul mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri u mmexxi mir-rappreżentant tal-Kummissjoni, minn issa 'l quddiem imsejjaħ il-"Kumitat".

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli tal-Proċedura tiegħu.

Artikolu 11
Il-komplementarjetà

1. Jiġu mfittxija sinerġiji u komplementarjetà ma' strumenti oħrajn Komunitarji, b'mod partikolari mal-programmi ġenerali "Is-Sigurtà u l-Ħarsien tal-Libertajiet" u "Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi tal-Migrazzjoni", is-seba' Programm ta' qafas tar-Riċerka u l-Iżvilupp kif ukoll il-programmi fuq il-protezzjoni tas-saħħa u "Internet Dejjem Aktar Mingħajr Perikli" *("Safer Internet Plus")*. Il-komplementarjetà maċ-Ċentru Ewropew ta' Sorveljanza għad-Droga u d-Dipendenza mid-Droga se tkun segwita b'mod attiv. L-element statistiku ta' l-informazzjoni dwar il-vjolenza u d-droga ser jiġi żviluppat b'kollaborazzjoni ma' l-Istati Membri, bl-użu kif meħtieġ tal-Programm Statistiku Komunitarju.

2. Il-programm jista' jaqsam ir-riżorsi ma' strumenti oħrajn Komunitarji, b'mod partikolari l-programmi ġenerali "Is-Sigurtà u l-Ħarsien tal-Libertajiet", "Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi tal-Migrazzjoni" u s-seba' Programm ta' qafas tar-Riċerka u l-Iżvilupp sabiex jimplimenta l-azzjonijiet li jilħqu l-għanijiet tal-programmi kollha.

3. L-operazzjonijiet iffinanzjati skond din id-Deċiżjoni m'għandhomx jirċievu assistenza għall-istess skop minn strumenti finanzjarji oħrajn tal-Komunità. Il-benefiċjarji ta' din id-Deċiżjoni għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-

informazzjoni dwar il-fondi li jirċievu mill-baġit tal-Komunità u minn għejun oħrajn, kif ukoll bl-informazzjoni dwar applikazzjonijiet kurrenti għall-fondi.

Artikolu 12
Ir-RiżorsiBaġitarji

1. Il-baġit għall-implimentazzjoni ta' dan l-istrument huwa stabbilit bħala ta' EUR 138.2 miljun għall-perjodu stabbilit fl-Artikolu 1.

2. Ir-riżorsi tal-baġit imqassma għall-azzjonijiet stipulati f'dan il-programm għandhom jiddaħħlu fl-approprjazzjonijiet ta' kull sena tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea. L-approprjazzjonijiet annwali disponibbli għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità tal-baġit fil-limiti tal-perspettivi finanzjarji.

Artikolu 13
Is-sorveljanza

1. Għal kwalunkwe azzjoni ffinanzjata mill-programm, il-benefiċjarju għandu jressaq rapporti tekniċi u finanzjarji dwar il-progress tax-xogħol. Għandu jitressaq ukoll rapport finali fi żmien tliet xhur mit-tlestija ta' l-azzjoni. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-forma u l-kontenut tar-rapporti.

2. Bla ħsara għall-verifiki mwettqa mill-Qorti ta' l-Awdituri flimkien mal-korpi jew id-dipartimenti nazzjonali tal-verifika kompetenti skond l-Artikolu 248 tat-Trattat, jew kwalunkwe ispezzjoni mwettqa skond l-Artikolu 279(c) tat-Trattat, l-uffiċjali u l-impjegati l-oħrajn tal-Kummissjoni jistgħu jwettqu verifika fuq il-post, inklużi verifiki kampjuni, fuq azzjonijiet ffinanzjati taħt il-programm.

3. Il-kuntratti u l-ftehim li jirriżultaw minn din id-Deċiżjoni għandhom jipprovdu b'mod partikolari għas-sorveljanza u l-kontroll finanzjarju mill-Kummissjoni (jew minn kwalunkwe rappreżentant awtorizzat minnha), jekk meħtieġ fuq il-post, u verifiki mill-Qorti ta' l-Awdituri.

4. Għal ħames snin wara l-aħħar pagament għal kwalunkwe azzjoni, il-benefiċjarju ta' l-assistenza finanzjarja għandu jżomm għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni d-dokumenti kollha ta' appoġġ dwar in-nefqa fuq l-azzjoni.

5. Fuq il-bażi tar-riżultati tar-rapporti u l-verifiki kampjuni msemmija fil-paragrafi 1 u 2, il-Kummissjoni għandha, jekk meħtieġ, taġġusta l-iskala jew il-kundizzjonijiet ta' l-allokazzjoni ta' l-għajnuna finanzjarja, oriġinarjament approvata, kif ukoll l-iskeda ta' meta jsiru l-ħlasijiet.

6. Il-Kummissjoni għandha tieħu kull pass ieħor meħtieġ biex tivverifika li l-azzjonijiet iffinanzjati qed jitwettqu kif suppost u skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni u tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 14

Il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità

1. Il-Kummissjoni għandha tassigura li, meta l-azzjonijiet ffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni jiġu implimentati, l-interessi finanzjarji tal-Komunità jkunu protetti bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività oħra illegali, permezz ta' verifiki effettivi u bil-ġbir lura ta' l-ammonti żejda mħallsa u, jekk jiġu skoperti irregolaritajiet, b'pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi, skond ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 u (Euratom, KE) Nru 2185/96, u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament u tal-Kunsill.

2. Għall-azzjonijiet Komunitarji iffinanzjati taħt dan il-programm, ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 għandhom japplikaw għal kwalunkwe ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi Komunitarja, inkluż meta jinkiser obbligu kuntrattwali stipulat fuq il-bażi tal-programm, li jirriżulta minn att jew nuqqas ta' operatur ekonomiku, li għandu, jew ikollu, l-effett li jippreġudika l-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej jew il-baġits amministrati minnhom, b'nefqa mhux iġġustifikata.

3. Il-Kummissjoni għandha tnaqqas, tissospendi jew tiġbor lura l-ammont ta' għajnuna finanzjarja mogħtija għal azzjoni jekk issib irregolaritajiet, inkluż nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni jew id-deċiżjoni individwali jew il-kuntratt jew il-ftehim li jagħtu l-appoġġ finanzjarju konċernat, jew jekk jirriżulta li, mingħajr ma tkun intalbet l-approvazzjoni tal-Kummissjoni, l-azzjoni tkun għaddiet minn tibdil li jmur kontra n-natura jew il-kundizzjonijiet ta' l-implimentazzjoni tal-proġett.

4. Jekk it-termini ta' żmien ma jkunux ġew osservati jew jekk parti biss mill-għajnuna finanzjarja mqassma hija ġġustifikata mill-progress li sar bl-implimentazzjoni ta' azzjoni, il-Kummissjoni għandha titlob lill-benefiċjarju biex iressaq osservazzjonijiet f'perjodu speċifikat. Jekk il-benefiċjarju ma jagħtix risposta sodisfaċenti, il-Kummissjoni tista' tħassar l-għajnuna finanzjarja li jifdal u titlob il-ħlas lura tas-somom diġà mħallsa.

5. Kwalunkwe ħlas żejjed għandu jitħallas lura lill-Kummissjoni. Għandhom jiżdiedu l-interessi ma' kwalunkwe somma mhux imħallsa lura f'waqtha skond il-kundizzjonijiet stabbiliti mir-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 15

L-evalwazzjoni

1. Il-programm għandu jiġi mmonitorjat b'mod regolari sabiex tkun segwita l-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet imwettqin taħtu.

2. Il-Kummissjoni għandha tassigura l-valutazzjoni regolari, indipendenti, u esterna tal-programm.

3. Il-Kummissjoni għandha tressaq quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill:

(a) rapport *interim* ta' valutazzjoni fuq ir-riżultati miksuba u l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi ta' l-implimentazzjoni ta' dan il-programm, mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2011;

(b) Komunikazzjoni dwar il-kontinwazzjoni ta' dan il-programm, mhux aktar tard mit-30 ta' Awissu 2012;

(c) rapport ex post ta' valutazzjoni, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014.

Artikolu 16
Il-miżuri transitorji

Id-Deċiżjoni Nru 803/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li tadotta programm ta' azzjoni Komunitarja (2004 – 2008) biex jipprevjeni u jegħleb il-vjolenza fuq it-tfal, iż-żgħażagħ u n-nisa u jipproteġi l-vittmi u l-gruppi li jinsabu f'riskju (il-programm Daphne II) hija revokata.

L-azzjonijiet mibdija qabel il-31 ta' Diċembru 2006 skond dik id-Deċiżjoni jkomplu jkunu rregolati minnha sakemm jitlestew. Il-Kumitat stipulat fl-Artikolu 7 tagħha għandu jiġi sostitwit minn dak stipulat fl-Artikolu 10 ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 17
[Id-dħul fis-seħħ]

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.* Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST

Il-preparazzjoni tal-perspettivi finanzjarji għall-2007-2013 ġiet iggwidata mill-bidu minn metodu ggwidat mill-politika, sabiex tiġi assigurata konsistenza bejn l-għanijiet politiċi u l-ammonti mqassma biex dawn jintlaħqu. F'dan il-kuntest, it-twaqqif ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jitqies bħala wieħed mill-prijoritajiet ewlenin ta' l-Unjoni Ewropea għas-snin li ġejjin, li għandu jiġi appoġġjat permezz ta' mezzi finanzjarji miżjuda b'mod sostanzjali. Fil-Komunikazzjonijiet tagħha « *Nibnu l-Ġejjieni komuni tagħna – L-isfidi tal-Politika u tal-mezzi tal-Baġit ta' l-Unjoni Mkabbra għall-2007-2013*»[33] u « *Il-Perspettivi Finanzjarji għall-2007 – 2013* »[34], il-Kummissjoni enfasizzat ukoll l-importanza li tintuża r-reviżjoni ta' l-istrumenti legali għall-perspettivi finanzjarji li jmiss sabiex ikun hemm moviment sinifikanti lejn aktar sempliċità. Billi strutturat il-proposti tagħha madwar tliet programmi ġenerali u ggwidata mill-politika ("Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi tal-Migrazzjoni", "Id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja", "Is-Sigurtà u l-Ħarsien tal-Libertajiet"), il-Kummissjoni tistabbilixxi qafas ċar għall-iżvilupp ta' l-interventi finanzjarji tal-Komunità b'appoġġ għat-tliet għanijiet tal-Ġustizzja, tal-Libertà u tas-Sigurtà.

2. IL-ĠUSTIFIKAZZJONI TA' L-AZZJONI

2.1. L-Analiżi tal-problema

Il-promozzjoni taċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni Ewropea għandha tiżviluppa sens ta' appartenenza f'unjoni li għandha drittijiet fundamentali u valuri komuni filwaqt li żżomm u tirrispetta d-diversità tal-kultura u tat-tradizzjonijiet tal-popli ta' l-Ewropa. It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea jistabbilixxi ċittadinanza Ewropea u d-drittijiet u d-dmirijiet taċ-ċittadini ta' l-UE; u t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, huwa l-bażi għall-politika ta' l-UE dwar id-drittijiet fundamentali.

L-isfidi ewlenin li qed tiffaċċja l-Unjoni dwar dan il-qasam ta' politika fil-perjodu tal-perspettivi finanzjarji li jmiss jistgħu jiġu ddefiniti kif ġej:

1. L-inkorporazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea fit-Trattat Kostituzzjonali, il-ftuħ tal-possibbiltà li l-Unjoni tiffirma l-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, u l-mekkaniżmi ta' sorveljanza għall-Artikolu 7 għat-TUE diġa stabbiliti taħt it-Trattat ta' Nizza flimkien jimplikaw rinforz u operazjonalizzazzjoni sinifikanti tal-valuri fundamentali li huma fiċ-ċentru tal-proġett Ewropew.

2. Wara l-inkorporazzjoni tal-Karta fit-Trattat Kostituzzjonali, l-Unjoni tkun legalment obbligata mhux biss li tirrispetta dawn id-drittijiet iżda, soġġetta għall-prinċipju ta' sussidjarjetà, li tassigura wkoll li jkunu promossi b'mod effettiv fl-oqsma kollha tal-politika (kemm interna kif ukoll esterna) li fihom hija kompetenti l-Unjoni.

---

33 KUMM(2004) 101, 10.2.2004.
34 KUMM(2004) 487, 14.7.2004.

3. L-attivitajiet ta' sorveljanza biex jiġi assigurat li l-Istati Membri jadottaw l-istess metodu fl-oqsma ta' kompetenza tagħhom ser jiżdiedu b'mod impressjonanti, l-aktar fil-kuntest ta' Unjoni li qed tikber u li hija dejjem aktar differenti u l-isfidi l-ġodda kollha li dan ser iġib.

4. L-NGOs u l-atturi l-oħrajn tas-soċjetà ċivili għandhom rwol importanti fl-inkoraġġiment u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea kollha u biex jgħinu lin-nies isiru jafu d-drittijiet tagħhom u jeżerċitawhom b'mod sħiħ. Huwa għalhekk essenzjali li jiġi assigurat li l-livell ta' azzjoni u impenn minn dawk l-entitajiet ikun ekwivalenti fl-Istati Membri kollha. L-appoġġ tas-soċjetà ċivili u l-promozzjoni tan-netwerking huma għalhekk essenzjali.

5. Li jiġi promoss id-djalogu bejn ir-reliġjonijiet u bejn il-kulturi differenti jista' jitqies bħala mezz importanti għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u biex jiġu promossi d-drittijiet fundamentali, lill-ftehim reċiproku u lill-paċi.

2.2. It-triq għall-ġejjieni

L-għan ta' dan il-programm speċifiku tal-programm ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" huwa li jiżviluppa b'mod sinifikanti ż-żewġ azzjonijiet preparatorji eżistenti (li jiġu inkoraġġiti d-drittijiet fundamentali u jingħata appoġġ lis-soċjetà ċivili) bl-introduzzjoni ta' għanijiet ġodda bħall-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u l-anti-semitiżmu l-aktar billi jiġi inkoraġġit id-djalogu bejn ir-reliġjonijiet u bejn il-kulturi differenti fuq livell ta' l-UE.

L-appoġġ għas-soċjetà ċivili fejn għandhom x'jaqsmu drittijiet fundamentali se jitkabbar biex ikopri l-Istati Membri kollha, filwaqt li l-azzjoni preparatorja preżenti tkopri biss għaxar Stati Membri.

Tingħata attenzjoni speċjali għad-drittijiet li ġejjin miċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni, rikonoxxuti bħala drittijiet fundamentali permezz tal-Karta, l-aktar biex jingħata inkoraġġiment lill-parteċipazzjoni demokratika.

Hija ppjanata żieda sinifikanti fil-pakkett finanzjarju biex tirrifletti l-importanza dejjem akbar ta' dawn il-kwistjonijiet u biex tagħti rispons pożittiv lill-atturi tas-soċjetà ċivili.

2.3. L-għanijiet tal-programm u l-indikaturi relatati

- Id-definizzjoni ta' l-għanijiet ġenerali, speċifiċi u operattivi

Li jippromwovi l-iżvilupp ta' soċjetà Ewropea bbażata fuq iċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni Ewropea u b'rispett għad-drittijiet fundamentali kif minquxa	Li jippromwovi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u jgħarraf liċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom bħala ċittadini ta' l-Unjoni u jħeġġiġhom jieħdu sehem b'mod attiv fil-ħajja demokratika ta' l-Unjoni.	Li jappoġġja azzjonijiet li jsawru kuxxjenza.

fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.	Li jivvaluta b'mod regolari s-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea u fl-Istati Membri tagħha, fl-ambitu tal-liġi Komunitarja, bl-użu tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali bħala d-dokument ta' gwida u jikseb opinjonijiet dwar kwistjonijiet speċifiċi relatati mad-drittijiet fundamentali, meta jkun meħtieġ.	Li jipprepara rapporti jew opinjonijiet b'mod regolari dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE.
	Li jispjega l-konsegwenzi ta' meta l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tiddaħħal fil-Kostituzzjoni u l-adeżjoni ta' l-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.	Li jappoġġa l-kampanji ta' l-informazzjoni f'dawn l-oqsma
Li jiġġieled kontra l-anti-semitiżmu, ir-razziżmu u l-ksenofobija u jsaħħaħ lis-soċjetà ċivili fil-qasam tad-drittijiet fundamentali.	Li jappoġġja lill-NGOs u lill-korpi l-oħrajn mis-soċjetà ċivili biex itejjeb il-kapaċità tagħhom li jieħdu sehem b'mod attiv fil-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali. Li jiġġieled kontra l-anti-semitiżmu, ir-razziżmu u l-ksenofobija billi jippromwovi għarfien aħjar u aktar tolleranza fl-Unjoni Ewropea kollha. Li jippromwovi l-paċi u lid-drittijiet fundamentali, l-aktar permezz ta' djalogu bejn ir-reliġjonijiet u l-kulturi differenti fuq livell ta' l-UE.	Li jkollu djalogu miftuħ, trasparenti u regolari mas-soċjetà ċivili dwar id-drittijiet fundamentali. Li jappoġġja azzjonijiet li jsawru għarfien. Li jagħti appoġġ finanzjarju għall-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi jew entitajiet oħrajn li jsegwu interess ġenerali Ewropew. Li jagħmel studji u analiżi f'dawn l-oqsma.

L-għanijiet kollha huma konsistenti ma' l-għan ġenerali tal-programm ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" li jappoġġja l-iżvilupp ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

- Il-komplementarjetà/koerenza ma' l-istrumenti l-oħrajn

Dan il-programm ser ifittex b'mod attiv li jkun hemm komplementarjetà mal-ġejjieni ta' l-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali, mibnija fuq iċ-Ċentru Ewropew ta' Sorveljanza tar-Razziżmu u tal-Ksenofobija, biex jiġi evitat li wieħed jidħol fuq l-ieħor u tiġi assigurata s-sinerġija.

Dan il-programm huwa kkomplementat mill-programmi speċifiċi l-oħrajn taħt il-programm ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja", b'mod partikolari l-programm speċifiku "Il-Ġlieda kontra l-vjolenza (Daphne) u l-prevenzjoni tad-droga u l-informazzjoni dwarha" li għandu l-għan li jiġġieled il-vjolenza li b'mod ċar tifforma parti mill-protezzjoni tad-drittijiet

fundamentali kif stabbiliti fil-Karta, l-aktar id-dritt għall-integrità fiżika, u li jegħlbu l-użu u t-traffikar tad-droga.

Il-programmi ġenerali "Is-Sigurtà u l-Ħarsien tal-Libertajiet" u "Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi tal-Migrazzjoni" ser jingħataw attenzjoni speċjali għax jikkomplementaw il-programm preżenti u żgur tinkiseb sinerġija. Tingħata attenzjoni partikolari għad-djalogu ma' l-immigranti biex jiġu inkoraġġiti t-tolleranza u l-għarfien reċiproku, u għalhekk ċittadini ta' pajjiżi terzi jingħataw għajnuna biex jintegraw irwieħhom.

Ingħatat ukoll attenzjoni għall-programmi l-oħrajn, b'mod partikolari l-programm għax-Xogħol u s-Solidarjetà Soċjali (PROGRESS) u l-programm dwar iċ-ċittadinanza attiva, sabiex jiġi evitat li wieħed jidħol fuq l-ieħor u jiġu assigurati l-koerenza u l-komplementarjetà, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-azzjonijiet appoġġjati mill-programm preżenti li jistgħu jkollhom konsegwenzi pożittivi fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u fl-inkoraġġiment tad-djalogu bejn il-kulturi.

Matul l-implimentazzjoni tal-programmi se jsir sforz biex ikun hemm komplementarjetà, biex fejn ikun meħtieġ, jiġu kkoordinati l-attivitajiet li jsiru taħt kull wieħed minnhom.

3. L-EVALWAZZJONI

3.1. Il-lezzjonijiet meħuda minn evalwazzjonijiet intermedji/finali

Żewġ azzjonijiet preparatorji eżistenti għandhom l-għan li jippromwovu d-drittijiet fundamentali u li jappoġġaw lis-soċjetà ċivili.

L-ewwel azzjoni preparatorja dwar id-drittijiet fundamentali bħalissa qed tiffinanzja żewġ proġetti differenti: rapport annwali dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ippreparat minn netwerk ta' esperti indipendenti, u l-finanzjament ta' proġetti bl-għan li l-persuni kollha li jgħixu fl-Unjoni Ewropea jingħataw informazzjoni dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u li jkun promoss għarfien dwar id-drittijiet fundamentali fil-kuntest tal-Liġi ta' l-Unjoni.

It-tieni azzjoni preparatorja għandha l-għan li tappoġġja lis-soċjetà ċivili fl-Istati Membri li daħlu fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004.

Ukoll jekk l-azzjonijiet preparatorji huma reċenti wisq biex jippermettu valutazzjoni xierqa, il-parteċipazzjoni entużjasta tas-soċjetà ċivili tikkonferma l-ħtieġa li jiġi stabbilit programm strutturat biex tiġi assigurata t-tkomplija ta' dawk l-attivitajiet fuq skala akbar.

Barra minn hekk, il-kuntatti regolari miżmuma mas-soċjetà ċivili jikkonfermaw li għandu jiġi żviluppat aktar id-djalogu miftuħ u regolari ma' l-NGOs fil-qasam tad-drittijiet fundamentali u jenfasizzaw il-ħtieġa għal aktar kampanji li jagħtu informazzjoni dwar id-drittijiet fundamentali u wkoll il-ħtieġa li jiġi inkoraġġit in-netwerking bejn l-NGOs minn Stati Membri differenti.

3.2. L-evalwazzjoni *ex ante*

Id-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni li jippreżenta l-valutazzjoni *ex ante* tal-programm ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" juri kemm hi xierqa l-għażla tal-politika magħżula biex jinkisbu l-għanijiet previsti.

4. IL-BAŻI LEGALI U R-RAĠUNI FUNDAMENTALI TA' L-ISTRUMENT TAL-POLITIKA

4.1. Il-Bażi Legali

Dan il-programm speċifiku tal-programm ġenerali "Id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja" huwa bbażat fuq l-Artikolu 308 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Dan l-Artikolu jipprevedi li azzjoni mill-Komunità hija possibbli wkoll jekk l-ebda setgħa m'hi ddikjarata b'mod speċifiku fit-Trattat jekk l-azzjoni konċernata hija meħtieġa biex jinkiseb wieħed mill-għanijiet tal-Komunità.

L-għanijiet ta' dan il-programm m'għandhomx bażi legali speċifika fit-Trattat, għaliex jikkonċernaw il-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-Karta b'mod ġenerali u mhux biss tal-ftit drittijiet fundamentali speċifiċi li għalihom jeżistu bażijiet legali speċifiċi. Madankollu, huma jikkontribwixxu għad-definizzjoni u għall-implimentazzjoni tal-kompetenzi u tal-politika ta' l-UE billi jrawmu għarfien fost kulħadd fl-Unjoni Ewropea dwar id-drittjiet fundamentali tagħhom taħt il-liġi Komunitarja

Il-bażi legali proposta hija xierqa ladarba l-programm jikkontribwixxi biex jinkisbu l-għanijiet tal-Komunità.

4.2. L-azzjonijiet iddefiniti fil-programm

Huma kkunsidrati tipi differenti ta' azzjonijiet bħal:

- Azzjonijiet speċifiċi meħuda mill-Kummissjoni, bħal studji u riċerka, stħarriġ ta' l-opinjoni pubblika u servejs, tfassil ta' indikaturi u metodoloġiji komuni, ġbir, żvilupp u tixrid ta' data u statistiċi, seminars, konferenzi u laqgħat ta' l-esperti, organizzazzjoni ta' kampanji u avvenimenti pubbliċi, żvilupp u l-manutenzjoni ta' siti fuq l-internet (websajts), preparazzjoni u tixrid ta' materjal ta' informazzjoni, appoġġ għal u amministrazzjoni ta' netwerks ta' esperti nazzjonali, attivitajiet ta' analiżi, sorveljanza u valutazzjoni ;

- Azzjonijiet li jagħtu appoġġ finanzjarju għal proġetti speċifiċi ta' interess Komunitarju skond kundizzjonijiet stabbiliti fil-programmi annwali tax-xogħol;

- Azzjonijiet li jagħtu appoġġ finanzjarju għall-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi jew entitajiet oħrajn skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-programmi annwali ta' ħidma;

- Għotja operattiva lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill ta' l-Istati u l-Ġuriżdizzjonijiet Amministrattivi Supremi ta' l-Unjoni Ewropea li għandha għan ta' interess ġenerali Ewropew billi tinkoraġġixxi l-iskambju ta' fehmiet u esperjenza dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ġurisprudemza, l-organizzazzjoni u l-ħidma tal-Membri tagħha fit-twettiq tal-funzjonijiet ġudizzjarji u/jew ta' konsulenza, b'mod partikolari rigward il-Liġi Komunitarja.

4.3. Is-Sussidjarjetà u l-Proporzjonalità

Din il-proposta kienet maħsuba biex tirrispetta l-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità stabbiliti fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-KE u l-Protokoll li jakkumpanjah. Sa fejn għandha x'taqsam is-sussidjarjetà, dan il-programm ma jipprovax jintervjeni fl-oqsma li jaqgħu taħt il-programmi nazzjonali żviluppati mill-awtoritajiet nazzjonali f'kull Stat Membru iżda jiffoka

fuq oqsma fejn jista' jinħoloq valur miżjud Ewropew. Għalhekk, il-maġġoranza l-kbira ta' l-attivitajiet appoġġjati mill-programm jistgħu jitqiesu bħala komplementari għall-azzjonijiet nazzjonali u li jipprovaw jsfruttaw, sa fejn jista' jkun, is-sinerġija minn azzjonijiet implimentati fuq livell internazzjonali u reġjonali.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-proporzjonalità, il-proposta għal programm ġdid kienet maħsuba biex tkun kemm jista' jkun sempliċi mhux biss fil-forma ta' l-azzjoni – id-definizzjonijiet ta' l-azzjonijiet fit-test leġislattiv qed jinżammu kemm jista' jkun ġeneriċi – iżda wkoll rigward il-kundizzjonijiet amministrattivi u finanzjarji meħtieġa li ser japplikaw għall-implimentazzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni fittxet li ssib il-bilanċ it-tajjeb bejn il-flessibilità u l-faċilità ta' l-użu fuq naħa waħda, u ċ-ċarezza ta' l-għan u salvagwardji finanzjarji u ta' proċedura xierqa, fuq in-naħa l-oħra.

Jekk wieħed iqis il-linji ta' gwida indikati fil-protokoll dwar l-applikazzjoni taż-żewġ prinċipji, jidher ċar li l-problemi li dan il-programm fittex li jegħleb għandhom aspetti li jmorru lil hinn mill-fruntieri tan-nazzjon u għalhekk dik l-azzjoni fuq livell Komunitarju tagħti benefiċċji lil hinn mill-azzjoni fuq il-livell ta' l-Istati Membri.

4.4. Is-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni

Il-metodu propost ser jikkontribwixxi għall-għan ewlieni li l-istrumenti jiġu ssimplifikati, kemm f'termini legali kif ukoll amministrattivi u li l-istruttura tal-baġit titfassal b'mod aktar sempliċi. Ser iżid ukoll il-koerenza u l-konsistenza bejn l-istrumenti u jevita li jkunu dduplikati. Filwaqt li jkunu meħtieġa riżorsi umani addizzjonali biex wieħed ilaħħaq mat-tkabbir fil-futur, allokazzjoni aħjar tar-riżorsi umani tinkiseb billi ma jitkomplewx il-linji żgħar tal-baġit (li jassorbu ammont mhux proporzjonat ta' riżorsi) u billi l-programmi eżistenti jingħabru mill-ġdid fi programm wieħed koerenti u msawwar bl-aktar mod sempliċi. Dan jirriżulta f'aktar proporzjonalità bejn l-ammont tan-nefqa u l-ispiża amministrattiva biex din tiġi amministrata.

Ir-razzjonalizzazzjoni proposta ser tkun ta' benefiċċju wkoll għall-utent aħħari għax iżżid il-viżibilità, iċ-ċarezza u l-koerenza ta' l-istrumenti. Il-benefiċjarji potenzjali jsibuha aktar faċli biex japplikaw għall-fondi grazzi għall-metodu standardizzat u l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni.

Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tafda parti mill-implimentazzjoni tal-baġit f'idejn aġenziji rregolati mil-liġi Komunitarja, imsemmija fl-Artikolu 54, (2) (a) tar-Regolament Finanzarju. Dawn l-aġenziji għandhom jiġu nnominati mill-Kummissjoni skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 55 u 56 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 u ta' l-Artikolu 37 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002. Il-Kummissjoni għandha tanalizza kemm huma konformi mal-prinċipji ta' l-ekonomija, l-effikaċja u l-effiċjenza. Qabel ma tipproċedi biex timplimenta d-delegazzjoni, il-Kummissjoni għandha tassigura ruħha, permezz ta' valutazzjoni minn qabel, li l-ħolqien ta' l-aġenziji huwa konformi ma' amministrazzjoni finanzjarja tajba.

L-istrument il-ġdid propost isegwi t-triq li ġiet stabbilita mill-Kummissjoni f'dak li jirrigwarda l-isfidi politiċi u finanzjarji sa mill-2007 'il quddiem. L-intenzjoni hija li l-istrumenti eżistenti jiġu kkomplementati, issimplifikati u razzjonalizzati u li tiġi assigurata l-flessibilità meħtieġa biex jiġu ffaċċjati għanijiet ġodda u jkun hemm adattament mingħajr problemi għall-qafas legali l-ġdid, li jiġi stabbilit ladarba jidħol fis-seħħ it-Trattat Kostituzzjonali.

5. L-IMPLIKAZZJONIJIET TAL-BAĠIT

Il-programm ġenerali “Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja” għall-perjodu 2007 – 2013 se jiġi jiswa EUR 543 miljun; il-programm speċifiku preżenti ser jingħata dawn l-ammonti li ġejjin: EUR 96.5 miljun.

2005/0038 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

Li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 il-programm speċifiku "Drittijiet Fundamentali u Ċittadinanza" bħala parti mill-programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja "

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 308 tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta mill-Kummissjoni [35],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [36],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [37],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni [38],

Billi:

(1) L-Artikolu 6 (1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jgħid li l-Unjoni hija mwaqqfa fuq il-prinċipji tal-libertà, tad-demokrazija, tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali u fuq is-supremazija tad-dritt, prinċipji li huma komuni għall-Istati Membri kollha.

(2) L-Artikolu 6 (2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jgħid li l-Unjoni għandha tirrispetta d-drittijiet fundamentali, kif iggarantiti mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u kif jirriżultaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri kollha, bħala prinċipji ġenerali tal-liġi Komunitarja.

(3) Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, li tnediet fis-7 ta' Diċembru 2000, tħaddan il-valuri fundamentali li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea[39].

(4) Kif jingħad fil-Programm ta' The Hague adottat mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa tiegħu fi Brussell fl-4 u l-5 ta' Novembru 2004, l-inkorporazzjoni tal-Karta fit-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa u l-adeżjoni għall-Konvenzjoni Ewropea

---

35 ĠU C , , p. .
36 ĠU C , , p. .
37 ĠU C , , p. .
38 ĠU C , , p. .
39 ĠU C 364, 18.12.2000, p. 1.

għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ser iqiegħed lill-Unjoni Ewropea taħt obbligazzjoni legali li tassigura li, bla ħsara għall-prinċipju ta' sussidjarjetà, fl-oqsma kollha ta' l-attività tagħha, id-drittijiet fundamentali mhux biss jiġu rispettati iżda jiġu promossi b'mod attiv.

(5) Fil-Komunikazzjoni tagħha lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-Artikolu 7 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea[40], il-Kummissjoni tenfasizza l-importanza tar-rwol li għandha s-soċjetà ċivili kemm fil-protezzjoni kif ukoll fil-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali; għalhekk il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi djalogu regolari mas-soċjetà ċivili.

(6) Il-Kummissjoni tenfasizza l-importanza ta' l-informazzjoni u tal-komunikazzjoni fejn għandhom x'jaqsmu d-drittijiet li ċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni Ewropea tagħti liċ-ċittadini biex ittejjeb l-għarfien tagħhom tad-drittijiet tagħhom u tipprovdihom b'aċċess faċli għal informazzjoni li wieħed jista' joqgħod fuqha.

(7) F'Novembru 2004 il-Kunsill Ewropew għaraf l-importanza tal-komunikazzjoni biex il-persuni kollha jitressqu qrib il-proġett Ewropew billi tiġi mħeġġa ċittadinanza attiva.

(8) L-Assoċjazzjoni tal-Kunsill ta' l-Istati u l-Ġuriżdizzjonijiet Amministrattivi Supremi ta' l-Unjoni Ewropea tippromwovi skambji ta' fehmiet u esperjenzi dwar materji li jikkonċernaw il-ġurisprudenza, l-organizzazzjoni u l-ħidma tal-Membri tagħha fit-twettiq tal-funzjonijiet ġudizzjarji u/jew ta' konsulenza tagħhom, b'mod partikolari rigward il-Liġi Komunitarja u għalhekk għandha għan ta' interess ġenerali Ewropew.

(9) It-Trattat ma jipprovdix setgħat minbarra dawk taħt l-Artikolu 308 għall-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(10) Għandhom ukoll jittieħdu miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa biex il-fondi mitlufa, imħallsa ħażin jew użati b'mod mhux korrett jiġu rkuprati.

(11) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi qafas finanzjarju għat-tul kollu tal-programm, li għandu jkun il-punt ewlieni ta' referenza għall-awtorità tal-baġit fis-sens tal-punt 33 tal-Ftehim Bejn l-Istitutzzjonijiet tas-6 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u t-titjib tal-proċedura tal-baġit[41].

(12) L-għanijiet tal-programm, l-aktar fil-qasam tal-promozzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali inklużi dawk li ġejjin miċ-ċittadinanza ta' l-UE, l-appoġġ ta' assoċjazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u l-anti-semitiżmu permezz ta' djalogu bejn ir-reliġjonijiet u bejn il-kulturi differenti ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk, minħabba d-daqs jew l-impatt ta' l-inizjattiva, jistgħu jinkisbu aħjar fuq livell Komunitarju. Il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk l-għanijiet.

---

40 KUMM(2003) 609, 15.10.2003.

41 ĠU C 172, 18.6.1999, p. 1

(13) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li japplika għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej[42], minn issa 'l quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Finanzjarju", u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill 1605/2002[43], li jħarsu l-interessi finanzjarji tal-Komunità, għandhom jiġu applikati filwaqt li jitqiesu l-prinċipji tas-sempliċità u l-konsistenza fl-għażla ta' l-istrumenti tal-baġit, il-limitazzjoni fuq in-numru ta' każijiet fejn il-Kummissjoni żżomm responsabbiltà diretta għall-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni tagħhom, u l-proporzjonalità bejn l-ammont tar-riżorsi u l-piż amministrattiv relatat ma' l-użu tagħhom.

(14) Ir-Regolament Finanzjarju jeħtieġ li jkun provdut b'att bażiku li jkopri għotjiet operattivi.

(15) Skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni[44], il-miżuri sabiex tiġi implimentata din id-Deċiżjoni għandhom jiġu adottati bl-użu tal-proċedura ta' konsulenza (*advisory procedure*) stipulata fl-Artikolu 3 ta' dik id-Deċiżjoni. Dan huwa xieraq ladarba l-programm m'għandux impatt sinifikanti fuq il-baġit Komunitarju.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-ħolqien tal- programm

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-programm «Id-Drittijiet Fundamentali u ċ-Ċittadinanza », minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-programm", bħala parti mill-programm ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja", sabiex jikkontribwixxi biex tissaħħaħ iż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

2. Il-programm għandu jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013.

Artikolu 2

L-għanijiet ġenerali

1. Dan il-programm għandu jkollu dawn l-għanijiet ġenerali li ġejjin:

   (a) Li jippromwovi l-iżvilupp ta' soċjetà Ewropea bbażata fuq ir-rispett għad-drittijiet fundamentali stipulati fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, inklużi d-drittijiet li ġejjin miċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni Ewropea, li hija ddestinata li tkun l-istatus fundamentali taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

---

42 ĠU 248, 16.9.2002, p.1.
43 ĠU L 357, 31.12.2002, p.1.
44 ĠU L 184, 17.7.1999, p.23.

(b) Li jsaħħaħ lis-soċjetà ċivili u jippromwovi djalogu miftuħ, trasparenti u regolari magħha rigward id-drittijiet fundamentali.

(c) Li jiġġieled ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-anti-semitiżmu.

2. L-għanijiet ġenerali tal-programm huma komplementari ma' l-għanijiet li timxi fuqhom l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali mibnija fuq iċ-Ċentru Ewropew ta' Sorveljanza tar-Razziżmu u tal-Ksenofobija.

3. Bla ħsara għall-għanijiet u s-setgħat tal-Komunità Ewropea, l-għanijiet ġenerali tal-programm jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-politika tal-komunità, dejjem b'rispett għad-drittijiet fundamentali.

Artikolu 3

L-għanijiet speċifiċi

Il-programm għandu jkollu dawn l-għanijet speċifiċi li ġejjin:

(a) Li jippromwovi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u jinforma lill-persuni kollha bid-drittijiet tagħhom, inklużi dawk li ġejjin miċ-ċittadinanza ta' l-UE, sabiex iċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea jieħdu sehem b'mod attiv fil-ħajja demokratika ta' l-Unjoni.

(g) Li jevalwa b'mod regolari s-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea u fl-Istati Membri tagħha, fl-ambitu ta' l-applikazzjoni tal-liġi Komunitarja, bl-użu tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali bħala d-dokument ta' gwida u jikseb opinjonijiet dwar kwistjonijiet speċifiċi relatati mad-drittijiet fundamentali f'dan l-ambitu, meta dan ikun meħtieġ.

(h) Li jispjega l-konsegwenzi ta', l-inklużjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fil-Kostituzzjoni u l-adeżjoni ta' l-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

(i) Li jagħti appoġġ lil NGOs u korpi oħrajn tas-soċjetà ċivili biex itejbu l-kapaċità tagħhom biex jieħdu sehem b'mod attiv fil-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali, tas-supremazija tad-dritt u tad-demokrazija.

(j) Li jippromwovi l-paċi u d-drittijiet fundamentali, jiġifieri permezz ta' djalogu bejn ir-reliġjonijiet u bejn il-kulturi differenti fuq livell ta' l-UE.

Artikolu 4

L-azzjonijiet

Sabiex jiġu segwiti l-għanijiet ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3, dan il-programm se jappoġġja t-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin:

(a) L-azzjonijiet speċifiċi meħuda mill-Kummissjoni, bħal studji u riċerka; stħarriġ ta' l-opinjoni pubblika u servejs; tfassil ta' indikaturi u metodoloġiji komuni;

ġbir, żvilupp u tixrid ta' data u statistiċi; seminars, konferenzi u laqgħat ta' l-esperti, organizzazzjoni ta' kampanji u avvenimenti pubbliċi; żvilupp u manutenzjoni ta' siti fuq l-internet (websajts), preparazzjoni u tixrid ta' materjali ta' informazzjoni, appoġġ lil u amministrazzjoni ta' netwerks ta' esperti nazzjonali, attivitajiet ta' analiżi, sorveljanza u evalwazzjoni; jew

(k) Proġetti speċifiċi transnazzjonali li huma ta' interess Komunitarju ippreżentati minn, għall-inqas, tliet Stati Membri skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-programmi ta' ħidma annwali; jew

(l) Appoġġ għall-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi jew entitajiet oħrajn li jaħdmu għal għan ta' interess ġenerali Ewropew skond l-għanijiet ġenerali tal-programm skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-programmi ta' ħidma annwali.

(m) Għotja operattiva biex tiġi kofinanzjata n-nefqa marbuta mal-programm ta' ħidma permanenti ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill ta' l-Istati u tal-Ġuriżdizzjonijiet Amministrattivi Supremi ta' l-Unjoni Ewropea li għandha għan ta' interess ġenerali Ewropew billi tippromwovi skambji ta' fehmiet u esperjenza fuq kwistjonijiet li jikkonċernaw il-ġurisprudenza, l-organizzazzjoni u l-ħidma tal-membri tagħha fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom ġudizzjarji u/jew ta' konsulenza, b'mod partikolari dwar il-Liġi Komunitarja.

Artikolu 5

Il-parteċipazzjoni

Dawn il-pajjiżi li ġejjin, minn issa 'l quddiem imsejħa "pajjiżi parteċipanti" jistgħu jieħdu sehem fl-azzjonijiet tal-programm:

(a) Il-pajjiżi kandidati assoċjati ma' l-UE, kif ukoll il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent inklużi fil-proċess ta' stabbilizzazzjoni u assoċjazzjoni skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim ta' assoċjazzjoni jew fil-protokolli addizzjonali tagħhom dwar il-parteċipazzjoni fil-programmi Komunitarji konklużi jew li ser jiġu konklużi ma' dawk il-pajjiżi.

(n) Il-proġetti jistgħu jassoċjaw lill-pajjiżi kandidati li mhux qed jieħdu sehem f'dan il-programm, fejn dan jikkontribwixxi għall-preparazzjoni tagħhom għall-adeżjoni, jew pajjiżi terzi oħrajn li mhux qed jieħdu sehem f'dan il-programm, fejn dan iservi għall-għanijiet tal-proġetti.

Artikolu 6

Il-gruppi li għalihom huwa maħsub il-programm

Il-programm huwa maħsub għal ċittadini ta' l-UE, ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgħixu legalment fit-territorju ta' l-UE u assoċjazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, fost gruppi oħrajn attivi biex jippromwovu l-għanijiet tal-programm.

Artikolu 7

L-aċċess għall-programm

L-aċċess għal dan il-programm għandu jkun miftuħ, *inter alia*, għal istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati, universitajiet, istituzzjonijiet tar-riċerka, organizzazzjonijiet mhux governattivi, awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, organizzazzjonijiet internazzjonali u organizzazzjonijiet oħrajn mhux għall-profitt stabbiliti fl-Unjoni Ewropea.

Il-programm għandu wkoll jagħti l-possibbiltà li jsiru attivitajiet konġunti ma' organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fil-qasam tad-drittijiet fundamentali, bħall-Kunsill ta' l-Ewropa, fuq il-bażi ta' kontribuzzjonijiet konġunti skond ir-regoli differenti li jintużaw l-aktar f'kull istituzzjoni jew organizzazzjoni, biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan il-programm.

Artikolu 8

It-tipi ta' intervent

1. Il-fondi Komunitarji li jingħataw jistgħu jieħdu dawn il-forom legali li ġejjin:

   – Ftehim ta' għotjiet,

   – Kuntratti ta' l-akkwist pubbliku.

2. L-għotjiet Komunitarji għandhom jingħataw wara sejħiet għal proposti, ħlief f'każijiet urġenti eċċezzjonali li jkunu ġew issostanzjati b'mod xieraq jew fejn il-karatteristiċi tal-benefiċjarju ma jħallu l-ebda għażla oħra għal azzjoni partikolari, u għandhom jingħataw permezz ta' għotjiet operattivi u għotjiet għall-azzjonijiet. Ir-rata massima tal-kofinanzjament għandha tiġi speċifikata fil-programmi ta' ħidma annwali.

3. Barra minn hekk, hija prevista nefqa għall-miżuri li jakkumpanjaw dawn ta' hawn fuq, permezz ta' kuntratti ta' l-akkwist pubbliku, f'liema każ il-fondi Komunitarji jkopru x-xiri ta' servizzi u prodotti. Dan ikopri, *inter alia*, infiq fuq informazzjoni u komunikazzjoni, preparazzjoni, implimentazzjoni, sorveljanza, verifika u valutazzjoni ta' proġetti, politika, programmi u leġiżlazzjoni.

Artikolu 9

Il-miżuri ta' implimentazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-Għajnuna Komunitarja skond ir-Regolament Finanzjarju li japplika għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.

2. Biex timplimenta l-programm, il-Kummissjoni għandha, fil-limiti ta' l-għanijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2, tadotta programm ta' ħidma annwali li jispeċifika l-għanijiet speċifiċi u l-prijoritajiet tematiċi tiegħu, id-deskrizzjoni tal-miżuri li jakkumpanjawh previsti fl-Artikolu 8, u jekk meħtieġ, lista ta' azzjonijiet oħrajn.

3. Il-programm ta' ħidma annwali ser ikun adottat skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10 (2).

4. Il-proċeduri ta' valutazzjoni u allokazzjoni relatati ma' għotjiet lil azzjonijiet għandhom jieħdu akkont, fost l-oħrajn, ta' dawn il-kriterji li ġejjin:

   (a) il-konformità mal-programm ta' ħidma annwali, l-għanijiet ġenerali kif speċifikati fl-Artikolu 2 u l-miżuri meħuda fl-oqsma differenti kif speċifikati fl-Artikoli 3 u 4;

   (b) il-kwalità ta' l-azzjoni proposta dwar il-ħsieb, l-organizzazzjoni, il-preżentazzjoni u r-riżultati mistennija minnha;

   (c) l-ammont mitlub għall-finanzjament komunitarju u kemm hu xieraq meta jitqiesu r-riżultati mistennija;

   (d) l-impatt tar-riżultati mistennija fuq l-għanijiet ġenerali ddefiniti fl-Artikolu 2 u fuq il-miżuri meħuda fl-oqsma differenti kif speċifikat fl-Artikoli 3 u 4.

5. L-applikazzjonijiet għal għotjiet operattivi, imsemmija fl-Artikolu 4, (3) u (4), għandhom jiġu vvalutati fid-dawl ta' dawn:

   – il-konsistenza ma' l-għanijiet tal-programm;

   – il-kwalità ta' l-attivitajiet ippjanati;

   – l-effett multiplikatur possibbli fuq il-pubbliku ta' dawn l-attivitajiet;

   – l-impatt ġeografiku ta' l-attivitajiet imwettqa;

   – l-involviment taċ-ċittadini fl-organizzazzjoni tal-korpi konċernati;

   – il-proporzjon tal-flus li jinħarġu mqabbla mal-benefiċċji mistennija mill-attività proposta.

6. Skond l-Artikolu 113 (2) tar-Regolament Finanzjarju, il-prinċipju ta' tnaqqis gradwali m'għandux japplika għall-għotja operattiva mogħtija lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill ta' l-Istati u tal-Ġuriżdizzjonijiet Amministrattivi Supremi ta' l-Unjoni Ewropea li għandha għan ta' interess ġenerali Ewropew fil-qasam tad-drittijiet tat-tfal u tal-protezzjoni tagħhom.

Artikolu 10

Il-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi mgħejuna minn kumitat, magħmul mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri u mmexxi mir-rappreżentant tal-Kummissjoni, minn issa 'l quddiem imsejjaħ il-"Kumitat".

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli tal-Proċedura tiegħu stess.

Artikolu 11

Il-komplementarjetà

1. Jiġu mfittxija sinerġiji u komplementarjetà ma' strumenti oħrajn Komunitarji, b'mod partikolari mal-programmi ġenerali "Is-Sigurtà u l-Ħarsien tal-Libertajiet" u "Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi tal-Migrazzjoni", kif ukoll "il-Programm tal-Progress". Se ssir ħidma attiva għall-komplementarjetà ma' l-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali, mibnija fuq iċ-Ċentru Ewropew ta' Sorveljanza tar-Razziżmu u tal-Ksenofobija. L-element statistiku ta' l-informazzjoni dwar id-drittijiet fundamentali u ċ-ċittadinanza ser jiġi żviluppat f'kollaborazzjoni ma' l-Istati Membri, bl-użu, jekk ikun meħtieġ, tal-Programm Statistiku Komunitarju.

2. Il-programm jista' jaqsam riżorsi ma' strumenti oħrajn Komunitarji, b'mod partikolari l-programmi ġenerali "Is-Sigurtà u l-Ħarsien tal-Libertajiet" u "Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi tal-Migrazzjoni" sabiex jimplimenta l-azzjonijiet li jilħqu l-għanijiet tal-programmi kollha.

3. L-operazzjonijiet iffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni m'għandhomx jirċievu assistenza għall-istess skop minn strumenti finanzjarji oħrajn tal-Komunità. Il-benefiċjarji ta' din id-Deċiżjoni għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni dwar il-fondi li jirċievu mill-baġit tal-Komunità u minn għejun oħrajn, kif ukoll bl-informazzjoni dwar applikazzjonijiet kurrenti għall-fondi.

Artikolu 12

Ir-Riżorsi tal-Baġit

Ir-riżorsi tal-baġit mqassma lill-azzjonjiet provduti f'dan il-programm għandhom jiddaħħlu fl-approprjazzjonijiet annwali tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea. L-approprjazzjonijiet annwali disponibbli għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità tal-baġit fil-limiti tal-perspettivi finanzjarji.

Artikolu 13

Is-sorveljanza

1. Għal kwalunkwe azzjoni ffinanzjata mill-programm, il-benefiċjarju għandu jressaq rapporti tekniċi u finanzjarji dwar il-progress tax-xogħol. Għandu jitressaq ukoll rapport finali fi żmien tliet xhur mit-tlestija ta' l-azzjoni. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-forma u l-kontenut tar-rapporti.

2. Bla ħsara għall-verifiki mwettqa mill-Qorti ta' l-Awdituri flimkien mal-korpi jew mad-dipartimenti nazzjonali tal-verifika kompetenti skond l-Artikolu 248 tat-Trattat, jew kwalunkwe ispezzjoni mwettqa skond l-Artikolu 279(c) tat-Trattat, l-uffiċjali u l-impjegati l-oħrajn tal-Kummissjoni jistgħu jwettqu verifika fuq il-post, inklużi verifiki kampjun, fuq azzjonijiet iffinanzjati taħt il-programm.

3. Il-kuntratti u l-ftehim li jirriżultaw minn din id-Deċiżjoni għandhom jipprovdu b'mod partikolari għas-sorveljanza u l-kontroll finanzjarju mill-Kummissjoni (jew kwalunkwe rappreżentant awtorizzat minnha), jekk meħtieġ fuq il-post, u verifiki mill-Qorti ta' l-Awdituri.

4. Għal ħames snin wara l-aħħar pagament għal kwalunkwe azzjoni, il-benefiċjarju ta' l-assistenza finanzjarja għandu jżomm għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni d-dokumenti kollha ta' appoġġ rigward in-nefqa fuq l-azzjoni.

5. Fuq il-bażi tar-riżultati tar-rapporti u l-verifiki kampjun msemmija fil-paragrafi 1 u 2, il-Kummissjoni għandha, jekk meħtieġ, taġġusta l-iskala jew il-kundizzjonijiet ta' l-allokazzjoni ta' l-għajnuna finanzjarja approvati oriġinarjament, kif ukoll l-iskeda ta' meta jsiru l-ħlasijiet.

6. Il-Kummissjoni għandha tieħu kull pass ieħor meħtieġ biex tivverifika li l-azzjonijiet iffinanzjati jitwettqu kif suppost u skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni u tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 14

Il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità

1. Il-Kummissjoni għandha tassigura li, meta l-azzjonijiet iffinanzjati skond din id-Deċiżjoni jiġu implimentati, l-interessi finanzjarji tal-Komunità jkunu protetti bl-applikazzjoni tal-miżuri preventivi kontra frodi, korruzzjoni u kwalunkwe attività oħra illegali, permezz ta' verifiki effettivi u bil-ġbir lura ta' l-ammonti mħallsa żejda u, jekk jiġu skoperti irregolaritajiet, b'pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi, skond ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 u (Euratom, KE) Nru 2185/96, u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament u tal-Kunsill.

2. Għall-azzjonijiet Komunitarji ffinanzjati taħt dan il-programm, ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 għandhom japplikaw għal kwalunkwe ksur tad-dispożizzjoni tal-liġi Komunitarja, inkluż meta jinkiser obbligu kuntrattwali stipulat fuq il-bażi tal-programm, li jirriżulta minn att jew nuqqas ta' operatur ekonomiku, li għandu, jew ikollu, l-effett li jippreġudika l-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej jew il-baġits amministrati minnhom, b'nefqa mhux iġġustifikata.

3. Il-Kummissjoni għandha tnaqqas, tissospendi jew tiġbor lura l-ammont ta' għajnuna finanzjarja mogħtija għal azzjoni jekk issib irregolaritajiet, inkluż nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni jew id-deċiżjoni individwali jew il-kuntratt jew il-ftehim li jagħtu l-appoġġ finanzjarju konċernat, jew jekk jirriżulta li, mingħajr ma tkun intalbet l-approvazzjoni tal-Kummissjoni, l-azzjoni jkun sarilha tibdil li jmur kontra n-natura jew il-kundizzjonijiet ta' l-implimentazzjoni tal-proġett.

4. Jekk it-termini ta' żmien ma jkunux ġew osservati jew jekk parti biss mill-għajnuna finanzjarja mogħtija tkun iġġustifikata bil-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' l-azzjoni, il-Kummissjoni għandha titlob lill-benefiċjarju biex iressaq osservazzjonijiet f'perjodu speċifikat. Jekk il-benefiċjarju ma jagħtix risposta

sodisfaċenti, il-Kummissjoni tista' tħassar l-għajnuna finanzjarja li jifdal u titlob il-ħlas lura tas-somom diġà mħallsa.

5. Kwalunkwe ħlas żejjed għandu jitħallas lura lill-Kummissjoni. Għandhom jiżdiedu l-interessi ma' kwalunkwe somma mhux imħallsa lura f'waqtha taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti bir-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 15

L-evalwazzjoni

1. Il-programm għandu jiġi mmonitorjat b'mod regolari sabiex tkun segwita l-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet imwettqin taħtu.

2. Il-Kummissjoni għandha tassigura l-evalwazzjoni regolari, indipendenti u esterna tal-programm.

3. Il-Kummissjoni għandha tressaq quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill:

   (a) rapport *interim* ta' valutazzjoni fuq ir-riżultati miksuba u l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi ta' l-implimentazzjoni ta' dan il-programm, mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2011;

   (b) Komunikazzjoni dwar il-kontinwazzjoni ta' dan il-programm, mhux aktar tard mit-30 ta' Awissu 2012;

   (c) rapport *ex post* ta' valutazzjoni, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014.

Artikolu 16

Id-dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.* Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST

Il-preparazzjoni tal-perspettivi finanzjarji għall-2007-2013 kienet iggwidata mill-bidu minn metodu ggwidat mill-politika, sabiex tiġi assigurata l-konsistenza bejn l-għanijiet politiċi u l-ammonti allokati biex dawn jiġu jintlaħqu. F'dan il-kuntest, it-twaqqif ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jitqies bħala waħda mill-prijoritajiet ewlenin ta' l-Unjoni Ewropea għas-snin li ġejjin, li għandha tiġi appoġġjata permezz ta' mezzi finanzjarji miżjuda b'mod sostanzjali. Fil-Komunikazzjonijiet tagħha « *Nibnu l-Ġejjieni komuni tagħna – L-isfidi tal-Politika u tal-mezzi tal-Baġit ta' l-Unjoni Mkabbra għall-2007-2013*»[45] u « *Il-Perspettivi Finanzjarji għall-2007 – 2013* »[46], il-Kummissjoni enfasizzat ukoll l-importanza li tintuża r-reviżjoni ta' l-istrumenti legali għall-perspettivi finanzjarji li jmiss sabiex ikun hemm ċaqliq sinifikanti lejn aktar sempliċità. Billi strutturat il-proposti tagħha madwar tliet programmi ġenerali u mmexxija mill-politika ("Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi tal-Migrazzjoni", "Id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja", "Is-Sigurtà u l-Ħarsien tal-Libertajiet"), il-Kummissjoni tistabbilixxi qafas ċar għall-iżvilupp ta' interventi finanzjarji tal-Komunità b'appoġġ għat-tliet għanijiet tal-Ġustizzja, tal-Libertà u tas-Sigurtà

2. IL-ĠUSTIFIKAZZJONI TA' L-AZZJONI.

2.1. L-analiżi tal-problema

Id-dritt li wieħed jiċċaqlaq b'mod ħieles fl-Unjoni (wieħed mill-erba' prinċipji bażiċi tas-Suq Komuni), jeħtieġ miżuri fil-każ tal-liġi kriminali sabiex jiġi assigurat illi l-kriminalità u l-kriminali ma jsibu l-ebda kenn .

L-interessi komuni ta' l-UE għandhom ikunu mħarsa kontra l-imġiba kriminali, jew minħabba d-dimensjoni tagħha li ma tkunx limitata mill-fruntieri ta' pajjiż wieħed, jew minħabba li din tkun toffendi l-valuri komuni ta' l-UE, bħar-rispett għall-individwi, għad-demokrazija u l-gvern tajjeb (li jispjega għaliex hija meħtieġa azzjoni kontra l-isfruttament sesswali tat-tfal, ir-razziżmu, il-frodi u l-korruzzjoni). Metodu komuni f'dan ir-rigward jirrifletti l-evoluzzjoni ta' l-ordni pubbliku Ewropew. Iżda għandu jqis ukoll il-ħtieġa li jiġi provdut standard għoli ta' protezzjoni għad-drittijiet individwali, li jfisser, per eżempju, bini fuq il-kisbiet ta' qabel fejn għandhom x'jaqsmu d-drittijiet tal-vittmi, it-titjib tad-drittijiet ta' persuni arrestati u li jitwaqqaf qafas u standards għal kif is-sentenzi ta' ħabs jiġu esegwiti u l-ħatja jkunu integrati mill-ġdid fis-soċjetà. Tabilħaqq, l-individwi u n-negozji m'għandhomx ma jitħallewx jew tinqatagħlhom qalbhom milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom minħabba n-nuqqas ta' kompatibilità jew il-komplessità tas-sistemi legali u amministrattivi fl-Istati Membri.

2.2. It-triq 'il quddiem

Il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali jeħtieġu t-twaqqif ta' żona ġenwina Ewropea ta' ġustizzja. Il-ħolqien ta' din iż-żona tagħti possibbiltà lill-awtoritajiet ġudizzjarji biex jikkooperaw b'mod effettiv, u jkun assigurat li ċ-ċittadini ikollhom aċċess aħjar għall-ġustizzja, u la jkunu mwaqqfa milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom u lanqas ma

---

45 KUMM(2004) 101, 10.2.2004.

46 KUMM(2004) 487, 14.7.2004.

tinqatagħlhom qalbhom milli jagħmlu dan minħabba n-nuqqas ta' kompatibilità jew il-komplessitajiet fis-sistemi legali. Ukoll, jagħmilha possibbli li jiġi stabbilit il-prinċipju ta' għarfien reċiproku tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji, u li l-ħidma tajba tal-ġudikatura tittejjeb dejjem.

L-isfida għall-Unjoni se tkun li tirreaġixxi għal dak li qed jistennew iċ-ċittadini, jiġifieri li għandu jkun hemm soluzzjonijiet effettivi għall-problemi prattiċi tagħhom. Dan jimplika b'mod partikolari:

– sforzi akbar biex l-implimentazzjoni ta' l-acquis mill-Istati Membri tkun immonitorjata, hekk kif dan ikompli jikber, inkluż permezz ta' mezzi moderni bħat-twaqqif ta' bażijiet *databases* tal-ġurisprudenza;

– aktar azzjonijiet leġislattivi b'mod partikolari biex titjieb il-faċilità ta' l-aċċess għall-ġustizzja u l-effiċjenza tagħha;

– li jissaħħu l-mekkaniżmi biex tkun provduta l-informazzjoni lill-pubbliku u jiġi promoss it-taħriġ ta' u l-iskambji bejn dawk li jeżerċitaw il-professjoni dwar l-implikazzjonijiet ta' l-istrumenti għall-kooperazzjoni f'dan il-qasam;

– il-miżuri leġislattivi maħsuba sabiex jistabbilixxu u jiżviluppaw għodod komuni għall-kooperazzjoni. Dan jimplika, *inter alia*, fuq naħa waħda, mekkaniżmi aktar effiċjenti għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar dawk li nstabu ħatja ta' attivitajiet kriminali, b'mod partikolari billi tiġi stabbilita sistema komputerizzata għall-iskambju ta' informazzjoni dwar rekords kriminali, u fuq in-naħa l-oħra, li jittejbu l-istandards għal ċerti proċeduri bħar-regoli dwar il-ġbir ta' l-evidenza u dwar il-protezzjoni ta' dawk involuti fi proċeduri kriminali, kemm jekk huma akkużati, xhieda jew vittmi;

– aktar miżuri biex jiġi promoss l-għarfien u l-użu ta' għodod u proċeduri komuni fost dawk li jeżerċitaw il-professjoni.

2.3. L-għanijiet tal-programm u l-indikaturi relatati

- Id-definizzjoni ta' l-għanijiet ġenerali, speċifiċi u ta' l-operazzjonijiet

Li jippromwovi l-kooperazzjoni ġudizzjarja bl-għan li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' żona ġenwina Ewropea ta' ġustizzja fi kwistjonijiet kriminali bbażati fuq għarfien u kunfidenza reċiproka.	Li jippromwovi l-adattament tas-sistemi ġudizzjarji eżistenti fl-Istati Membri għall-Unjoni Ewropea bħala territorju b'munita waħda, b'moviment ħieles tal-persuni, tas-servizzi, tal-prodotti u tal-kapital.	Li jtejjeb it-tagħrif reċiproku tas-sistemi legali u ġudizzjarji ta' l-Istati Membri fi kwistjonijiet kriminali u jippromwovi u jsaħħaħ in-netwerking, il-kooperazzjoni reċiproka u t-tixrid ta' l-informazzjoni, ta' l-esperjenza u ta' l-aħjar prattika. Li jassigura l-implimentazzjoni tajba, l-applikazzjoni korretta u konkreta u l-valutazzjoni ta' l;-istrumenti Komunitarji fl-oqsma tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali.
	Li jtejjeb il-ħajja ta' kuljum ta' l-individwi u tan-negozji billi jagħtihom il-possibbiltà li jasserixxu d-drittijiet tagħhom fl-Unjoni Ewropea kollha, l-aktar billi jgħin l-aċċess għall-ġustizzja.	Li jtejjeb l-informazzjoni dwar is-sistemi legali fl-Istati Membri u l-aċċess għall-ġustizzja.
	Li jtejjeb il-kuntatti bejn l-awtoritajiet legali, ġudizzjarji u amministrattivi u l-professjonijiet legali, itejjeb l-iskambju ta' informazzjoni dwar każijiet kriminali bejn l-Istati Membri u jgħin it-taħriġ tal-ġudikatura.	Li jinkoraġġixxi t-taħriġ tal-ġudikatura u ta' l-impjegati ġudizzjarji fi kwistjonijiet ta' l-Unjoni. Li jivvaluta l-kundizzjonijiet ġenerali meħtieġa għall-iżvilupp tal-kunfidenza reċiproka, inkluża l-kwalità tal-ġustizzja. Li jiżviluppa u jimplimenta sistema Ewropea komputerizzata għall-iskambju ta' informazzjoni dwar rekords kriminali u li jappoġġja studji biex jiġu żviluppati tipi oħrajn ta' skambju ta' informazzjoni.

L-għanijiet kollha huma konsistenti ma' l-għan ġenerali tal-programm ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" li jappoġġja l-iżvilupp ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

- Il-komplementarjetà/koerenza ma' l-istrumenti l-oħrajn

Meta kien qed jiġi ppreparat dan il-programm, ingħatat attenzjoni partikolari biex tiġi assigurata koerenza ma' programmi oħrajn li jiffinanzjaw attivitajiet fl-istess oqsma tal-politika, u li jkun hemm tiftix għal komplementarjetà u sinerġija ma' dawn il-programmi l-oħrajn.

Dan il-programm huwa kkomplementat mill-programmi speċifiċi l-oħrajn taħt il-programm ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja", b'mod partikolari l-programm speċifiku "Il-Ġustizzja Ċivili" dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-kwistjonijiet ċivili. Il-Programm "Il-Ġustizzja Ċivili" jimxi, sa fejn huwa possibbli, fuq l-għanijiet u l-istruttura ta' dan il-programm u għandu l-għan li jassigura li ħadd ma jitwaqqaf jew tinqatagħlu qalbu milli jeżerċita d-dritt li jiċċaqlaq b'mod ħieles ġewwa l-Unjoni minħabba l-komplessità tas-sistemi legali u amministrattivi ta' l-Istati Membri.

Tiġi mfittxija wkoll il-komplementarjetà ma' l-Eurojust li hija organizzazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea stabbilita biex ittejjeb l-effikaċja ta' l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri meta qed jaħdmu fuq l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-krimini gravi li jinvolvu t-territorju ta' aktar minn stat wieħed u l-kriminalità organizzata, inkluż it-terroriżmu, billi titqanqal u tittejjeb il-kooperazzjoni bejn dawk l-awtoritajiet. Billi tagħmel enfasi fuq li tkun assigurata l-kooperazzjoni sħiħa bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, il-Eurojust hija komplement essenzjali għall-Programm "Id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja" u b'mod partikolari l-programm speċifiku "Il-Ġustizzja Kriminali".

Għandha tiġi assigurata wkoll il-komplementarjetà mal-programm ġenerali "Is-Sigurtà u l-Ħarsien tal-Libertajiet" li jagħmel enfasi fuq l-infurzar tal-liġi, fis-sens tal-kooperazzjoni bejn il-pulizija u aġenziji oħrajn li jinfurzaw l-liġi, filwaqt li dan il-programm jiffoka fuq il-lat ġudizzjarju.

Fl-aħħar, tiġi mfittxija wkoll il-komplementarjetà mal-programm ġenerali "Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi tal-Migrazzjoni" b'mod partikolari fil-qasam relatat mal-kenn politiku u mas-sistemi legali għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

3. L-EVALWAZZJONI

3.1. Il-lezzjonijiet meħuda minn valutazzjonijiet intermedji/finali

Minkejja li valutazzjoni dettaljata tal-programm AGIS għadha għaddejja, jista' jingħad illi dan il-programm kien utli ħafna u kkontribwixxa b'mod konsiderevoli għal għarfien reċiproku fost l-awtoritajiet nazzjonali u l-istituzzjonijiet. L-ewwel rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-programm jenfassiza li n-numru għoli ta' proposti riċevuti, li kienu aktar mill-baġit disponibbli, juri b'mod ċar l-interess fil-programm fost il-benefiċjarji potenzjali. Huwa jenfasizza wkoll li l-konferenzi u s-seminars huma tassew it-tip l-aktar importanti ta' azzjoni u huma responsabbli għal kważi nofs (46.4%) in-numru totali tal-proġetti kofinanzjati. It-tieni tip l-aktar importanti (26.8% tat-total) huma riċerka, studji u twaqqif ta' netwerks. Il-programmi ta' taħriġ u ta' skambju, li fin-natura tagħhom huma aktar diffiċili biex jiġu implimentati minn dawn l-azzjonijiet l-oħra, jirrappreżentaw wieħed minn ħamsa (20.5%) tan-numru ta' proġetti kofinanzjati.

3.2. L-evalwazzjoni *ex ante*

Id-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni li jippreżenta l-evalwazzjoni *ex ante* tal-programm ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" juri kemm hi f'postha l-politika magħżula biex jinkisbu l-għanijiet previsti.

4. IL-BAŻI LEGALI U R-RAĠUNI FUNDAMENTALI TA' L-ISTRUMENT TAL-POLITIKA

4.1. Il-Bażi Legali

Dan il-programm speċifiku tal-programm ġenerali "Id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja" huwa bbażat fuq l-Artikolu 31 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Dan l-Artikolu jindika fiex tikkonsisti l-azzjoni komuni dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali.

L-Artikolu 34 (2)(c) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistabbilixxi li l-Kunsill jista' jadotta deċiżjonijiet dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali.

Il-bażi legali proposta hija f'postha għax il-programm huwa mmirat lejn il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali.

4.2. L-azzjonijiet definiti fil-programm

Huma kkunsidrati tipi differenti ta' azzjonijiet, bħal:

- Azzjonijiet speċifiċi meħuda mill-Kummissjoni, bħal studji u riċerka, ħolqien u implimentazzjoni ta' proġetti speċifiċi bħall-ħolqien ta' sistema kompjuterizzata għall-iskambju ta' informazzjoni dwar rekords kriminali, stħarriġ ta' l-opinjoni pubblika u servejs, tfassil ta' indikaturi u metodoloġiji komuni, ġbir, żvilupp u tixrid ta' data u statistiċi, seminars, konferenzi u laqgħat ta' l-esperti, organizzazzjoni ta' kampanji u avvenimenti pubbliċi, żvilupp u manutenzjoni ta' siti fuq l-internet, preparazzjoni u tixrid ta' materjal ta' informazzjoni, appoġġ għal u amministrazzjoni ta' netwerks ta' esperti nazzjonali, attivitajiet ta' analiżi, sorveljanza u evalwazzjoni;

- Azzjonijiet li jagħtu appoġġ finanzjarju għal proġetti speċifiċi ta' interess Komunitarju skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-programmi annwali ta' ħidma;

- Azzjonijiet li jagħtu appoġġ finanzjarju għall-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi jew entitajiet oħrajn skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-programmi annwali ta' ħidma;

- Għotja operattiva għan-Netwerk Ewropea għat-Taħriġ Ġudizzjarju li għandha għan ta' interess ġenerali Ewropew fil-qasam tat-taħriġ tal-ġudikatura.

4.3. Is-Sussidjarjetà u l-Proporzjonalità

Din il-proposta kienet maħsuba biex tirrispetta l-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità stabbiliti fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-KE u l-Protokoll li jakkumpanjah. Sa fejn għandha x'taqsam is-sussidjarjetà, dan il-programm ma jipprovax jintervjeni fl-oqsma li jaqgħu taħt il-programmi nazzjonali żviluppati minn awtoritajiet nazzjonali f'kull Stat Membru iżda li

jiffokaw fuq oqsma fejn jista' jingħata valur miżjud Ewropew. Għaldaqstant, il-maġġoranza l-kbira ta' l-attivitajiet appoġġjati mill-programm jistgħu jitqiesu bħala komplementari għall-azzjonijiet nazzjonali u li jipprovaw jisfruttaw, sa fejn hu possibbli, is-sinerġija minn azzjonijiet implimentati fuq livell internazzjonali u reġjonali.

Sa fejn għandha x'taqsam il-proporzjonalità, il-proposta għal programm ġdid kienet maħsuba biex tkun kemm jista' jkun sempliċi, mhux biss fejn tidħol il-forma ta' l-azzjoni – id-definizzjonijiet ta' l-azzjonijiet fit-test leġislattiv qed jinżammu kemm jista' jkun ġeneriċi – iżda wkoll rigward il-kundizzjonijiet amministrattivi u finanzjarji meħtieġa li ser japplikaw għall-implimentazzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni fittxet li ssib il-bilanċ it-tajjeb bejn il-flessibilità u l-faċilità ta' l-użu fuq naħa waħda, u ċ-ċarezza ta' l-iskop u s-salvagwardji finanzjarji u ta' proċedura xierqa fuq in-naħa l-oħra.

Wara l-linji ta' gwida indikati fil-protokoll dwar l-applikazzjoni taż-żewġ prinċipji, huwa ċar li l-problemi li dan il-programm fittex li jegħleb għandhom aspetti li jmorru lil hinn mill-fruntieri tan-nazzjon u għalhekk l-azzjoni fuq il-livell Komunitarju tagħti benefiċċji addizzjonali għal dawk mill-azzjoni fuq il-livell ta' l-Istati Membri.

4.4. Is-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni

Il-metodu propost ser jikkontribwixxi għall-għan ewlieni li l-istrumenti jiġu ssimplifikati kemm f'termini legali kif ukoll amministrattivi u li l-istruttura tal-baġit titfassal b'mod aktar sempliċi. Ser iżid ukoll il-koerenza u l-konsistenza bejn l-istrumenti u jevita li dawn ikunu dduplikati. Filwaqt li se jkunu meħtieġa riżorsi umani addizzjonali biex wieħed ilaħħaq mat-tkabbir fil-futur, allokazzjoni aħjar tar-riżorsi umani se tinkiseb billi ma jitkomplewx il-linji aktar żgħar tal-baġit (li jassorbu ammont mhux proporzjonat ta' riżorsi) u billi l-programmi eżistenti jingħabru mill-ġdid fi programm wieħed, koerenti u li minnu jitneħħew l-affarijiet żejda. Dan jirriżulta f' aktar proporzjonalità bejn l-ammont tan-nefqa u l-ispiża amministrattiva biex din tiġi amministrata.

Ir-razzjonalizzazzjoni proposta ser tkun ta' benefiċċju wkoll għall-utent aħħari għax iżżid il-viżibilità, iċ-ċarezza u l-koerenza ta' l-istrumenti. Il-benefiċjarji potenzjali se jsibuha aktar faċli biex japplikaw għall-fondi minħabba l-istrateġija standardizzata u l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni.

Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi aktar tard li tafda parti mill-implimentazzjoni tal-baġit f'idejn aġenziji rregolati mil-liġi Komunitarja, imsemmija fl-Artikolu 54, (2) (a) tar-Regolament Finanzarju. Dawn l-aġenziji għandhom jiġu nnominati mill-Kummissjoni skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 55 u 56 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 u ta' l-Artikolu 37 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002. Il-Kummissjoni għandha tanalizza kemm huma konformi mal-prinċipji ta' l-ekonomija, l-effikaċja u l-effiċjenza. Qabel ma tipproċedi biex timplimenta d-delega, il-Kummissjoni għandha tassigura ruħha, permezz ta' valutazzjoni minn qabel li l-ħolqien ta' l-aġenziji huwa konformi ma' amministrazzjoni finanzjarja tajba.

Il-programm speċifiku propost isegwi t-triq li ġiet iddeterminata mill-Kummissjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-isfidi politiċi u finanzjarji sa mill-2007 'il quddiem. L-intenzjoni hija li l-istrumenti eżistenti jiġu kkomplementati, issimplifikati u rrazzjonalizzati u li tiġi assigurata l-flessibilità meħtieġa biex jiġu ffaċċjati għanijiet ġodda u jkun hemm adattament mingħajr problemi għall-qafas legali l-ġdid, li jiġi stabbilit ladarba jidħol fis-seħħ it-Trattat Kostituzzjonali.

5. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-programm ġenerali “Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja” għall-perjodu 2007 – 2013 se jiġi jiswa EUR 543 miljun; il-programm speċifiku preżenti ser jingħata dawn l-ammonti li ġejjin: EUR 199 miljun.

2005/0039 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

Li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 il-programm speċifiku "Ġustizzja Kriminali" bħala parti mill-programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja"

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 u l-Artikolu 34 (2)(c) tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta mill-Kummissjoni [47],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [48],

Billi:

(1) L-Artikolu 29 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jgħid li l-għan ta' l-Unjoni huwa li tipprovdi liċ-ċittadini b'livell għoli ta' sigurtà f'żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja billi tiżviluppa azzjoni komuni fost l-Istati Membri fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali.

(2) Skond l-Artikolu 31 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-azzjoni komuni fi kwistjonijiet kriminali għandha tinkludi, b'mod partikolari, il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri.

(3) Filwaqt li jibni fuq il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Tampere, il-Programm ta' The Hague, adottat mill-Kunsill Ewropew f'Novembru 2004, jafferma mill-ġdid il-prijorità li jissaħħu l-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja fl-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari billi tittejjeb il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali, fuq il-bażi tal-prinċipju ta' l-għarfien reċiproku.

(4) Il-programm ta' qafas dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija u tal-qasam ġudizzjarju fi kwistjonijiet kriminali (AGIS) stabbilit bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/630/JHA tad-22 ta' Lulju 2002 [49], ikkontribwixxa b'mod konsiderevoli biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-pulizija u aġenziji oħrajn li jinfurzaw il-liġi u l-ġudikatura fl-Istati Membri u biex jittejbu l-għarfien u l-fiduċja reċiproka tas-sistemi tal-pulizija, ġudizzjarji, legali u amministrattivi tagħhom.

---

47 ĠU C , , p. .
48 ĠU C , , p. .
49 ĠU L 203, 1.8.2002, p. 5.

(5) L-għanijiet ambizzjużi stabbiliti bit-Trattat u bil-Programm ta' The Hague għandhom jiġu rrealizzati permezz ta' programm flessibbli u effettiv li jiffaċilita l-ippjanar u l-implimentazzjoni.

(6) Il-programm għandu jtejjeb il-kunfidenza reċiproka fost il-ġudikatura. Il-kunfidenza reċiproka, skond il-Programm ta' The Hague, għandha tiġi msaħħa billi jiġu żviluppati netwerks ta' organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet ġudizzjarji, billi jittejjeb it-taħriġ fil-professjonijiet ġudizzjarji, billi tiġi żviluppata l-evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni ta' l-istrumenti ta' l-UE inkluża l-evalwazzjoni tal-kwalità tal-ġustizzja, billi tiżdied ir-riċerka fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja, u billi jiġu ffaċilitati proġetti operattivi fost l-Istati Membri li għandhom l-għan li jimmodernizzaw il-ġustizzja. Għandu wkoll jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' għarfien reċiproku dwar kundanni preċedenti mogħtija fl-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien ta' sistema kompjuterizzata ta' skambju ta' informazzjoni dwar rekords kriminali.

(7) In-Netwerk Ewropea għat-Taħriġ Ġudizzjarju mwaqqfa minn istituzzjonijiet speċifikament responsabbli għat-taħriġ tal-ġudikatura professjonali ta' l-Istati Membri kollha tippromwovi programm ta' taħriġ għall-imħallfin u għall-prosekuturi pubbliċi b'dimensjoni Ewropea ġenwina. Dan jikkontribwixxi biex tissaħħaħ il-kunfidenza reċiproka u jtejjeb l-għarfien reċiproku bejn awtoritajiet ġudizzjarji u sistemi legali differenti.

(8) Għandhom ukoll jittieħdu miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa biex il-fondi mitlufa, dawk li mhux suppost kellhom jitħallsu jew li ġew użati b'mod mhux korrett jiġu rkuprati.

(9) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi qafas finanzjarju għal kemm idum għaddej il-programm, li għandu jkun il-punt ewlieni ta' referenza għall-awtorità tal-baġit fis-sens tal-punt 33 tal-Ftehim Bejn l-Istituzzjonijiet tas-6 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u t-titjib tal-proċedura tal-baġit[50].

(10) Ladarba l-għanijiet tal-Programm tal-Ġustizzja Kriminali ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk, minħabba d-daqs jew l-impatt ta' l-inizjattiva, jistgħu jinkisbu aħjar fuq il-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(11) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li japplika għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej[51], minn issa 'l quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Finanzjarju", u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill 1605/2002[52], li jħarsu l-interessi finanzjarji tal-Komunità, għandhom jiġu applikati filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-prinċipji tas-sempliċità u tal-konsistenza fl-għażla ta' l-istrumenti tal-baġit, il-limitazzjoni fuq in-numru ta' każijiet fejn il-Kummissjoni żżomm responsabbiltà diretta għall-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni tagħhom, u l-

[50] ĠU C 172, 18.6.1999, p. 1.
[51] ĠU 248, 16.9.2002, p. 1.
[52] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.

proporzjonalità meħtieġa bejn l-ammont ta' riżorsi u l-piż amministrattiv relatat ma' l-użu tagħhom..

(12) Ir-Regolament Finanzjarju jitlob li jkun provdut att bażiku biex ikopri l-għotjiet operattivi.

(13) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu adottati skond il-proċeduri stabbiliti fiha, bl-għajnuna ta' kumitat ta' konsulenza. Dan huwa xieraq ladarba l-programm m'għandux impatt sinifikanti fuq il-baġit ta' l-Unjoni Ewropea.

(14) Huwa xieraq li l-programm ta' qafas dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali (AGIS) jiġi sostitwit b'dan il-programm mill-1 ta' Jannar 2007 u mill-programm speċifiku l-ġdid "Il-prevenzjoni ta', u l-ġlieda kontra l-kriminalità" mill-programm ġenerali "Is-Sigurtà u l-Ħarsien tal-Libertajiet".

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-ħolqien tal-programm

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-programm speċifiku "Il-Ġustizzja Kriminali", minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-programm", bħala parti mill-programm ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja", sabiex jikkontribwixxi biex tissaħħaħ iż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

2. Il-programm għandu jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013.

Artikolu 2

L-għanijiet ġenerali

1. Dan il-programm għandu jkollu dawn l-għanijiet ġenerali li ġejjin:

   (a) Li jippromwovi l-kooperazzjoni ġudizzjarja bl-għan li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' żona Ewropea ġenwina tal-ġustizzja fi kwistjonijiet kriminali bbażata fuq għarfien u kunfidenza reċiproka.

   (b) Li jippromwovi l-aġġustament tas-sistemi ġudizzjarji eżistenti fl-Istati Membri għall-Unjoni Ewropea bħala territorju mingħajr kontrolli fuq il-fruntieri, b'munita waħda, u bil-moviment ħieles tal-persuni, tas-servizzi, tal-prodotti u tal-kapital.

   (c) Li jtejjeb il-ħajja ta' kuljum ta' l-individwi u tan-negozji billi jagħtihom il-possibbiltà li jasserixxu d-drittijiet tagħhom fl-Unjoni Ewropea kollha, l-aktar billi jinkoraġġixxi aċċess għall-ġustizzja.

(d) Li jtejjeb il-kuntatti u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet legali, ġudizzjarji u amministrattivi u l-professjonijiet legali, u li jinkoraġġixxi t-taħriġ tal-membri tal-ġudikatura.

2. Bla ħsara għall-għanijiet u l-poteri tal-Komunità Ewropea, l-għanijiet ġenerali tal-programm jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-politika tal-komunità, u b'mod aktar speċifiku għall-ħolqien ta' żona ġudizzjarja.

Artikolu 3

L-għanijiet speċifiċi

Il-programm għandu jkollu dawn l-għanijet speċifiċi li ġejjin:

(a) Li jippromwovi l-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali bl-għan li:

- jippromwovi l-għarfien reċiproku ta' deċiżjonijiet u sentenzi ġudizzjarji;
- jelimina l-ostakli maħluqa minn nuqqas ta' qbil u jinkoraġġixxi l-approssimazzjoni meħtieġa tal-leġiżlazzjoni;
- jiggarantixxi amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja billi jevita l-kunflitti ta' ġuriżdizzjoni;
- jinkoraġġixxi d-drittijiet ta' l-akkużati kif ukoll l-għajnuna soċjali u legali għall-vittmi.

(b) Li jtejjeb it-tagħrif reċiproku tas-sistemi legali u ġudizzjarji ta' l-Istati Membri fi kwistjonijiet kriminali u jippromwovi u jsaħħaħ in-netwerking, il-kooperazzjoni reċiproka, l-iskambju u t-tixrid ta' informazzjoni, esperjenzi u l-aħjar prattika.

(c) Li jassigura implimentazzjoni tajba, applikazzjoni korretta u konkreta u valutazzjoni ta' l-istrumenti ta' l-Unjoni fl-oqsma ta' kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistonijiet kriminali.

(d) Li jtejjeb it-tagħrif dwar is-sistemi legali fl-Istati Membri u l-aċċess għall-ġustizzja.

(e) Li jinkoraġġixxi t-taħriġ fil-liġi ta' l-Unjoni u tal-Komunità ta' l-impjegati tal-ġudikatura u ġudizzjarji.

(f) Li jivvaluta l-kundizzjonijiet ġenerali meħtieġa biex tiġi żviluppata kunfidenza reċiproka, inkluża l-kwalità tal-ġustizzja.

(g) Li jiżviluppa u jimplimenta sistema kompjuterizzata Ewropea għall-iskambju ta' informazzjoni dwar rekords kriminali u jappoġġja studji għall-iżvilupp ta' tipi oħrajn ta' skambju ta' informazzjoni.

Artikolu 4

L-azzjonijiet

Sabiex isegwi l-għanijiet ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3, dan il-programm jagħti appoġġ għat-tipi ta' azzjoni li ġejjin:

(a) L-azzjonijiet speċifiċi li ttieħdu mill-Kummissjoni, bħal studji u riċerka, ħolqien u implimentazzjoni ta' proġetti speċifiċi bħall-ħolqien ta' sistema kompjuterizzata għall-iskambju ta' informazzjoni dwar rekords kriminali, stħarriġ ta' l-opinjoni pubblika u servejs, tfassil ta' indikaturi u metodoloġiji komuni, ġbir, żvilupp u tixrid ta' data u statistiċi, seminars, konferenzi u laqgħat ta' l-esperti, organizzazzjoni ta' kampanji u avvenimenti pubbliċi, l-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-siti fuq l-internet (websajts), preparazzjoni u tixrid ta' materjali ta' informazzjoni, appoġġ lil u animazzjoni ta' netwerks ta' esperti nazzjonali, attivitajiet ta' analiżi, sorveljanza u valutazzjoni; jew

(o) Proġetti speċifiċi tranżnazzjonali ta' interess għall-Unjoni ppreżentati minn, għall-inqas, tliet Stati Membri skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-programmi annwali ta' ħidma; jew

(p) Appoġġ għall-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi jew entitajiet oħrajn li għandhom għan ta' interess ġenerali Ewropew, skond l-għanijiet ġenerali tal-programm, skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-programmi annwali ta' ħidma.

(q) Għotja operattiva biex tiġi kofinanzjata n-nefqa marbuta mal-programm ta' ħidma permanenti tan-Netwerk Ewropea tat-Taħriġ Ġudizzjarju li taħdem għal għan ta' interess ġenerali Ewropew fil-qasam tat-taħriġ tal-ġudikatura.

Artikolu 5

Il-gruppi li għalihom huwa maħsub il-programm

Il-programm huwa ddestinat fost l-oħrajn għal dawk li jeżerċitaw il-professjoni legali, ir-rappreżentanti tas-servizzi ta' l-għajnuna għall-vittmi, l-awtoritajiet nazzjonali u ċ-ċittadini ta' l-Unjoni b'mod ġenerali.

Artikolu 6

L-aċċess għall-programm

1. L-aċċess għal dan il-programm għandu jkun miftuħ għal istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati, universitajiet, istituzzjonijiet ta' riċerka, u istituzzjonijiet ta' taħriġ legali jew ġudizzjarju jew ta' aktar taħriġ għal dawk li jeżerċitaw il-professjoni legali, u organizzazzjonijiet mhux governattivi ta' l-Istati Membri.

"Dawk li jeżerċitaw il-professjonali legali" tfisser, *inter alia*, imħallfin, prosekuturi, avukati, uffiċjali tal-ministeri, uffiċjali tal-qorti, *bailiffs*, interpreti tal-qorti u professjonisti oħrajn assoċjati mal-ġudikatura fil-qasam tal-liġi kriminali.

2. Ma jistgħux jiġu ppreżentati proġetti minn pajjiżi terzi jew minn organizzazzjonijiet internazzjoanli iżda dawn jistgħu jieħdu sehem bħala sħab.

Artikolu 7

It-tipi ta' interventi

1. Il-fondi mill-Komunità jistgħu jieħu l-forom legali li ġejjin:

   – Għotjiet,

   – Kuntratti ta' l-akkwist pubbliku.

2. L-għotjiet Komunitarji għandhom normalment jingħataw wara sejħiet għal proposti, ħlief f'każijiet urġenti eċċezzjonali ssostanzjati b'mod xieraq jew fejn il-karatteristiċi tal-benefiċjarju ma jħallu l-ebda għażla oħra għal azzjoni partikolari, u għandhom jingħataw permezz ta' għotja operattivi u għotjiet għal azzjonijiet. Ir-rata massima tal-kofinanzjament għandha tiġi speċifikata fil-programmi annwali ta' ħidma.

3. Barra minn hekk, huwa previst infiq għal miżuri li jakkumpanjaw dawn ta' hawn fuq, permezz ta' kuntratti ta' l-akkwist pubbliku, f'liema każ il-fondi Komunitarji jkopru x-xiri ta' servizzi u prodotti. Dan ikopri, *inter alia*, infiq fuq informazzjoni u komunikazzjoni, preparazzjoni, implimentazzjoni, sorveljanza, verifika u evalwazzjoni ta' proġetti, politika, programmi u leġiżlazzjoni.

Artikolu 8

Il-miżuri ta' implimentazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-Għajnuna Komunitarja skond ir-Regolament Finanzjarju li japplika għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.

2. Biex timplimenta l-programm, il-Kummissjoni għandha, fil-limiti ta' l-għanijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2, tadotta programm ta' ħidma annwali li jispeċifika l-għanijiet speċifiċi u l-prijoritajiet tematiċi tiegħu, id-deskrizzjoni tal-miżuri li jakkumpanjawh maħsuba fl-Artikolu 7 u, jekk ikun meħtieġ, lista ta' azzjonijiet oħrajn.

3. Il-programm ta' ħidma annwali ser ikun adottat skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10.

4. Il-proċeduri ta' evalwazzjoni u allokazzjoni relatati ma' għotjiet lill-azzjonijiet għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni, *inter alia*, dawn il-kriterji li ġejjin:

(a) il-konformità mal-programm ta' ħidma annwali, l-għanijiet ġenerali kif speċifikati fl-Artikolu 2 u l-miżuri meħuda fl-oqsma differenti kif speċifikati fl-Artikoli 3 u 4;

(r) il-kwalità ta' l-azzjoni proposta dwar il-ħsieb, l-organizzazzjoni, il-preżentazzjoni u r-riżultati mistennija minnha;

(s) l-ammont mitlub għall-finanzjament Komunitarju u kemm huwa f'loku meta jitqiesu r-riżultati mistennija;

(t) l-impatt tar-riżultati mistennija fuq l-għanijiet ġenerali definiti fl-Artikolu 2 u fuq miżuri meħuda fl-oqsma differenti kif speċifikat fl-Artikoli 3 u 4.

5. L-applikazzjonijiet għal għotjiet għall-ħidma, imsemmija fl-Artikolu 4, (3) u (4), għandhom jiġu vvalutati fid-dawl ta':

– il-konsistenza ma' l-għanijiet tal-programm;

– il-kwalità ta' l-attivitajiet ippjanati;

– l-effett multiplikatur possibbli ta' dawn l-attivitajiet fuq il-pubbliku;

– l-impatt ġeografiku ta' l-attivitajiet imwettqa;

– l-involviment taċ-ċittadini fl-organizzazzjoni tal-korpi konċernati;

– il-proporzjon tal-flus li jinħarġu mqabbla mal-benefiċċji mistennija mill-attività proposta.

6. Skond l-Artikolu 113 (2) tar-Regolament Finanzjarju, il-prinċipju ta' tnaqqis gradwali m'għandux japplika għall-għotja operattiva mogħtija lin-Netwerk Ewropea tat-Taħriġ Ġudizzjarju ladarba għandha għan ta' interess ġenerali Ewropew.

Artikolu 9

Il-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi mgħejuna minn kumitat, magħmul minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri u mmexxi mir-rappreżentant tal-Kummissjoni, minn issa 'l quddiem imsejjaħ il-"Kumitat".

2. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli tal-Proċedura tiegħu stess.

Artikolu 10

Il-proċedura ta' konsulenza

1. Fejn issir referenza għal dan l-Artikolu, ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jippreżenta lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz, f'perjodu ta' żmien definit li jista'

jistabbilixxi l-President skond l-urġenza tal-kwistjoni, u jekk meħtieġ billi ssir votazzjoni.

2. L-opinjoni għandha tiġi rreġistrata fil-minuti; kull Stat Membru jista' jitlob li l-pożizzjoni tiegħu tiġi rreġistrata fil-minuti.

3. Il-Kummissjoni għandha tagħti kas sew ta' l-opinjoni mogħtija mill-Kumitat. Għandha tinforma lill-Kumitat dwar il-mod kif tkun ġiet meħuda f'kunsiderazzjoni l-opinjoni.

Artikolu 11

Il-komplementarjetà

1. Ikunu mfittxija sinerġiji u komplementarjetà ma' strumenti oħrajn tal-Komunità, b'mod partikolari mal-programm ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja", "Is-Sigurtà u l-Ħarsien tal-Libertajiet" u "Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi tal-Migrazzjoni". L-element statistiku ta' l-informazzjoni dwar il-ġustizzja kriminali ser jiġi żviluppat b'kollaborazzjoni ma' l-Istati Membri, bl-użu, skond kif ikun meħtieġ, tal-Programm Statistiku Komunitarju.

2. Il-programm jista' jaqsam ir-riżorsi ma' strumenti oħrajn Komunitarji, b'mod partikolari l-programm speċifiku tal-ġustizzja ċivili tal-programm ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" sabiex jimplimenta l-azzjonijiet li jilħqu l-għanijiet taż-żewġ programmi.

3. L-operazzjonijiet iffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni m'għandhomx jirċievu assistenza għall-istess skop minn strumenti finanzjarji oħrajn tal-Komunità. Il-benefiċjarji ta' din id-Deċiżjoni għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni dwar il-fondi li jirċievu mill-baġit tal-Komunità u minn għejun oħrajn, kif ukoll bl-informazzjoni dwar applikazzjonijiet kurrenti għall-fondi.

Artikolu 12

Ir-Riżorsi tal-Baġit

Ir-riżorsi tal-baġit imqassma għall-azzjonjiet stipulati f'dan il-programm għandhom jiddaħħlu fl-approprjazzjonijiet annwali tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea. L-approprjazzjonijiet annwali disponibbli għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità tal-baġit fil-limiti tal-perspettivi finanzjarji.

Artikolu 13

Is-sorveljanza

1. Għal kwalunkwe azzjoni ffinanzjata mill-programm, il-benefiċjarju għandu jressaq rapporti tekniċi u finanzjarji dwar il-progress tax-xogħol. Għandu jitressaq ukoll rapport finali fi żmien tliet xhur mit-tlestija ta' l-azzjoni. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-forma u l-kontenut tar-rapporti.

2. Bla ħsara għall-verifiki mwettqa mill-Qorti ta' l-Awdituri flimkien mal-korpi jew mad-dipartimenti nazzjonali tal-verifika kompetenti skond l-Artikolu 248 tat-Trattat, jew kwalunkwe ispezzjoni mwettqa skond l-Artikolu 279(c) tat-Trattat, l-uffiċjali u l-impjegati l-oħrajn tal-Kummissjoni jistgħu jwettqu verifika fuq il-post, inklużi verifiki kampjun, fuq azzjonijiet iffinanzjati taħt il-programm.

3. Il-kuntratti u l-ftehim li jirriżultaw minn din id-Deċiżjoni għandhom jipprovdu b'mod partikolari għas-sorveljanza u l-kontroll finanzjarju mill-Kummissjoni (jew kwalunkwe rappreżentant awtorizzat minnha), jekk meħtieġ fuq il-post, u verifiki mill-Qorti ta' l-Awdituri.

4. Għal perjodu ta' ħames snin wara l-aħħar pagament għal kwalunkwe azzjoni, il-benefiċjarju ta' l-assistenza finanzjarja għandu jżomm disponsibbli għall-Kummissjoni d-dokumenti kollha ta' appoġġ rigward in-nefqa fuq l-azzjoni.

5. Fuq il-bażi tar-riżultati tar-rapporti u l-verifika ta' kampjuni msemmija fil-paragrafi 1 u 2, il-Kummissjoni għandha, jekk meħtieġ, taġġusta l-iskala jew il-kundizzjonijiet ta' l-allokazzjoni ta' l-għajnuna finanzjarja approvata oriġinarjament kif ukoll l-iskeda ta' meta jsiru l-ħlasijiet.

6. Il-Kummissjoni għandha tieħu kull pass ieħor meħtieġ biex tivverifika li l-azzjonijiet iffinanzjati jitwettqu kif suppost u skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni u tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 14

Il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità

1. Il-Kummissjoni għandha tara li, meta l-azzjonijiet iffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni jiġu implimentati, l-interessi finanzjarji tal-Komunità jkunu protetti bl-applikazzjoni tal-miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività oħra illegali, permezz ta' verifiki effettivi u bil-ġbir lura ta' l-ammonti mħallsa żejda u, jekk jiġu skoperti irregolaritajiet, b'pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi, skond ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 u (Euratom, KE) Nru 2185/96, u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

2. Għall-azzjonijiet Komunitarji ffinanzjati taħt dan il-programm, ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 għandhom japplikaw għal kwalunkwe ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi Komunitarja, inkluż ksur ta' obbligu kuntrattwali stipulat fuq il-bażi tal-programm, li jirriżulta minn att jew nuqqas ta' operatur ekonomiku, li għandu, jew ikollu, l-effett li jagħmel ħsara lill-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej jew lill-baġits amministrati minnhom, b'element ta' nefqa mhux iġġustifikat.

3. Il-Kummissjoni għandha tnaqqas, tissospendi jew tiġbor lura l-ammont ta' għajnuna finanzjarja mogħtija għal azzjoni jekk issib irregolaritajiet, inkluż nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni jew id-deċiżjoni individwali jew il-kuntratt jew il-ftehim li jagħtu l-appoġġ finanzjarju konċernat, jew jekk jirriżulta li, mingħajr ma tkun intalbet l-approvazzjoni tal-Kummissjoni, l-azzjoni

tkun għaddiet minn tibdil li jmur kontra n-natura jew il-kundizzjonijiet ta' l-implimentazzjoni tal-proġett.

4. Jekk it-termini ta' żmien ma jkunux ġew osservati jew jekk parti biss mill-għajnuna finanzjarja mogħtija tkun iġġustifikata bil-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' azzjoni, il-Kummissjoni għandha titlob lill-benefiċjarju biex iressaq osservazzjonijiet f'perjodu speċifikat. Jekk il-benefiċjarju ma jagħtix risposta sodisfaċenti, il-Kummissjoni tista' tħassar l-għajnuna finanzjarja li jifdal u titlob il-ħlas lura tas-somom diġà mħallsa.

5. Kwalunkwe ħlas mhux dovut għandu jitħallas lura lill-Kummissjoni. Għandhom jiżdiedu l-interessi ma' kwalunkwe somma mhux imħallsa lura f'waqtha taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti mir-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 15

L-evalwazzjoni

1. Il-programm għandu jiġi mmonitorjat b'mod regolari sabiex tkun segwita l-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet imwettqin taħtu.

2. Il-Kummissjoni għandha tara li jkun hemm valutazzjoni regolari, indipendenti u esterna tal-programm.

3. Il-Kummissjoni għandha tressaq quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill:

   (a) rapport *interim* ta' valutazzjoni dwar ir-riżultati miksuba u l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi ta' l-implimentazzjoni ta' dan il-programm, mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu;

   (b) Komunikazzjoni dwar il-kontinwazzjoni ta' dan il-programm, mhux aktar tard mit-30 ta' Awissu 2012;

   (c) rapport tal-valutazzjoni *ex post,* mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014.

Artikolu 16

Il-miżuri transitorji

Din id-Deċiżjoni għandha tissostitwixxi d-dispożizzjonijiet li jikkorrispondu magħha tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju, li tistabbilixxi programm ta' qafas dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali (AGIS), mill-1 ta' Jannar 2007.

L-azzjonijiet li nbdew qabel il-31 ta' Diċembru 2006 skond dik id-Deċiżjoni għandhom ikomplu jiġu rregolati minn dik id-Deċiżjoni, sakemm jitlestew. Il-Kumitat stipulat fl-Artikolu 7 tagħha għandu jiġi sostitwit b'dak stipulat fl-Artikolu 10 ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 17

Id-dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.* Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST

Il-preparazzjoni tal-perspettivi finanzjarji għall-2007-2013 ġiet iggwidata mill-bidu minn metodu mmexxi mill-politika, sabiex tiġi assigurata l-konsistenza bejn l-għanijiet politiċi u l-ammonti allokati biex dawn jiġu segwiti. F'dan il-kuntest, it-twaqqif ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jitqies bħala waħda mill-prijoritajiet ewlenin ta' l-Unjoni Ewropea għas-snin li ġejjin, li għandha tiġi appoġġjata permezz ta' mezzi finanzjarji sostanzjalment miżjuda. Fil-Komunikazzjonijiet tagħha « *Nibnu l-Ġejjieni komuni tagħna – L-isfidi tal- Politika u l-mezzi baġitarji ta' l-Unjoni Mkabbra għall-2007-2013*»[53] u « *Il-Perspettivi Finanzjarji għall-2007 – 2013* »[54], il-Kummissjoni enfasizzat ukoll l-importanza li tintuża r-reviżjoni ta' l-istrumenti legali għall-perspettivi finanzjarji li jmiss sabiex ikun hemm ċaqliq sinifikanti lejn aktar sempliċità. Permezz ta' l-istrutturar tal-proposti tagħha madwar tliet programmi ġenerali u ggwidati mill-politika ("Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi tal-Migrazzjoni", "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja", "Is-Sigurtà u l-Ħarsien tal-Libertajiet"), il-Kummissjoni qed tistabbilixxi qafas ċar għall-iżvilupp ta' interventi finanzjarji tal-Komunità b'appoġġ għat-tliet għanijiet tal-Ġustizzja, tal-Libertà u tas-Sigurtà

2. IL-ĠUSTIFIKAZZJONI TA' L-AZZJONI

2.1. L-analiżi tal-problema

Is-suq intern huwa realtà, u wassal għal aktar skambji bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni. Huwa wassal għal żieda fil-frekwenza li biha ċ-ċittadini Ewropej imorru fi Stati Membri oħrajn jew iwettqu, attivitajiet ekonomiċi u jixtru l-prodotti u s-servizzi fihom, xi kultant permezz ta' l-użu ta' teknoloġiji moderni. Aktar minn hekk, is-sitwazzjonijiet personali u tal-familja b'dimensjoni li tinvolvi aktar minn pajjiż wieħed (eż. żwiġijiet bejn persuni ta' nazzjonalità differenti, persuni li għandhom djar fi Stat Membru ieħor) huma wkoll aktar frekwenti. Hija meħtieġa azzjoni biex jiġi assigurat li l-litiganti jista' jkollhom aċċess faċli għall-ġustizzja effettiva f'dawn il-każijiet. Jeħtieġ ukoll li jiġu affrontati l-problemi li hemm tendenza li se jqumu aktar fil-ġejjieni, bħal kwistjonijiet relatati ma' l-istat ta' koppji mhux miżżewġin, talbiet fuq il-proprjetà meta jitkissru ż-żwiġijiet jew relazzjonijiet oħrajn kif ukoll f'ċirkustanzi oħrajn, stat personali (ismijiet), jew adozzjoni. Tabilħaqq, l-individwi u s-settur kummerċjali m'għandhomx jitwaqqfu jew tinqatgħalhom qalbhom milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom minħabba n-nuqqas ta' kompatibilità jew il-komplessità tas-sistemi legali u amministrattivi fl-Istati Membri.

2.2. It-triq 'il quddiem

Il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali jeħtieġu t-twaqqif ta' żona ġenwina Ewropea ta' ġustizzja. Il-ħolqien ta' din iż-żona tagħti l-possibbiltà lill-awtoritajiet ġudizzjarji biex jikkooperaw b'mod effettiv, u jassigura li ċ-ċittadini jkollhom aċċess aħjar għall-ġustizzja, u la jkunu mwaqqfa u lanqas tinqatgħalhom qalbhom milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom minħabba n-nuqqasijiet fil-kompatibità jew minħabba l-komplessitajiet fis-sistemi legali. Hija tagħti wkoll il-possibbiltà li jiġi stabbilit il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji, u li l-ħidma tal-ġudikatura tkompli tittejjeb.

---

53 KUMM(2004) 101, 10.2.2004.

54 KUMM(2004) 487, 14.7.2004.

L-isfida għall-Unjoni se tkun li twieġeb għall-aspettattivi taċ-ċittadini, jiġifieri li jkun hemm soluzzjonijiet effettivi għall-problemi prattiċi tagħhom. Dan jimplika b'mod partikolari:

– sforzi akbar biex l-implimentazzjoni ta' l-acquis mill-Istati Membri, aktar ma' dan jikber, tkun immonitorjata inkluż permezz ta' mezzi moderni bħat-twaqqif ta' bażijiet ta' data (*databases*) tal-ġurisprudenza;

– aktar azzjonijiet leġiżlattivi, b'mod partikolari biex titjieb il-faċiltità ta' l-aċċess għall-ġustizzja u l-effiċjenza tagħha;

– tisħiħ tal-mekkaniżmi biex tkun ipprovduta informazzjoni lill-pubbliku u jiġu promossi t-taħriġ ta' u l-iskambji bejn dawk li jeżerċitaw il-professjoni dwar l-implikazzjonijiet ta' l-istrumenti għall-kooperazzjoni f'dan il-qasam;

– Aktar miżuri biex jiġi promoss l-għarfien u l-użu ta' għodod u proċeduri komuni fost dawk li jeżerċitaw il-professjoni.

2.3. L-għanijiet tal-programm u l-indikaturi relatati

- Id-definizzjoni ta' l-għanijiet ġenerali, speċifiċi u operattivi

<table>
<tr>
<td rowspan="2">Li jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni ġudizzjarja bl-għan li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' żona ġenwina Ewropea ta' ġustizzja fi kwistjonijiet ċivili bbażati fuq għarfien reċiproku u kunfidenza reċiproka.</td>
<td>Li jinkoraġġixxi l-adattament tas-sistemi ġudizzjarji eżistenti fl-Istati Membri għall-Unjoni Ewropea bħala territorju b'munita waħda, b'moviment ħieles tal-persuni, tas-servizzi, tal-prodotti u tal-kapital.</td>
<td>Li jtejjeb it-tagħrif reċiproku tas-sistemi legali u ġudizzjarji ta' l-Istati Membri fi kwistjonijiet ċivili u jinkoraġġixxi u jsaħħaħ in-netwerking, il-kooperazzjoni reċiproka, l-iskambju u t-tixrid ta' informazzjoni, esperjenza u l-aħjar prattika.

Li jassigura l-implimentazzjoni tajba, l-applikazzjoni korretta u konkreta u l-valutazzjoni ta' strumenti Komunitarji fl-oqsma tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali.</td>
</tr>
<tr>
<td>Li jtejjeb il-ħajja ta' kuljum ta' l-individwi u tan-negozji billi jagħmilha possibbli li dawn jasserixxu d-drittijiet tagħhom fl-Unjoni Ewropea kollha, l-aktar billi jinkoraġġixxi aċċess għall-ġustizzja.</td>
<td>Li jtejjeb l-informazzjoni dwar is-sistemi legali fl-Istati Membri u l-aċċess għall-ġustizzja.</td>
</tr>
</table>

	Li jtejjeb il-kuntatti bejn l-awtoritajiet legali, ġudizzjarji u amministrattivi u l-professjonijiet legali, u li jinkoraġġixxi t-taħriġ tal-membri tal-ġudikatura.	Li jinkoraġġixxi t-taħriġ tal-membri tal-ġudikatura u ta' l-impjegati ġudizzjarji fi kwistjonijiet ta' l-Unjoni. Li jivvaluta l-kundizzjonijiet ġenerali meħtieġa għall-iżvilupp tal-kunfidenza reċiproka, inkluża l-kwalità tal-ġustizzja Li jappoġġja l-ħidma ta' l-operazzjonijiet tan-netwerk ġudizzjarja Ewropea fl-oqsma ċivili u kummerċjali maħluqa bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2001 (2001/470/KE).

L-għanijiet kollha huma konsistenti ma' l-għan ġenerali tal-programm ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" li jappoġġja l-iżvilupp ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

- Il-komplementarjetà/koerenza ma' l-istrumenti l-oħrajn

Meta kien qed jiġi ppreparat dan il-programm, ingħatat attenzjoni partikolari sabiex tiġi assigurata koerenza ma' programmi oħrajn li jiffinanzjaw attivitajiet fl-istess oqsma tal-politika, u li jkun hemm tiftix għal komplementarjetà u sinerġija ma' dawn il-programmi l-oħrajn.

Dan il-programm huwa kkomplementat mill-programmi speċifiċi l-oħrajn taħt il-programm ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja", b'mod partikolari l-programm speċifiku "Il-Ġustizzja Kriminali" dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali. Il-Programm "Il-Ġustizzja Kriminali" jimxi, sa fejn hu possibbli, fuq l-l-għanijiet u l-istruttura ta' dan il-programm u għandu l-għan li jassigura li ħadd ma jitwaqqaf jew tinqatagħlu qalbu milli jeżerċita d-dritt li jiċċaqlaq b'mod ħieles fl-Unjoni minħabba l-komplessità tas-sistemi legali u amministrattivi ta' l-Istati Membri.

Għandha tiġi assigurata wkoll il-komplementarjetà mal-programmi ġenerali "Is-Sigurtà u l-Ħarsien tal-Libertajiet" u "Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi tal-Migrazzjoni" biex tinkiseb sinerġija, b'mod partikolari, fil-qasam relatat mal-kenn politiku u mas-sistemi legali għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

3. L-EVALWAZZJONI

3.1. Il-lezzjonijiet meħuda minn evalwazzjonijiet intermedji/finali

Il-Kummissjoni adottat rapport intermedju[55] dwar il-qafas ġenerali Komunitarju ta' attivitajiet biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni fi kwistjonijiet ċivili. Ir-rapport jammetti li sentejn ta' implimentazzjoni tal-programm mhumiex biżżejjed biex issir analiżi dettaljata tiegħu; iżda xorta, jagħti l-possibbiltà li jintlaħqu l-ewwel sett ta' konklużjonijiet.

Huwa rikonoxxut illi l-azzjonijiet żviluppati mill-Kummissjoni – l-Atlas Ġudizzjarju Ewropew fi kwistjonijiet Ċivili, il-bażijiet tat-data tal-ġurisprudenza taħt ir-Regolamenti Brussell I u Brussell II u l-kampanja ta' informazzjoni biex dawk li jeżerċitaw il-professjoni legali jiġu informati dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili ġewwa l-Unjoni Ewropea – intlaqgħu tajjeb ħafna u għandhom jitkomplew.

In-Netwerk Ġudizzjarja Ewropea fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, stabbilita biex ittejjeb, tissimplifika u tħaffef il-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, hija wkoll attività importanti tal-Kummissjoni u l-importanza tagħha hija rikonoxxuta b'mod ċar.

Min-naħa l-oħra, ġew skoperti xi problemi rigward il-proġetti ppreżentati u implimentati mis-soċjetà ċivili. Il-fatt li l-baġit disponibbli kien limitat ma ħallix li jiġu ppreżentati proġetti mdaqqsa f'oqsma speċifiċi, bħat-taħriġ u l-iskambju ta' l-imħallfin. It-tixrid tar-riżultati għandu wkoll bżonn ikompli jittejjeb.

Is-soċjetà ċivili għandha tiġi mħeġġa tieħu sehem akbar fl-attivitajiet tal-Kummissjoni f'oqsma speċifiċi, l-aktar rigward informazzjoni liċ-ċittadini u lill-intrapriżi.

Fl-aħħarnett, huwa importanti li wieħed jiffoka fuq l-effetti ta' tkattir u tkabbir ta' l-azzjonijiet billi jiġu identifikati bir-reqqa l-gruppi li għalihom hija maħsuba l-azzjoni.

3.2. L-evalwazzjoni *ex ante*

Id-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni li jippreżenta l-valutazzjoni *ex ante* tal-programm ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" juri kemm hi xierqa l-għażla tal-politika magħżula biex jinkisbu l-għanijiet maħsuba.

4. IL-BAŻI LEGALI U L-GĦAN TA' L-ISTRUMENT TAL-POLITIKA

4.1. Il-Bażi Legali

Dan il-programm speċifiku tal-programm ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" huwa bbażat fuq l-Artikolu 61(c) tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea.

Dan l-Artikolu jgħid li sabiex tiġi stabbilita progressivament żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, il-Kunsill għandu jadotta miżuri dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili; l-Artikolu 67 (1) tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea jiddetermina l-proċedura li għandha tintuża meta jiġu adotatti dawn il-miżuri.

---

[55] KUMM(2005) 34, 9.2.2005.

Il-bażi legali proposta hija xierqa għax il-programm huwa mmirat għal kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili

4.2. L-azzjonijiet definiti fil-programm

Huma kkunsidrati tipi differenti ta' azzjonijiet bħal:

- Azzjonijiet speċifiċi meħuda mill-Kummissjoni, bħal studji u riċerka, stħarriġ ta' l-opinjoni pubblika u servejs, tfassil ta' indikaturi u metodoloġiji komuni, ġbir, żvilupp u tixrid ta' *data* u statistiċi, seminars, konferenzi u laqgħat ta' l-esperti, organizzazzjoni ta' kampanji u avvenimenti pubbliċi, żvilupp u manutenzjoni ta' siti fuq l-internet (websajts), preparazzjoni u tixrid ta' materjal ta' informazzjoni, appoġġ għal u amministrazzjoni ta' netwerks ta' esperti nazzjonali, attivitajiet ta' analiżi, sorveljanza u valutazzjoni;

- Azzjonijiet li jagħtu appoġġ finanzjarju għal proġetti speċifiċi ta' interess Komunitarju skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-programmi annwali ta' ħidma;

- Azzjonijiet li jagħtu appoġġ finanzjarju għall-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi jew entitajiet oħrajn skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-programmi annwali ta' ħidma.

4.3. Is-Sussidjarjetà u l-Proporzjonalità

Din il-proposta kienet maħsuba biex tirrispetta l-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità stabbiliti fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-KE u l-Protokoll li jakkumpanjah. Sa fejn għandha x'taqsam is-sussidjarjetà, dan il-programm ma jipprovax jintervjeni fl-oqsma li jaqgħu taħt il-programmi nazzjonali żviluppati minn awtoritajiet nazzjonali f'kull Stat Membru iżda jiffoka fuq oqsma fejn jista' jingħata valur miżjud Ewropew. Għaldaqstant, il-maġġoranza l-kbira ta' l-attivitajiet appoġġjati mill-programm jistgħu jitqiesu bħala komplementari għal azzjonijiet nazzjonali u li jipprovaw jisfruttaw, sa fejn jista' jkun, is-sinerġija minn azzjonijiet implimentati fuq livell internazzjonali u reġjonali.

Sa fejn għandha x'taqsam il-proporzjonalità, il-proposta għal programm ġdid kienet maħsuba biex tkun kemm jista' jkun sempliċi mhux biss fil-forma ta' l-azzjoni – bid-definizzjonijiet ta' l-azzjonijiet fit-test leġislattiv jinżammu kemm jista' jkun ġeneriċi – iżda wkoll rigward il-kundizzjonijiet amministrattivi u finanzjarji meħtieġa li ser japplikaw għall-implimentazzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni fittxet li ssib l-aħjar bilanċ bejn il-flessibilità u l-faċilità ta' l-użu fuq naħa waħda, u ċ-ċarezza ta' l-iskop u salvagwardji finanzjarji u ta' proċedura xierqa fuq in-naħa l-oħra.

Meta wieħed isegwi l-linji gwida indikati fil-protokoll dwar l-applikazzjoni taż-żewġ prinċipji, huwa ċar li l-problemi li dan il-programm fittex li jegħleb għandhom aspetti li jmorru lil hinn mill-fruntieri tan-nazzjon u għalhekk dik l-azzjoni fuq livell Komunitarju tagħti benefiċċji lil hinn mill-azzjoni fuq livell ta' l-Istati Membri.

4.4. Is-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni

Il-metodu propost ser jikkontribwixxi għall-għan ewlieni li l-istrumenti jiġu ssimplifikati kemm f'termini legali kif ukoll amministrattivi, u li l-istruttura tal-baġit titfassal b'mod aktar sempliċi. Ser iżid ukoll il-koerenza u l-konsistenza bejn l-istrumenti u jevita li jkunu dduplikati. Eżempju wieħed huwa l-inklużjoni fil-programm ta' azzjonijiet li qabel kienu

separati sabiex jiġi promoss it-taħriġ ta' l-imħallfin fil-qasam speċifiku tal-liġi ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-kompetizzjoni. Filwaqt li jkunu meħtieġa riżorsi umani addizzjonali biex wieħed ilaħħaq mat-tkabbir fil-futur, se tinkiseb allokazzjoni aħjar tar-riżorsi umani billi ma jitkomplewx il-linji żgħar tal-baġit (li jassorbu ammont mhux proporzjonat ta' riżorsi) u billi l-programmi eżistenti jingabru mill-ġdid fi programm wieħed, koerenti u msawwar b'mod aktar sempliċi. Dan jirriżulta f'aktar proporzjonalità bejn l-ammont tan-nefqa u l-ispiża amministrattiva biex dan jiġi amministrat.

Ir-razzjonalizzazzjoni proposta ser tkun ta' benefiċċju wkoll għall-utent aħħari għax iżżid il-viżibilità, iċ-ċarezza u l-koerenza ta' l-istrumenti. Il-benefiċjarji potenzjali jsibuha aktar faċli biex japplikaw għall-fondi minħabba l-istrateġija standardizzata u l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni.

Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tafda parti mill-implimentazzjoni tal-baġit f'idejn aġenziji rregolati mil-liġi Komunitarja, imsemmija fl-Artikolu 54, (2) (a) tar-Regolament Finanzarju. Dawn l-aġenziji għandhom jiġu nnominati mill-Kummissjoni skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 55 u 56 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 u ta' l-Artikolu 37 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002. Il-Kummissjoni għandha tanalizza kemm dawn huma konformi mal-prinċipji ta' l-ekonomija, l-effikaċja u l-effiċjenza. Qabel ma tipproċedi biex timplimenta d-delegazzjoni, il-Kummissjoni għandha tassigura ruħha, permezz ta' valutazzjoni minn qabel, li l-ħolqien ta' l-aġenziji huwa konformi ma' amministrazzjoni finanzjarja tajba.

L-istrument propost il-ġdid isegwi t-triq li ġiet iddeterminata mill-Kummissjoni f'dak li jirrigwarda l-isfidi politiċi u finanzjarji sa mill-2007 'il quddiem. L-intenzjoni hija li l-istrumenti eżistenti jiġu kkomplementati, ssimplifikati u rrazzjonalizzati u li tiġi assigurata l-flessibilità meħtieġa biex jiġu ffaċċjati għanijiet ġodda u jkun hemm adattament mingħajr problemi għall-qafas legali l-ġdid, li jiġi stabbilit ladarba jidħol fis-seħħ it-Trattat Kostituzzjonali.

5. L-IMPLIKAZZJONIJIET TAL-BAĠIT

Il-programm ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" għall-perjodu 2007 – 2013 se jiġi jiswa EUR 543 miljun; il-programm speċifiku preżenti ser jingħata dawn l-ammonti li ġejjin: EUR 109.3 miljun.

2005/0040 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

Li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 il-programm speċifiku "Ġustizzja Ċivili" bħala parti mill-programm ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja"

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 61 (c) u l-Artikolu 67 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni [56],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [57],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni [58],

Billi:

(1) Il-Komunità Ewropea stabbiliet għaliha nfisha l-għan li żżomm u tiżviluppa żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, fejn huwa assigurat il-moviment ħieles tal-persuni. Għal dak l-għan, il-Komunità għandha tadotta, fost l-oħrajn, miżuri fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili meħtieġa biex jaħdem tajjeb is-suq intern.

(2) Wara l-programmi preċedenti, bħal Grotius [59] u l-proġett Robert Schuman [60], ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 743/2002[61] stabbilixxa, għall-perjodu mill-2002 sal-2006, qafas ġenerali Komunitarju ta' attivitajiet biex jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili.

(3) Il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew fi Brussell fl-4 u l-5 ta' Novembru 2004 adottat il-Programm ta' The Hague "Insaħħu l-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea".

(4) L-għanijiet ambizzjużi stabbiliti mit-Trattat u l-Programm ta' The Hague għandhom jiġu mwettqa permezz tat-twaqqif ta' programm flessibbli u effettiv li jiffaċilita l-ippjanar u l-implimentazzjoni.

---

56 ĠU C , , p.
57 ĠU C , , p.
58 ĠU C , , p.
59 ĠU L 287, 8.11.1996, p. 3.
60 ĠU L 196, 14.7.1998, p. 24.
61 ĠU L 115, 1.5.2002, p. 1.

(5) Il-Programm tal-Ġustizzja Ċivili għandu jipprovdi għal inizjattivi li tieħu l-Kummissjoni, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, għall-azzjonijiet li jappoġġjaw organizzazzjonijiet li jinkoraġġixxu u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili, u għal azzjonijiet li jappoġġjaw proġetti speċifiċi.

(6) Programm ġenerali tal-Ġustizzja Ċivili, maħsub biex jitjieb l-għarfien reċiproku tas-sistemi legali u ġudizzjarji ta' l-Istati Membri, ser jikkontribwixxi biex jitnaqqsu l-ostakli għall-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili, u dan għandu jtejjeb ħidmet is-suq intern.

(7) Id-Danimarka, skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, mhux qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, li ma torbotx lid-Danimarka u lanqas ma tapplika għaliha,

(8) Għandhom jittieħdu wkoll miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' l-irregolaritajiet u l-frodi u għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa biex jinġabru lura l-fondi mitlufa, imħallsa ħażin jew użati b'mod mhux korrett.

(9) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi qafas finanzjarju għal kemm idum għaddej il-programm, li għandu jkun il-punt ewlieni ta' referenza għall-awtorità tal-baġit fis-sens tal-punt 33 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u t-titjib tal-proċedura tal-baġit[62].

(10) Ladarba l-għanijiet tal-Programm tal-Ġustizzja Kriminali ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk, minħabba d-daqs jew l-effetti ta' l-inizjattiva, jistgħu jinkisbu aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(11) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li japplika għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej[63], minn issa 'l quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Finanzjarju", u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill 1605/2002[64], li jħarsu l-interessi finanzjarji tal-Komunità, għandhom jiġu applikati filwaqt li jitqiesu l-prinċipji tas-sempliċità u tal-konsistenza fl-għażla ta' l-istrumenti tal-baġit, il-limitazzjoni fuq in-numru ta' każijiet fejn il-Kummissjoni żżomm responsabbiltà diretta għall-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni tagħhom, u l-proporzjonalità meħtieġa bejn l-ammont ta' riżorsi u l-piż amministrattiv relatat ma' l-użu tagħhom.

(12) Ir-Regolament Finanzjarju jeħtieġ li jkun provdut b'att bażiku biex ikopri għotjiet operattivi.

---

62 ĠU C 172, 18.6.1999, p. 1.
63 ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
64 ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.

(13) Skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzoni mogħtija lill-Kummissjoni[65], il-miżuri għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu adottati bl-użu tal-proċedura ta' konsulenza stipulata fl-Artikolu 3 ta' dik id-Deċiżjoni. Dan huwa xieraq ladarba l-programm m'għandux impatt sinifikanti fuq il-baġit Komunitarju.

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-ħolqien tal-programm

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-programm speċifiku "Il-Ġustizzja Ċivili", minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-programm", bħala parti mill-programm ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja", sabiex jikkontribwixxi biex tissaħħaħ iż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

2. Il-programm għandu jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru.

Artikolu 2

L-għanijiet ġenerali

1. Dan il-programm għandu jkollu dawn l-għanijiet ġenerali li ġejjin:

   (a) Li jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni ġudizzjarja bl-għan li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' żona Ewropea ġenwina ta' ġustizzja fi kwistjonijiet ċivili fuq bażi ta' għarfien reċiproku u kunfidenza reċiproka.

   (b) Li jinkoraġġixxi l-aġġustament tas-sistemi ġudizzjarji eżistenti fl-Istati Membri għall-Unjoni Ewropea bħala territorju mingħajr kontrolli fuq il-fruntieri, b'munita waħda, u bil-moviment ħieles tal-persuni, tas-servizzi, tal-prodotti u tal-kapital.

   (c) Li jtejjeb il-ħajja ta' kuljum ta' l-individwi u tan-negozji billi jagħmilha possibbli għalihom li jasserixxu d-drittijiet tagħhom fl-Unjoni Ewropea kollha, l-aktar billi jippromwovi aċċess għall-ġustizzja.

   (d) Li jtejjeb il-kuntatt bejn awtoritajiet legali, ġudizzjarji u amministrattivi u l-professjonijiet legali, u li jippromwovi it-taħriġ tal-membri tal-ġudikatura.

2. Bla ħsara għall-għanijiet u s-setgħat tal-Komunità Ewropea, l-għanijiet ġenerali tal-programm jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-politika tal-komunità, u b'mod aktar speċifiku għall-ħolqien ta' żona ġudizzjarja.

---

[65] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

Artikolu 3

L-għanijiet speċifiċi

Il-programm għandu jkollu dawn l-għanijet speċifiċi li ġejjin:

(a) Li jippromwovi l-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili li għandha l-għan li:

- tassigura ċ-ċertezza legali u ttejjeb l-aċċess għall-ġustizzja;
- tinkoraġġixxi l-għarfien reċiproku ta' deċiżjonijiet u sentenzi ġudizzjarji;
- tneħħi l-ostakli li jinħolqu minn differenzi fil-liġi ċivili u fil-proċeduri ċivili u tippromwovi l-approssimazzjoni meħtieġa tal-leġiżlazzjoni;
- tiggarantixxi amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja billi tevita l-kunflitti ta' ġuriżdizzjoni.

(u) Li jtejjeb it-tagħrif reċiproku tas-sistemi legali u ġudizzjarji ta' l-Istati Membri fi kwistjonijiet ċivili u jinkoraġġixxi u jsaħħaħ in-netwerking, il-kooperazzjoni reċiproka, l-iskambju u t-tixrid ta' informazzjoni, esperjenza u l-aħjar prattika.

(v) Li jassigura l-implimentazzjoni tajba, l-applikazzjoni korretta u konkreta tal-valutazzjoni ta' l-istrumenti tal-Komunità fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali.

(w) Li jtejjeb it-tagħrif dwar is-sistemi legali fl-Istati Membri u l-aċċess għall-ġustizzja.

(x) Li jinkoraġġixxi t-taħriġ fil-liġi ta' l-Unjoni u tal-Komunità ta' l-impjegati ġudizzjarji u tal-qrati.

(y) Li jivvaluta l-kundizzjonijiet ġenerali meħtieġa biex tiġi żviluppata l-kunfidenza reċiproka, inkluża l-kwalità tal-ġustizzja.

(z) Li jagħmel possibbli l-operazzjoni ta' netwerk ġudizzjarja Ewropea fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali li nħolqot bid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2001/470/KE tat-28 ta' Mejju 2001, li tistabbilixxi Netwerk Ġudizzjarja Ewropea fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali [66].

[66] ĠU L 174, 27.6.2001, p. 25.

Artikolu 4

L-azzjonijiet

Sabiex isegwi l-għanijiet ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3, dan il-programm jagħti appoġġ għat-tipi ta' azzjonijiet li ġejin:

(a) L-azzjonijiet speċifiċi meħuda mill-Kummissjoni, bħal studji u riċerka, stħarriġ ta' l-opinjoni pubblika u servejs, tfassil ta' indikaturi u metodoloġiji komuni, ġbir, żvilupp u tixrid ta' *data* u statistiċi, seminars, konferenzi u laqgħat ta' l-esperti, organizzazzjoni ta' kampanji u avvenimenti pubbliċi, żvilupp u manutenzjoni tas-siti fuq l-internet (websajts), preparazzjoni u tixrid ta' materjali ta' informazzjoni, appoġġ lil u animazzjoni ta' netwerks ta' esperti nazzjonali, attivitajiet ta' analiżi, sorveljanza u valutazzjoni; jew

(aa) Proġetti speċifiċi tranżnazzjonali, ta' interess għall-Unjoni, ippreżentati minn għall-inqas tliet Stati Membri skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-programmi annwali ta' ħidma; jew

(bb) Appoġġ għall-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi jew entitajiet oħrajn li għandhom għan ta' interess ġenerali Ewropew skond l-għanijiet ġenerali tal-programm skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-programmi annwali ta' ħidma.

Artikolu 5

Il-parteċipazzjoni

Dawn il-pajjiżi li ġejjin, minn issa 'l quddiem imsemmija "pajjiżi parteċipanti", jistgħu jieħdu sehem fl-azzjonijiet tal-programm:

(a) Il-pajjiżi kandidati assoċjati ma' l-UE, kif ukoll il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent inklużi fil-proċess ta' stabbilizzazzjoni u assoċjazzjoni skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim ta' l-assoċjazzjoni jew il-protokolli addizzjonali tagħhom dwar il-parteċipazzjoni fil-programmi Komunitarji konklużi jew li ser jiġu konklużi ma' dawk il-pajjiżi.

(b) Il-proġetti jistgħu jassoċjaw magħhom professjonisti legali mid-Danimarka jew mill-pajjiżi kandidati li mhux qed jipparteċipaw f'dan il-programm fejn dan jikkontribwixxi għall-preparazzjoni tagħhom għall-adeżjoni, jew minn pajjiżi terzi li mhux qed jieħdu sehem f'dan il-programm, fejn dan iservi l-għan tal-proġetti.

Artikolu 6

Il-gruppi li għalihom huwa maħsub il-programm

Il-programm huwa ddestinat, *inter alia,* għal dawk li jeżerċitaw il-professjoni legali, l-awtoritajiet nazzjonali u ċ-ċittadini ta' l-Unjoni b'mod ġenerali.

Artikolu 7

L-aċċess għall-programm

L-aċċess għal dan il-programm għandu jkun miftuħ għal istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati, inklużi organizzazzjonijiet professjonali, universitajiet, istituzzjonijiet tar-riċerka, u istituzzjonijiet tat-taħriġ legali jew ġudizzjarju għal dawk li jeżerċitaw il-professjoni legali, organizzazzjonijiet mhux governattivi ta' l-Istati Membri.

"Dawk li jeżerċitaw il-professjoni legali" tfisser, *inter alia,* imħallfin, prosekuturi, avukati, impjegati akkademiċi u xjentifiċi, uffiċjali tal-ministeri, uffiċjali tal-qorti, *bailiffs*, interpreti tal-qorti u professjonisti oħrajn assoċjati mal-ġudikatura fil-qasam tal-liġi ċivili.

Artikolu 8

It-tipi ta' intervent

1. Il-fondi Komunitarji jistgħu jieħdu dawn il-forom legali li ġejjin:

   – Għotjiet,

   – Kuntratti ta' l-akkwist pubbliku.

2. L-għotjiet Komunitarji għandhom jingħataw wara sejħiet għal proposti, ħlief f'każijiet urġenti eċċezzjonali ssostanzjati b'mod xieraq jew fejn il-karatteristiċi tal-benefiċjarju ma jħallu l-ebda għażla oħra għal azzjoni partikolari, u għandhom jingħataw permezz ta' għotjiet operattivi u għotjiet lil azzjonijiet. Ir-rata massima tal-kofinanzjament għandha tiġi speċifikata fil-programmi tal-ħidma annwali.

3. Barra minn hekk, huwa previst infiq għall-miżuri li jakkumpanjaw dawn ta' hawn fuq, permezz ta' kuntratti ta' l-akkwist pubbliku, f'liema każ il-fondi Komunitarji jkopru x-xiri ta' servizzi u prodotti. Dan ikopri, fost l-oħrajn, infiq fuq informazzjoni u komunikazzjoni, preparazzjoni, implimentazzjoni, sorveljanza, verifika u valutazzjoni ta' proġetti, politika, programmi u leġiżlazzjoni.

Artikolu 9

Il-miżuri ta' implimentazzjoni]

1. Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-Għajnuna Komunitarja skond ir-Regolament Finanzjarju li japplika għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.

2. Biex timplimenta l-programm, il-Kummissjoni għandha, fil-limiti ta' l-għanijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2, tadotta programm ta' ħidma annwali li jispeċifika l-għanijiet speċifiċi u l-prijoritajiet tematiċi tiegħu, id-deskrizzjoni ta'l-miżuri li jakkumpanjawh ikkunsidrati fl-Artikolu 8 u, jekk ikun meħtieġ, lista ta' azzjonijiet oħrajn.

3. Il-programm ta' ħidma annwali għandu jkun adottat skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10 (2).

4. Il-proċeduri ta' evalwazzjoni u allokazzjoni relatati ma' għotjiet lil azzjonijiet għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni, fost l-oħrajn, dawn il-kriterji li ġejjin:

(a) il-konformità mal-programm ta' ħidma annwali, l-għanijiet ġenerali kif speċifikati fl-Artikolu 2 u l-miżuri li ttieħdu fl-oqsma differenti kif speċifikati fl-Artikoli 3 u 4;

(b) il-kwalità ta' l-azzjoni proposta dwar il-ħsieb, l-organizzazzjoni, il-preżentazzjoni u r-riżultati mistennija minnha;

(c) l-ammont mitlub għall-finanzjament Komunitarju u kemm hu xieraq meta jitqiesu r-riżultati mistennija;

(d) l-impatt tar-riżultati mistennija fuq l-għanijiet ġenerali definiti fl-Artikolu 2 u fuq il-miżuri li ttieħdu fl-oqsma differenti kif speċifikat fl-Artikoli 3 u 4.

5. L-applikazzjonijiet għal għotjiet operattivi, imsemmija fl-Artikolu 4 (3), għandhom jiġu vvalutati fid-dawl ta':

– il-konsistenza ma' l-għanijiet tal-programm;

– il-kwalità ta' l-attivitajiet ippjanati;

– l-effett multiplikatur possibbli fuq il-pubbliku ta' dawn l-attivitajiet;

– l-impatt ġeografiku ta' l-attivitajiet imwettqa;

– l-involviment taċ-ċittadini fl-organizzazzjoni tal-korpi konċernati;

– Kemm jiswew il-proġetti meta mqabbla mal-benefiċċji mistennija mill-attività proposta.

Artikolu 10

Il-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi mgħejuna minn kumitat, magħmul mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri u mmexxi mir-rappreżentant tal-Kummissjoni, minn issa 'l quddiem imsejjaħ il-"Kumitat".

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli tal-Proċedura tiegħu stess.

Artikolu 11

Il-komplementarjetà

1. Għandha ssir ħidma biex jinstabu sinerġiji u komplementarjetà ma' l-istrumenti l-oħrajn Komunitarji, b'mod partikolari mal-programmi speċifiċi dwar il-ġustizzja

kriminali, tal-programm ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja", u l-programmi ġenerali "Is-Sigurtà u l-Ħarsien tal-Libertajiet" u "Is-Solidarjetà u l-Amministrazzjoni tal-Flussi tal-Migrazzjoni". L-element statistiku ta' l-informazzjoni dwar il-ġustizzja ċivili ser jiġi żviluppat b'kollaborazzjoni ma' l-Istati Membri, bl-użu, kif meħtieġ, tal-Programm Statistiku Komunitarju.

2. Il-programm jista' jaqsam riżorsi ma' strumenti oħrajn Komunitarji, b'mod partikolari l-programm speċifiku tal-ġustizzja kriminali tal-programm ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja", sabiex jimplimenta l-azzjonijiet li jilħqu l-għanijiet taż-żewġ programmi.

3. L-operazzjonijiet iffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni m'għandhomx jirċievu assistenza għall-istess għan minn strumenti finanzjarji oħrajn tal-Komunità. Il-benefiċjarji ta' din id-Deċiżjoni għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni dwar il-fondi li jirċievu mill-baġit tal-Komunità u minn għejun oħrajn, kif ukoll bl-informazzjoni dwar applikazzjonijiet kurrenti għall-fondi.

Artikolu 12

Ir-Riżorsi tal-Baġit

1. Il-baġit għall-implimentazzjoni ta' dan l-istrument huwa stabbilit għal EUR 109.3 miljun għall-perjodu stabbilit fl-Artikolu 1.

2. Ir-riżorsi tal-baġit mqassma għall-azzjonijiet provduti f'dan il-programm għandhom jiddaħħlu fl-approprjazzjonijiet annwali tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea. L-approprjazzjonijiet annwali disponibbli għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità tal-baġit fil-limiti tal-perspettivi finanzjarji.

Artikolu 13

Is-sorveljanza

1. Għal kwalunkwe azzjoni ffinanzjata mill-programm, il-benefiċjarju għandu jressaq rapporti tekniċi u finanzjarji dwar il-progress tax-xogħol. Għandu jitressaq ukoll rapport finali fi żmien tliet xhur mit-tlestija ta' l-azzjoni. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-forma u l-kontenut tar-rapporti.

2. Bla ħsara għall-verifiki mwettqa mill-Qorti ta' l-Awdituri flimkien mal-korpi jew mad-dipartimenti nazzjonali tal-verifika kompetenti skond l-Artikolu 248 tat-Trattat, jew kwalunkwe ispezzjoni mwettqa skond l-Artikolu 279(c) tat-Trattat, l-uffiċjali u l-impjegati oħrajn tal-Kummissjoni jistgħu jwettqu verifika fuq il-post, inklużi verifiki kampjun, fuq azzjonijiet iffinanzjati taħt il-programm.

3. Il-kuntratti u l-ftehim li jirriżultaw minn din id-Deċiżjoni għandhom jipprovdu b'mod partikolari għas-sorveljanza u l-kontroll finanzjarju mill-Kummissjoni (jew kwalunkwe rappreżentant awtorizzat minnha), jekk meħtieġ fuq il-post, u verifiki mill-Qorti ta' l-Awdituri.

4. Għal ħames snin wara l-aħħar pagament għal kwalunkwe azzjoni, il-benefiċjarju ta' l-assistenza finanzjarja għandu jżomm għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni d-dokumenti kollha ta' appoġġ rigward l-infiq fuq l-azzjoni.

5. Fuq il-bażi tar-riżultati tar-rapporti u l-verifiki kampjun msemmija fil-paragrafi 1 u 2, il-Kummissjoni għandha, jekk meħtieġ, taġġusta l-iskala jew il-kundizzjonijiet ta' l-allokazzjoni ta' l-għajnuna finanzjarja approvati oriġinarjament, kif ukoll l-iskeda ta' meta jsiru l-ħlasijiet.

6. Il-Kummissjoni għandha tieħu kull pass ieħor meħtieġ biex tivverifika li l-azzjonijiet iffinanzjati jitwettqu kif suppost u skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni u tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 14

Il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità

1. Il-Kummissjoni għandha taċċerta ruħha li, meta l-azzjonijiet iffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni jiġu implimentati, l-interessi finanzjarji tal-Komunità jkunu protetti bl-applikazzjoni tal-miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività oħra illegali, permezz ta' verifiki effettivi u bil-ġbir lura ta' l-ammonti imħallsa żejda u, jekk jiġu skoperti irregolaritajiet, b'pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi, skond ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 u (Euratom, KE) Nru 2185/96, u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament u tal-Kunsill.

2. Għall-azzjonijiet Komunitarji ffinanzjati taħt dan il-programm, ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 għandhom japplikaw għal kwalunkwe ksur tad-dispożizzjoni tal-liġi Komunitarja, inkluż meta jinkiser obbligu kuntrattwali stipulat fuq il-bażi tal-programm, li jirriżulta minn att jew nuqqas ta' operatur ekonomiku, li għandu, jew ikollu, l-effett li jippreġudika l-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej jew il-baġits amministrati minnhom, b'nefqa mhux iġġustifikata.

3. Il-Kummissjoni għandha tnaqqas, tissospendi jew tiġbor lura l-ammont ta' għajnuna finanzjarja mogħtija għal azzjoni jekk issib irregolaritajiet, inkluż nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni jew id-deċiżjoni individwali jew il-kuntratt jew il-ftehim li jagħtu l-appoġġ finanzjarju konċernat, jew jekk jirriżulta li, mingħajr ma tkun intalbet l-approvazzjoni tal-Kummissjoni, l-azzjoni tkun għaddiet minn tibdil li jmur kontra n-natura jew il-kundizzjonijiet ta' l-implimentazzjoni tal-proġett.

4. Jekk it-termini ta' żmien ma jkunux ġew osservati jew jekk parti biss mill-għajnuna finanzjarja mogħtija tkun iġġustifikata bil-progress li jkun sar bl-implimentazzjoni ta' l-azzjoni, il-Kummissjoni għandha titlob lill-benefiċjarju biex iressaq osservazzjonijiet f'perjodu speċifikat. Jekk il-benefiċjarju ma jagħtix risposta sodisfaċenti, il-Kummissjoni tista' tħassar l-għajnuna finanzjarja li jifdal u titlob il-ħlas lura tas-somom diġà mħallsa.

5. Kwalunkwe ħlas żejjed għandu jitħallas lura lill-Kummissjoni. Għandhom jiżdiedu l-interessi ma' kwalunkwe somma mhux imħallsa lura f'waqtha taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti bir-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 15

L-evalwazzjoni

1. Il-programm għandu jiġi mmonitorjat b'mod regolari sabiex tkun segwita l-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet imwettqin taħt dan il-programm.

2. Il-Kummissjoni għandha tassigura l-valutazzjoni regolari, indipendenti u esterna tal-programm.

3. Il-Kummissjoni għandha tressaq quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill:

   (a) rapport *interim* ta' valutazzjoni fuq ir-riżultati miksuba u l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi ta' l-implimentazzjoni ta' dan il-programm, mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2011;

   (b) Komunikazzjoni dwar il-kontinwazzjoni ta' dan il-programm, mhux aktar tard mit-30 ta' Awissu 2012;

   (c) Rapport dwar l-evalwazzjoni *ex post,* mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014.

Artikolu 16

Id-dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.* Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

FINANCIAL STATEMENT

LEGISLATIVE FINANCIAL STATEMENT

1. NAME OF THE PROPOSAL:

Programme "Fundamental Rights and Justice"

Proposal for a Council Decision establishing the programme "Criminal justice" for the period 2007-2013

Proposal for a decision of the European Parliament and the Council establishing the programme "Civil justice" for the period 2007-2013

Proposal for a Council Decision establishing the programme "Fundamental Rights and Citizenship" for the period 2007-2013

Proposal for a decision of the European Parliament and the Council establishing the programme "Fight against violence (Daphne) and drugs prevention and information" for the period 2007-2013

2. ABM / ABB FRAMEWORK

1804 – Citizenship and Fundamental Rights

1806 – Establishing a genuine European area in criminal in civil matters

1807 – Coordination in the field of drugs

3. BUDGET LINES

3.1. Budget lines (operational lines and related technical and administrative assistance lines (ex- B.A lines)) including headings:

Financial Perspectives 2007-2013: Heading 3.

3.2. Duration of the action and of the financial impact:

2007-2013

3.3. Budgetary characteristics (*add rows if necessary*):

Budget line	Type of expenditure		New	EFTA contribution	Contributions from applicant countries	Heading in financial perspective
Criminal Justice	**Non-comp**	**Diff**	**NO**	**NO**	**Yes**	No **3**
Civil Justice	**Non-comp**	**Diff**	**NO**	**NO**	**Yes**	No **3**
Fundamental Rights and Citizenship	**Non-comp**	**Diff**	**NO**	**No**	**Yes**	No **3**
Fight against violence (Daphne) and drugs prevention and information	**Non-comp**	**Diff**	**NO**	**Yes***	**Yes**	No **3**

*: the programme shall be open to the participation of the EFTA states, subject to the EEA Agreement, in accordance with its provisions.

4. SUMMARY OF RESOURCES

4.1. Financial Resources

4.1.1. Summary of commitment appropriations (CA) and payment appropriations (PA)

EUR million (to 3 decimal places)

Expenditure type	Section no.		2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	2014 -…	Total
Operational expenditure (8.1)											
Commitment Appropriations (CA)	Criminal Justice	a	29,200	29,800	30,400	26,000	26,400	26,900	27,500		196,200
	Civil Justice	a	14,100	14,300	14,600	15,500	15,700	16,000	16,300		106,500
	Fundamental Rights & Citizenship	a	10,600	12,000	13,200	13,500	13,800	15,200	15,500		93,800
	Fight against violence and drugs	a	15,900	17,400	18,800	20,200	20,600	21,000	21,500		135,400
Payment Appropriations (PA)	Criminal Justice	b	14,600	26,640	29,980	28,080	27,080	26,570	27,100	16,150	196,200

	Civil Justice	b	7,050	12,810	14,410	14,990	15,420	15,810	16,090	9,920	106,500
	Fundamental Rights & Citizenship	b	5,300	10,380	12,320	13,110	13,590	14,440	15,070	9,590	93,800
	Fight against violence and drugs	b	7,950	15,210	17,800	19,220	20,120	20,720	21,170	13,210	135,400
Administrative expenditure within reference amount (8.2.4)											
Technical & administrative assistance (NDA)	8.2.4	c	1,200	1,500	1,000	1,800	1,500	1,900	2,200		11,100
TOTAL REFERENCE AMOUNT											
Commitment Appropriations		**a+c**	**71,000**	**75,000**	**78,000**	**77,000**	**78,000**	**81,000**	**83,000**		**543,000**
Payment Appropriations		**b+c**	**36,100**	**66,540**	**75,510**	**77,200**	**77,710**	**79,440**	**81,630**	**48,870**	**543,000**
Administrative expenditure not included within reference amount											
Human resources and associated expenditure (NDA)	8.2.5	d	4,050	4,320	4,752	5,130	5,508	5,832	5,832		35,424

Administrative costs, other than human resources and associated costs, not included in reference amount (NDA)	8.2.6	e	0,670	0,725	0,753	0,768	0,784	0,799	0,815		5,316
Total indicative financial cost of intervention											
TOTAL CA including cost of Human Resources		a+c+d+e	75,720	80,045	83,505	82,898	84,292	87,631	89,647		583,740
TOTAL PA including cost of Human Resources		b+c+d+e	40,820	71,585	81,015	83,098	84,002	86,071	88,277	48,870	583,740

Co-financing details

If the proposal involves co-financing by Member States, or other bodies (please specify which), an estimate of the level of this co-financing should be indicated in the table below (additional lines may be added if different bodies are foreseen for the provision of the co-financing):

EUR million (to 3 decimal places)

Co-financing body		Year n	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n + 5 and later	Total
……	f							
TOTAL CA including co-financing	a+c +d+ e+f							

4.1.2. Compatibility with Financial Programming

X Proposal is compatible with next financial programming 2007-2013

☐ Proposal will entail reprogramming of the relevant heading in the financial perspective.

☐ Proposal may require application of the provisions of the Interinstitutional Agreement [67] (i.e. flexibility instrument or revision of the financial perspective).

4.1.3. Financial impact on Revenue

☐ Proposal has no financial implications on revenue

X Proposal has financial impact – the effect on revenue is as follows:

Contribution from EFTA/EEE States: 2,19 % (2004 figures)

[67] See points 19 and 24 of the Interinstitutional agreement.

EUR million (to one decimal place)

Budget line	Revenue	Prior to action	Situation following action							
			2006	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013
	a) Revenue in absolute terms		0.3	0.4	0.4	0.4	0.5	0.5	0.5	0.5
	b) Change in revenue	*Δ*								

(Please specify each revenue budget line involved, adding the appropriate number of rows to the table if there is an effect on more than one budget line.)

4.2. Human Resources FTE (including officials, temporary and external staff) – see detail under point 8.2.1.

Annual requirements	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013
Total number of human resources	37,5	40	44	47,5	51	54	54

5. CHARACTERISTICS AND OBJECTIVES

5.1. Need to be met in the short or long term

5.1.1. Civil Justice

The promotion and the protection of fundamental rights demand the establishment of a genuine European area of justice. In such an area competent judicial authorities co-operate effectively, and citizens have a better access to justice and are neither prevented nor discouraged from exercising their rights by incompatibilities and complexities of the legal systems, judicial decisions circulate freely among the Member States on the basis of the principle of mutual recognition of judicial decisions, and the good functioning of the judiciary is constantly improved.

The challenge for the Union will be to respond to citizens' expectations for effective solutions to their practical problems. This will imply in particular:

– as the acquis grows, increased efforts of monitoring of its application by the Member States, including through modern means such as databases of case law;

– further legislative action to address the new issues mentioned above, and to improve the ease of access to and efficiency of justice;

– a need to address mutual recognition in a wider sense, including recognition of decisions and documents other than those issued by judicial authorities;

– strengthening of mechanisms for providing information to the public and promote training of and exchanges between practitioners on the implications of the instruments for cooperation in this area;

– further measures to promote understanding and use of common tools and procedures amongst practitioners.

5.1.2. Criminal Justice

The challenge for the Union will be to respond to citizens' expectations for effective solutions to their practical problems. This will imply in particular:

– as the acquis grows, increased efforts of monitoring of its application by the Member States, including through modern means such as databases of case law;

– further legislative action to address the new issues mentioned above, and to improve the ease of access to and efficiency of justice;

– a need to address mutual recognition in a wider sense, including recognition of decisions and documents other than those issued by judicial authorities;

– strengthening of mechanisms for providing information to the public and promote training of and exchanges between practitioners on the implications of the instruments for cooperation in this area;

– legislative measures to put in place and develop common tools for cooperation. This implies inter alia on the one hand more efficient mechanisms of exchange of information between Member States on criminals, in particular on convicted persons by setting up a computerised mechanism to exchange information on criminal records, and on the other hand, to improve standards for certain procedures such as rules on evidence collection and rules on the protection of individuals involved in criminal proceedings, whether they are the accused, witnesses or victims;

– further measures to promote understanding and use of common tools and procedures amongst practitioners.

5.1.3 Fundamental Rights and Justice

The aim of this specific programme of the programme "Fundamental Rights and Justice" is to develop significantly the two existing preparatory actions (promotion of fundamental rights and the support to civil society) introducing new objectives such as the fight against racism, xenophobia and anti-semitism namely through the promotion of an inter-faith and a multicultural dialogue at EU level.

The support to civil society in the field of fundamental rights will be enlarged to cover all Member States while the present preparatory action only covers the ten new Member States.

A special focus will be put on the rights deriving from the citizenship of the Union, recognised as fundamental rights by the Charter, namely to encourage democratic participation.

A significant increase in the financial envelope is planned to reflect the increasing importance of these issues and to respond positively to civil society actors.

5.1.4 Fight against violence (Daphne) and drugs prevention and information

The main challenges facing the Union in relation to tackling drugs over the period of the next financial perspectives can be defined as follows:

– information and research, including the continuation of the work of the European Monitoring Centre for Drugs and Drug Addiction (EMCDDA);

– drug demand reduction since demand feeds the growth of the drugs phenomenon: education, prevention and harm-reduction programmes;

– drug supply reduction, to stop trafficking and drug-related criminality, in particular as concerns new synthetic drugs and their chemical precursors, as well as combating money-laundering;

– enhanced cooperation with third countries concerning drug abuse control and drug demand reduction.

– further legislative activity will be needed in line with new and developing forms of drugs, for example to bring new forms of drugs under established control mechanisms.

Fight against violence (Daphne programme)

The mid term and the final report on the Daphne programme (2000 – 2003) show that organisations have gained from their participation in European partnerships. Bringing associations to work together resulted in more effective programming and better use of resources.

The Daphne programme can thus be seen as successful in mobilising the civil society resulting in partnerships and alliances that are working together for more comprehensive European policies on violence.

The final report of the Daphne programme (2000 – 2003) revealed that there was some room to improvement such as the creation of a helpdesk and an increased focus on dissemination. The Daphne II programme was thus adapted to conform to the finding of that report.

As these changes to the structure of the programme are quite recent, no significant changes need to be introduced.

5.2. Value-added of Community involvement and coherence of the proposal with other financial instruments and possible synergy

The European Union **added value** will be achieved by:

- preparing the ground for the emergence of common strategies and legislation in this field;
- implementing EU policy objectives and their application in national policies;
- supporting the transposition of European Union legislation's and its application in a uniform way through Europe;
- promoting the co-operation and co-ordination mechanisms between Member States;
- cooperating with civil society organisations at European level.

Criteria for evaluation

A set of common evaluation criteria will be used through all specific programmes to evaluate the success of the interventions regarding the European Union added value in relation with the type of effect described above. Example of criteria could be:

- To support only activities needed at European Union level to sustain European Union objectives, European Union laws and European Union implementation mechanism;
- To support activities which will be complementary with those financed at national level;
- To reinforce national exchanges at European Union level, generating synergy effects and economies of scale;
